# DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAZZJONI

2026
2028

EU-LISA

**L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)**

# Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni tal-eu-LISA 2026–2028

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fid-19-20 ta’ Novembru 2025

**Dokument 2024-547 REV 3**

# Werrej


**Illustrazzjonijiet u Tabelli** ....................................... **5**

**Akronimi u abbrevjazzjonijiet** ................................ **6**

**Lista ta' bażijiet legali** ............................................ **7**

**Sistemi tal-ĠAI u soluzzjonijiet diġitali ġestiti mill-eu-LISA** .................................................................... **9**

**Kelmtejn qabel** ........................................................ **12**

**Stqarrija tal-missjoni** ............................................. **13**

**Introduzzjoni** ......................................................... **16**

**TAQSIMA I Kuntest ġenerali** ........................ **17**

**Kuntest tal-politika** ............................................... **18**

**TAQSIMA II. Programmazzjoni pluriennali** .. **22**

**1. Programm ta' ħidma pluriennali** ...................... **23**

1.1. Strateġija fuq terminu twil u objettivi pluriennali ...... 23

1.2. Attivitajiet u riżorsi pluriennali ................................. 24

1.3. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin .................................................................... 28

1.4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni ......... 29

**2. Riżorsi umani u finanzjarji: prospettiva għall-2026-2028** ........................................................... **32**

2.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali .................................................................... 32

2.1.1. Riżorsi umani ........................................................ 32

2.1.2. Nefqa baġitarja totali ............................................. 32

2.2. Prospettiva għall-2026–2028 .................................. 34

2.2.1. Kompiti ġodda ....................................................... 34

2.2.2. Żvilupp tal-kompiti eżistenti .................................. 34

2.3. Programmazzjoni tar-riżorsi għall-2026–2028 ......... 35

2.3.1. Programmazzjoni tar-riżorsi finanzjarji .................... 35

2.3.2. Programmazzjoni tar-riżorsi umani ......................... 35

2.4. Strateġija għall-kisba tat-titjib fl-effiċjenza ............... 37

2.5. Prijoritajiet negattivi jew tnaqqis tal-kompiti eżistenti .................................................................... 38

**TAQSIMA III. Programmazzjoni annwali** ...... **40**

**Sommarju eżekuttiv** ............................................... **41**

**3. Programm ta' ħidma annwali għall-2026** ......... **43**

3.1. Kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi .......................................................... 44

3.1.1. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) ..... 44

3.1.2. Router ċentrali Prüm II (skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija). .............................. 45

3.1.3. Router API-PNR (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri) ............... 46

3.2. Schengen, fruntieri u viżi ......................................... 47

3.2.1. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) ....... 47

3.2.2. Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) ............................. 49

3.2.3. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) .......................... 50

3.3. Migrazzjoni u ażil .................................................... 51

3.3.1. Il-Euradac (Bażi tad-data Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil) ................. 52

3.4. Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja ...................... 54

3.4.1. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) ........................................................... 54

3.4.2. e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online) ............................ 55

3.4.3. Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (PK tas-SIK) ............................ 56

3.5. Interoperabbiltà ....................................................... 57

3.5.1. Interoperabbiltà ....................................................... 57

3.6. Riċerka, innovazzjoni u bini tal-kapaċitajiet ............ 59

3.6.1. Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija .................. 59

3.6.2. Rapportar statutorju ................................................ 60

3.6.3. Taħriġ lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI .......... 60

3.6.4. Evalwazzjonijiet ta' Schengen ................................ 61

3.7. Infrastruttura u networks .......................................... 62

3.7.1. Infrastruttura tas-sistemi kondiviżi .......................... 63

3.7.2. Pjattaformi ta' hosting intelliġenti ........................... 63

3.7.3. Network ................................................................... 64

3.8. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet .......................... 66

3.8.1. Operazzjonijiet tas-sistema ..................................... 66

3.8.2. Tranżizzjoni tas-servizzi .......................................... 66

3.8.3. Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat ............ 68

3.8.4. Appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ............ 69

3.8.5. Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet ............. 69

3.9. Attivitajiet korporattivi .............................................. 69

3.9.1. Governanza ............................................................ 70

3.9.2. Appoġġ korporattiv .................................................. 72

**Annessi** ................................................................ **78**

**Anness I. Organigramma** ........................................ **79**

**Anness II. Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività 83**

**Anness III. Riżorsi finanzjarji 2026–2028** ............ **84**

Dħul .............................................................................. 84

Nefqa ............................................................................ 85

Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ....... 88

**Anness VI. Riżorsi umani: analiżi kwantitattiva 89**

**Anness V. Riżorsi umani: analiżi kwalitattiva** .. **95**

**Anness VI. Ġestjoni ambjentali** .......................... **102**

**Anness VII. Politika tal-bini** ................................ **104**

**Anness VIII. Privileġġi u immunitajiet** ............... **107**

**Anness IX. Evalwazzjonijiet** ................................ **108**

**Anness X. Strateġija għall-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern 109**

Anness XI. Pjan għal għotjiet, kontribuzzjonijiet jew FLS ..................................114
Anness XII. Strateġija għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet terzi u internazzjonali .........115
Anness XIII. Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2026–2028 ................................116

# Illustrazzjonijiet u Tabelli

## Illustrazzjonijiet


▲ Illustrazzjoni 1. Relazzjonijiet kummerċjali bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA 11

▲ Illustrazzjoni 2. Arkitettura tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI ..... 57

▲ Illustrazzjoni 3. Struttura organizzazzjonali ..... 80


## Tabelli


▲ Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA ..... 9

▲ Tabella 2. Riżorsi għal kull attività pluriennali ..... 26

▲ Tabella 3. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni u kontribut għall-politiki tal-UE ..... 29

▲ Tabella 4. Ħarsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2024 ..... 32

▲ Tabella 5. Estimi tal-persunal għall-2026–2028. ..... 36

▲ Tabella 6. Għadd ta' persunal skont l-unità (għal kull kategorija ta' persunal) ..... 81

▲ Tabella 7. Persunal: evoluzzjoni tal-persunal fil-kategoriji kollha ..... 89

▲ Tabella 8. Persunal li mistenni li jiġi ffinanzjat mill-ftehim ta' kontribuzzjoni tal-PK tas-SIK ..... 90

▲ Tabella 9. Servizzi ta' appoġġ estern ..... 90

▲ Tabella 10. Ħaddiema interim 2024 ..... 91

▲ Tabella 11. Tabella tal-persunal għall-2025–2028 ..... 92

▲ Tabella 12. Aġenti kuntrattwali għall-2024–2028 ..... 93

▲ Tabella 13. Esperti nazzjonali sekondati fis-snin 2024–2028 ..... 93

▲ Tabella 14. Previżjonijiet ta' reklutaġġ 2026 (wara l-irtirar/il-mobbiltà jew karigi ġodda mitluba) ..... 94

▲ Tabella 15. Regoli ta' implimentazzjoni għar-reklutaġġ ..... 95

▲ Tabella 16. Ħarsa ġenerali lejn il-miri u l-progress tar-reklutaġġ ..... 95

▲ Tabella 17. Regoli ta' implimentazzjoni għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet ..... 96

▲ Tabella 18. Riklassifikazzjoni ta' persunal temporanju/promozzjoni ta' uffiċjali ..... 97

▲ Tabella 19. Riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt ..... 98

▲ Tabella 20. Rappreżentanza tal-ġeneri tal-persunal statutorju (uffiċjali, TA u CA biss) ..... 99

▲ Tabella 21. Evoluzzjoni tal-ġeneru tal-maniġment medju u superjuri fuq 5 snin ..... 99

▲ Tabella 22. Bilanċ ġeografiku tal-persunal statutorju biss (uffiċjali, TA u CA) ..... 100

▲ Tabella 23. Nazzjonalità l-aktar rappreżentata: evoluzzjoni fuq 5 snin ..... 100

▲ Tabella 24. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti b'impatt possibbli fuq l-objettivi tal-2026–2028 111

▲ Tabella 25. Miżuri ta' rispons u mitigazzjoni għar-riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti ..... 112

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

## Sistemi/soluzzjonijiet tal-IT u l-infrastruttura ta’ komunikazzjoni tagħhom ġestiti mill-eu-LISA

| | |
|---|---|
| **AFIS** | sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba’ |
| **API** | informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri |
| **CCP** | pjattaforma cloud komprensiva |
| **CIR** | repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità |
| **CRRS** | repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika |
| **CSI** | infrastruttura kondiviża komuni |
| **CSLR** | Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni tal-Links Sofor |
| **CSP** | pjattaforma kondiviża komuni |
| **DTA** | applikazzjoni tal-ivvjaġġar diġitali |
| **DTC** | kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali |
| **DubliNet** | Network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta’ Dublin |
| **e-CODEX** | Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta’ Data Online |
| **ECRIS** | Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali |
| **ECRIS RI** | Implimentazzjoni ta’ Referenza tas-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali |
| **ECRIS-TCN** | Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali għal persuni nazzjonali ta’ pajjiżi terzi u persuni apolidi |
| **EES** | Sistema ta’ Dħul/Ħruġ |
| **ESP** | Portal Ewropew tat-tfittxija |
| **ETIAS** | Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| **EU VAP** | Pjattaforma tal-UE għall-Applikazzjoni għal Viża |
| **Eurodac** | Sistema Ewropea għat-tqabbil ta' data dattiloskopika ta' persuni li jfittxu l-ażil |
| **MID** | detettur ta’ identitajiet multipli |
| **PK tas-SIK** | Pjattaforma ta’ kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta’ Investigazzjoni Konġunta |
| **PNR** | reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri |
| **sBMS** | servizz kondiviż ta’ tqabbil bijometriku |
| **SIRENE** | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali |
| **SIS** | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| **TAP** | punt ta’ aċċess lest għall-użu |
| **TESTA EIRIS** | Infrastruttura Msaħħa għal Interkonnettività Affidabbli u Sigurtà TESTA |
| **TESTA-ng** | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida |
| **VIS** | Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża |

## Akronimi oħra li ntużaw:

| | |
|---|---|
| **ACFC** | Il-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi, taħt il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA |
| **BCU** | unità ċentrali ta’ riżerva (ċentru ta’ riżerva f’St Johann im Pongau, l-Awstrija) |
| **CEPOL** | L-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi |
| **COTS** | prodott kummerċjalment disponibbli |
| **CU** | unità ċentrali |
| **DĠ HOME** | Id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni |
| **DĠ JUST** | Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi |
| **EDPS** | Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* |
| **EiO** | dħul fis-seħħ |
| **EMAS** | Skema tal-UE ta’ Ġestjoni u Verifika Ambjentali |
| **ENISA** | L-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà |
| **EUAA** | L-Aġenzija tal-UE għall-Ażil |
| **EUAN** | Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea |
| **eu-LISA** | L-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| **Eurojust** | L-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali |
| **Europol** | L-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi |
| **FLS** | ftehim fil-livell tas-servizz |
| **FRA** | L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali |
| **Frontex** | L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| **FSA** | aċċettazzjoni tas-sistema finali |
| **FTE** | ekwivalenti ta’ ingaġġ full-time |
| **ĠAI** | ġustizzja u affarijiet interni |
| **ĠU** | Il-Ġurnal Uffiċjali |
| **IAC** | Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA |
| **ICD** | Dokument ta’ kontroll tal-interfaċċa |
| **ITSM** | Ġestjoni tas-servizzi tal-IT |
| **JHAAN** | Network tal-Aġenziji tal-ĠAI |
| **JRC** | Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni |
| **KPI** | indikatur ewlieni tal-prestazzjoni |
| **SEMM** | Mekkaniżmu ta’ Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta’ Schengen |
| **SNE** | espert nazzjonali sekondat |
| **SPD** | dokument uniku ta’ programmazzjoni |
| **TCN** | nazzjonal ta’ pajjiż terz |
| **TEF** | qafas ta’ inġinerija trażversali |
| **TOF** | qafas ta’ operazzjonijiet trażversali |
| **USK** | kit ta’ software tal-utent |

# Lista ta' bażijiet legali

## Orizzontali

**Ir-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA**

*Ir-Regolament (UE) 2018/1726*, ĠU L 295, 21.11.2018

**L-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali**

*Ir-Regolament (UE) 2024/1689*, ĠU L, 12.6.2024

## Is-Sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI u l-arkitettura tal-interoperabbiltà

**Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)**

*Ir-Regolament (UE) 2018/1860*, ĠU L 312, 7.12.2018

*Ir-Regolament (UE) 2018/1861*, ĠU L 312, 7.12.2018

*Ir-Regolament (UE) 2018/1862*, ĠU L 312, 7.12.2018

*Ir-Regolament (UE) 2022/1190*, ĠU L 185, 12.7.2022

**Router ċentrali Prüm II**

*Ir-Regolament (UE) 2024/982*, ĠU L, 5.4.2024

**Router API-PNR (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri)**

*Ir-Regolament (UE) 2025/12,* ĠU L 08.01.2025

*Ir-Regolament (UE) 2025/13*, ĠU L 08.01.2025

**Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)**

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE*, ĠU L 213, 15.6.2004

*Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/602/KE*, ĠU L 194, 23.7.2

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI*, ĠU L 218, 13.8.2008

*Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008*, ĠU L 218, 13.8.2008

*Ir-Regolament (UE) 2021/1133*, ĠU L 248, 13.7.2021

*Ir-Regolament (UE) 2021/1134*, ĠU L 248, 13.7.2021

*Ir-Regolament (UE) 2023/2667*, ĠU L, 7.12.2023

*Ir-Regolament (UE) 2023/2685*, ĠU L, 7.12.2023

**Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)**

*Ir-Regolament (UE) 2017/2226*, ĠU L 327, 9.12.2017

*Ir-Regolament (UE) 2017/2225*, ĠU L 327, 9.12.2017

**Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)**

*Ir-Regolament (UE) 2018/1240*, ĠU L 236, 19.9.2018

*Ir-Regolament (UE) 2018/1241*, ĠU L 236, 19.9.2018

**Euradac (Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil)**

*Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003*, OJ L 222 2003

*Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013*, ĠU L 180, 29.6.2013

*Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013*, ĠU L 180, 29.6.2013

*Ir-Regolament (UE) 2024/1356*, ĠU L, 22.5.2024

*Ir-Regolament (UE) 2024/1358*, ĠU L, 22.5.2024

**Interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE**

*Ir-Regolament (UE) 2019/817*, ĠU L 135, 22.5.2019

*Ir-Regolament (UE) 2019/818*, ĠU L 135, 22.5.2019

**e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online)**

*Ir-Regolament (UE) 2022/850*, ĠU L 150, 1.6.2022

**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN)**

*Ir-Regolament (UE) 2019/816*, ĠU L 135, 22.5.2019

*Ir-Regolament (UE) 2024/1352*, ĠU L, 22.5.2024

**Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (PK tas-SIK)**

*Ir-Regolament (UE) 2023/969*, ĠU L 132, 17.5.2023

**Ir-Regolamenti tal-UE dwar il-protezzjoni u l-ipproċessar tad-*data***

*Ir-Regolament (UE) 2018/1725*, ĠU L 295, 21.11.2018

*Ir-Regolament (UE) 2016/679*, ĠU L 119, 4.5.2016

*Id-Direttiva (UE) 2016/680*, ĠU L 119, 4.5.2016

**Dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sistema dwar il-protezzjoni tad-*data***

*Ir-Regolament (UE) 2018/1726*, l-Art. 2, 35, 36

*Ir-Regolament (UE) 2018/1860*, l-Art. 16, 19

*Ir-Regolament (UE) 2018/1861*, l-Art. 9, 15-18, 41-57

*Ir-Regolament (UE) 2018/1862*, l-Art. 16-18, 56-71

*Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008*, l-Art. 26-32, 34, 42-43, 50

*Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013*, l-Art. 23-37

*Ir-Regolament (UE) 2022/850*, l-Art. 7, 11, 16

*Ir-Regolament (UE) 2017/2226*, l-Art. 5-8, 13, 34-35, 37-49, 56-57, 63, 65, 72

*Ir-Regolament 2018/1240*, l-Art. 6, 35, 45-46, 54-70, 73-74

*Ir-Regolament (UE) 2019/816*, l-Art. 4, 11, 13, 19-20, 23-27, 29, 31-32, 34-36

*Ir-Regolament (UE) 2019/817*, u *2019/818*l-Art. 8-12, 16-17, 23-25, 28, 35-55

# Sistemi tal-ĠAI u soluzzjonijiet diġitali ġestiti mill-eu-LISA

▲ **Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA**

| Skop tas-sistema | dħul fis-seħħ | Status |
|---|---|---|
| **Ażil, migrazzjoni u fruntieri** | | |
| **Eurodac │ Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil** | | |
| Bażi tad-*data* tal-UE tal-marki tas-swaba' diġitalizzati għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil skont ir-Regolament ta' Dublin. L-Eurodac tassisti fl-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli billi tiddetermina jekk l-applikant ikunx talab l-ażil qabel f'pajjiż ieħor tal-UE. Biex tiġġieled b'mod aħjar il-migrazzjoni irregolari, l-eu-LISA se twettaq aġġornament kbir, se tfassal mill-ġdid is-sistema ċentrali u se tintroduċi funzjonalitajiet ġodda. | 2003 | **fis-seħħ**<br>ġestita mill-eu-LISA minn Ġunju 2013 |
| **Sigurtà interna u fruntieri tal-UE** | | |
| **SIS │ Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen** | | |
| Is-SIS hija l-akbar sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u għall-iżgurar tas-sigurtà interna taż-żona Schengen. Is-SIS tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti dwar x'għandhom jagħmlu meta jinstabu l-persuni jew l-oġġetti. Bħala tali, din isservi bħala għodda imprezzabbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntiera. | 1995 | **fis-seħħ**<br>ġestita mill-eu-LISA minn Mejju 2013 |
| **Router ċentrali Prüm II │skambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija** | | |
| Ir-router ċentrali l-ġdid għall-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija se jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju tad-*data* bejn l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera b'mod aktar effiċjenti. Dan se jissostitwixxi l-konnessjonijiet individwali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali u se jespandi d-*data* disponibbli mid-DNA, mill-marki tas-swaba' u mir-reġistrazzjoni tal-vetturi għal kategoriji ġodda, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ u r-rekords tal-pulizija. | 2027 | **fil-fażi ta' żvilupp** |
| **Router API-PNR│ informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri** | | |
| Ir-router API-PNR se jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-verifiki fil-fruntieri u għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja billi jittrasferixxi d-*data* tal-vjaġġaturi u l-informazzjoni dwar it-titjiriet qabel il-wasla tagħhom. Ir-router se jservi bħala punt ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għat-trasferiment ta' *data* API u PNR. | 2029 | **fil-fażi ta' żvilupp** |
| **Fruntieri Schengen u viżi** | | |
| **VIS │ Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** | | |
| Il-VIS tiffaċilita l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża u l-ġestjoni tal-viżi għal soġġorn qasir għal persuni nazzjonali ta' pajjiż terz li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Din tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi u tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viżi billi tassisti fl-identifikazzjoni ta' persuni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għas-soġġorn jew għad-dħul. | 2011 | **fis-seħħ**<br>ġestita mill-eu-LISA minn Diċembru 2012 |
| **EES │ Sistema ta' Dħul/Ħruġ** | | |
| L-EES hija stabbilita biex tissimplifika l-proċeduri ta' kontroll fuq il-fruntieri billi tissostitwixxi l-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-reġistrazzjoni elettronika tal-persuni nazzjonali kollha ta' pajjiżi terzi li jidħlu u joħorġu miż-żona Schengen. Ladarba tibda tintuża, l-EES se tiżgura monitoraġġ aħjar ta' soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn u b'hekk se tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u għat-tisħiħ tas-sigurtà interna, filwaqt li tgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. | 2025 | **operazzjonali**<br>bidu progressiv: Ottubru 2025; implimentazzjoni sħiħa sa April 2026 |
| **ETIAS │ Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar** | | |
| L-ETIAS hija sistema ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar online għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi eżenti mill-obbligu tal-viża li jivvjaġġaw lejn 30 pajjiż Ewropew. Din is-sistema ta' skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar tqabbel l-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI, kif ukoll fil-bażijiet tad-*data* tal-Europol, għall-identifikazzjoni minn qabel ta' riskji potenzjali ta' sigurtà, migrazzjoni irregolari jew epidemija li jistgħu jagħtu raġunijiet għal ċaħda tad-dħul ta' nazzjonal ta' pajjiż terz fiż-żona Schengen. L-awtorizzazzjonijiet tal-ETIAS se jiġu vverifikati mit-trasportaturi tal-ajru, tal-baħar u tal-art qabel l-imbarkazzjoni, kif ukoll mill-gwardji tal-fruntieri, fil-fruntieri esterni ta' Schengen. | 2026 | **fil-fażi ta' żvilupp** |

| | | |
|---|---|---|
| **EU VAP │ Pjattaforma tal-UE għall-Applikazzjoni għal Viża** | | |
| L-EU VAP hija pjattaforma diġitali, komuni għall-Istati Membri kollha, li se tippermetti lill-applikanti għal viża japplikaw għal viża online. Din se tiddetermina awtomatikament liema Stat Membru jkun kompetenti biex jeżamina applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun beħsiebu jżur bosta Stati Membri. | 2028 | **fil-fażi ta' żvilupp** |
| **Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja** | | |
| **ECRIS RI │ Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – implimentazzjoni ta' referenza** | | |
| L-ECRIS-RI hija sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rekords kriminali taċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll persuni nazzjonali ta' pajjiżi oħra. L-ECRIS RI toffri interfaċċa ta' integrazzjoni li tippermetti l-konnessjoni bejn ir-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali tal-Istati Membri. | 2012 | **fis-seħħ**<br>ġestita mill-eu-LISA minn April 2020 |
| **ECRIS-TCN │ Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi** | | |
| L-ECRIS-TCN, l-ewwel sistema tal-IT żviluppata bis-sħiħ mill-eu-LISA għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE, tiffaċilita l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi. Bħala tali, din tappoġġa l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji madwar l-Ewropa. | 2026 | **fil-fażi ta' żvilupp** |
| **e-CODEX │ Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online** | | |
| L-e-CODEX hija pjattaforma ta' komunikazzjoni li tiffaċilita t-trażmissjoni sigura ta' kontenut elettroniku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-professjonisti legali fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Ewropa. | 2013 | **fis-seħħ**<br>ġestita mill-eu-LISA minn Ġunju 2024 |
| **PK tas-SIK │ pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta** | | |
| Il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK se tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, l-aġenziji rilevanti tal-UE u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), bil-ħsieb li jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera. | 2026 | **fil-fażi ta' żvilupp** |
| **Interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE** | | |
| **Arkitettura ġdida tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI** | | |
| L-interoperabbiltà hija l-kapaċità tas-sistemi interkonnessi li jikkondividu d-*data* u jiskambjaw informazzjoni, filwaqt li jipprovdu lill-awtoritajiet rilevanti aċċess simplifikat għal informazzjoni komprensiva.<br>L-interoperabbiltà tas-sistemi ġenerali għad-dominju tal-ĠAI se tkun permessa permezz tal-komponenti li ġejjin li jiffaċilitaw it-tfittxijiet awtorizzati u l-iskambju ta' informazzjoni:<br>▪ il-**portal Ewropew tat-tfittxija**(ESP): mezz ta' tfittxija unika għal tfittxijiet rapidi fis-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA,<br>▪ is-**servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku** (sBMS) għal tqabbil trażversali ta' *data* bijometrika fis-sistemi kollha tal-ĠAI,<br>▪ ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità** (CIR) għall-identifikazzjoni korretta ta' persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi (*data* bijografika u bijometrika),<br>▪ id-**detettur ta' identitajiet multipli** (MID) għall-kxif ta' identitajiet multipli u għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità.<br>Barra minn hekk, dan jinkludi r-**repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika** (CRRS) għall-ġenerazzjoni ta' rapporti statistiċi aggregati bejn is-sistemi. | 2024–2028[1] | **fil-fażi ta' żvilupp** |

[1] Sakemm jiġi adottat il-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà għall-perjodu 2027–2028.

### Relazzjonijiet kummerċjali bejn sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA

Id-dijagramma tiddeskrivi/turi l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-ĠAI tal-UE – **SIS, VIS** u **Eurodac** – u s-sistemi l-ġodda li jinsabu fil-fażi ta' żvilupp – **EES, ETIAS, ECRIS-TCN**, flimkien mal-komponenti u l-għodod li se jippermettu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni integrata tal-fruntieri u s-sigurtà interna msaħħa għaż-Żona Schengen.

Jekk jogħġbok innota li l-links bejn is-SIS, l-EES u l-ETIAS u bejn l-ECRIS-TCN u l-EES se jgħaddu mill-komponenti tal-interoperabbiltà ppreżentati hawn taħt.

▲ **Illustrazzjoni 1. Relazzjonijiet kummerċjali bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA**[2]




---

2 ** Partijiet mill-funzjonalità se jiġu konnessi mal-arkitettura komprensiva tal-interoperabbiltà tal-ĠAI.



# Kelmtejn qabel

**Iż-żona Schengen hija waħda mill-akbar kisbiet tal-Unjoni Ewropea – spazju fejn il-libertà ta' moviment, il-fiduċja u r-responsabbiltà kondiviża biddlu l-Ewropa. Wara din il-viżjoni hemm arkitettura diġitali li tiżgura s-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament bla xkiel tal-fruntieri esterni tal-UE.**

L-eu-LISA kisbet postha fil-qalba tar-realtà diġitali ta' Schengen, billi ħadmet bla heda biex tipprovdi servizzi aħjar li jħallu impatt pożittiv fuq il-ħajja ta' kważi 450 miljun ċittadin Ewropew. Fl-istess ħin, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja rriżultat ukoll bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE u l-eu-LISA se tkompli tisfrutta s-setgħa tat-teknoloġija diġitali biex ittejjeb il-kollaborazzjoni bejn il-prattikanti tal-ġustizzja u toffri servizzi aħjar liċ-ċittadini tal-UE.

L-ingranaġġ ta' teknoloġija tal-ogħla livell biex tappoġġa lill-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħhom biex iżommu l-Ewropa miftuħa u sigura, l-Aġenzija tiffoka biex twettaq l-għan ambizzjuż li jinvolvi l-implimentazzjoni ta' waħda mis-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri l-aktar avvanzati tad-dinja. Fit-12 ta' Ottubru 2025, l-eu-LISA laħqet stadju importanti sinifikanti f'dan il-vjaġġ – id-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) li kienet antiċipata ħafna. Aktar mill-implimentazzjoni ta' sistema teknoloġika kumplessa, dan l-istadju importanti juri l-futur tal-integrazzjoni, is-sigurtà u l-eċċellenza diġitali tal-Ewropea. Dan juri wkoll il-kapaċità tal-Aġenzija li twassal infrastruttura kritika fuq skala kbira u kritika għall-missjonijiet li ssaħħaħ direttament il-fruntieri esterni tal-UE filwaqt li tippreserva d-dritt fundamentali għall-moviment liberu.

Is-sena li ġejja titlob impenn u determinazzjoni ugwali mill-Aġenzija. L-istadju importanti ewlieni li jmiss tagħna – id-dħul fis-seħħ tal-Eurodac il-ġdida f'Ġunju 2026 – li se jimmarka pass kritiku ieħor lejn il-bini ta' arkitettura Ewropea moderna u interoperabbli għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil. L-Eurodac mhux biss se ssaħħaħ l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE iżda se tikkontribwixxi wkoll għal identifikazzjoni aħjar, mekkaniżmi ta' protezzjoni aktar b'saħħithom, u teħid ta' deċiżjonijiet aktar infurmat madwar l-Unjoni Ewropea. Filwaqt li tibni fuq dan il-momentum, l-eu-LISA hija lesta wkoll biex fl-2026 twettaq is-sistemi li fadal fl-arkitettura tal-interoperabbiltà – l-ETIAS u l-ECRIS-TCN.

Fl-istess ħin, l-eu-LISA se tkompli tiżgura t-tmexxija operattiva bla xkiel tas-sistemi eżistenti tal-ĠAI tal-UE fi ħdan il-mandat tagħna – is-SIS, il-VIS, l-EES, il-Eurodac, u l-e-CODEX – filwaqt li żżomm livell għoli ta' disponibbiltà u rispons. F'dan ir-rwol, is-salvagwardja tas-sigurtà ta' dawn is-sistemi u l-protezzjoni tad-*data* se jibqgħu fost l-ogħla prijoritajiet tagħna. Meta jiġi kkunsidrat li dawn is-sistemi qed isiru dejjem aktar interkonnessi, u l-volum tad-*data* qed ikompli jikber b'mod esponenzjali, bl-istess mod tikber ukoll ir-responsabbiltà tagħna li nipproteġu dik id-*data*. Għal dak il-għan, l-eu-LISA se tkompli ssaħħaħ il-qagħda taċ-ċibersigurtà tagħha saħansitra aktar permezz ta' monitoraġġ imsaħħaħ, operazzjonijiet ta' sigurtà kkoordinati, u kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-protezzjoni tad-*data* personali u l-iżgurar tal-fiduċja taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet se jkomplu jiggwidaw kull deċiżjoni teknika u operazzjonali li nieħdu.

Fl-eu-LISA, l-impjegati tagħna jibqgħu l-ixprun wara l-kisbiet tagħna tal-passat u dawk futuri. Hemm bżonn ta' fokus u determinazzjoni strateġika biex jiġu ġestiti u żviluppati s-sistemi tal-IT fuq skala kbira. L-għarfien espert u r-reżiljenza tal-persunal tal-eu-LISA jippermettu li l-Aġenzija taħdem b'eċċellenza anki taħt pressjoni. F'dawn l-aħħar snin, l-eu-LISA għamlet progress sinifikanti permezz tan-navigazzjoni ta' serje ta' regolamenti, strateġiji, azzjonijiet, negozjati u deċiżjonijiet aġġornati u ġodda. Matul il-vjaġġ tagħha, l-Aġenzija wriet impenn qawwi biex iżżomm ir-reputazzjoni tagħha u l-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati tagħha, fit-twettiq tal-missjoni tagħha billi implimentat il-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI tal-UE u, b'mod aktar ġenerali, appoġġat iż-żona Schengen u l-Unjoni Ewropea u kisbet b'suċċess l-aspirazzjonijiet tagħha relatati mat-trasformazzjoni diġitali.

Flimkien mal-partijiet ikkonċernati tagħna, l-Aġenzija se tkompli tibdel il-viżjoni tal-UE f'realtà — billi timplimenta gradwalment, pass pass, sistema, stadju importanti u konnessjoni sigura.

**Tillmann Keber**,

Direttur Eżekuttiv

# Stqarrija tal-missjoni

**L-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) hija responsabbli mit-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI).[3] Minn meta bdiet topera fl-2012, l-Aġenzija kienet qiegħda tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki tal-ĠAI minn viżi, migrazzjoni u ażil sa sigurtà interna u ġustizzja. Ir-responsabbiltajiet tal-eu-LISA jiffukaw fuq l-iffaċilitar tal-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti madwar l-Ewropa biex tiġi żgurata ġestjoni mmexxija mid-*data* tal-fruntieri esterni tal-UE u fid-dominju tal-ġustizzja, filwaqt li toffri esperjenza sigura u bla xkiel għall-vjaġġaturi internazzjonali.**

Il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija hija li tiżgura l-operat effettiv, sigur u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE f'konformità mal-bażi legali u l-ftehimiet rispettivi fil-livell tas-servizz, kif ukoll il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-rekwiżiti tas-sigurtà.[4] Id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi tal-IT hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-UE u l-libertà ta' moviment għaċ-ċittadini tal-UE.

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen, attwalment l-eu-LISA qed tiġġestixxi s-sistemi li ġejjin:

- is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),
- is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS),
- il-Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil (Eurodac),
- is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES).

Barra minn hekk, l-eu-LISA tappoġġa wkoll id-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE billi tiffaċilita komunikazzjoni sigura bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera permezz:

- tas-sistema e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online),
- tal-implimentazzjoni ta' referenza tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS RI).

Sabiex tkompli ssaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri mmexxija mid-*data* u tirrinforza s-sigurtà interna taż-żona Schengen, l-eu-LISA ġiet inkarigata mill-iżvilupp ta' **arkitettura tal-interoperabbiltà komprensiva għad-dominju tal-ĠAI**, flimkien mas-**sistemi l-ġodda** li ġejjin:

- is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS),
- l-ECRIS għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN),
- l-Eurodac il-ġdida,
- is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) Riveduta,
- ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS),
- u komponenti tal-interoperabbiltà: il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), id-detettur ta' identitajiet multipli (MID).

F'dawn l-aħħar ftit snin, l-Aġenzija ġiet inkarigata wkoll bl-iżvilupp ta' bosta sistemi ġodda:

- ir-Router ċentrali Prüm II (skambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija),
- ir-Router API-PNR (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri),
- Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (PK tas-SIK),
- il-Pjattaforma tal-UE ta' Applikazzjoni għal Viża (EU VAP).

---

[3] *Ir-Regolament (UE) 2018/1726*, ĠU L 295, 21.11.2018.

[4] Għal ħarsa ġenerali lejn ir-regolamenti li jirregolaw is-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA, jekk jogħġbok irreferi għall-bażijiet legali elenkati fil-paġna 7.

Sabiex tiżgura l-għarfien espert tal-ogħla livell għall-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha – il-Kummissjoni, l-Istati Membri u aġenziji oħra tal-UE, l-eu-LISA timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi fir-**riċerka u l-innovazzjoni**, biex tidentifika u tittestja soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bl-għan li tkompli ssaħħaħ l-effiċjenza operazzjonali tagħha u tixpruna t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI. Barra minn hekk, l-eu-LISA tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja lill-utenti finali tas-sistemi tal-ĠAI, inkluż appoġġ 24 siegħa kuljum, taħriġ tal-utenti u rapportar dwar il-prestazzjoni tas-sistema.

L-Aġenzija tibqa' trasparenti u responsabbli lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha u lejn iċ-ċittadini tal-UE.




* The development and operational management of the e-CODEX is in Tallinn, Estonia.

## Protezzjoni tad-*data*

Matul l-attivitajiet kollha tagħha, l-eu-LISA hija impenjata li tiżgura **livell għoli ta' protezzjoni tad-*data***, f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Meta tipproċessa d-*data* personali, l-eu-LISA tqis bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, inkluż ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-*data* personali kif minqux fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[5]. L-Aġenzija tirrispetta l-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725[6], jiġifieri l-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni, ir-responsabbiltà, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità. Fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda, u l-interoperabbiltà tagħhom, l-eu-LISA tagħti attenzjoni partikolari dak li jirrigwarda l-**protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku**, kif stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679[7] u l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680.[8]

---

[5] *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*, ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389–405.

[6] *Ir-Regolament (UE) 2018/1725* tat-23 ta' Ottubru 2018, **UE-DPR**.

[7] *Ir-Regolament (UE) 2016/679*, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, **GDPR**.

[8] *Id-Direttiva (UE) 2016/680*, dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.

## TRADUZZJONI paġna 12

| | |
|---|---|
| ***MISSION*** | ***MISSJONI*** |
| *we aim to support the EU and its Member States in their efforts to keep Europe open and secure through advanced technology* | *l-għan tagħna huwa li nappoġġaw l-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħhom biex iżommu l-Ewropa miftuħa u sigura permezz ta' teknoloġija avvanzata* |
| | |
| ***VISION*** | ***VIŻJONI*** |
| *we strive to provide innovative and practical solutions for the EU's evolving needs, while also driving digital transformation in the area of justice and home affairs* | *aħna nistinkaw biex nipprovdu soluzzjonijiet innovattivi u prattiċi għall-ħtiġijiet tal-UE li qed jevolvu, filwaqt li nixprunaw ukoll it-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni* |
| | |
| ***CORE VALUES*** | ***VALURI EWLENIN*** |
| | |
| ***Accountability*** | ***Akkontabbiltà*** |
| *deploying a robust governance framework, cost-efficient operations and sound financial management* | *nimplimentaw qafas ta' governanza robust, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba* |
| | |
| ***Transparency*** | ***Trasparenza*** |
| *engaging in continuous dialogue with key stakeholders to define eu-LISA's long-term development strategy* | *ninvolvu lilna nfusna fi djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati ewlenin biex niddefinixxu l-istrateġija ta' żvilupp tal-eu-LISA fuq terminu twil* |
| | |
| ***Excellence*** | ***Eċċellenza*** |
| *having the right organisational structure, processes and people to ensure service continuity and quality of tools provided to the Member States* | *għandna l-istruttura organizzattiva, il-proċessi u l-persunal adatti biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz kif ukoll il-kwalità tal-għodod li jiġu pprovduti lill-Istati Membri* |
| | |
| ***Continuity*** | ***Kontinwità*** |
| *making the best use of expertise, knowledge and investments provided by the Member States, and their continued development* | *nagħmlu l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti pprovduti mill-Istati Membri, u l-iżvilupp kontinwu tagħhom* |
| | |
| ***Teamwork*** | ***Ħidma f'tim*** |
| *empowering each team member to make the best use of their knowledge and experience, contributing to shared success.* | *insaħħu l-ħiliet ta' kull membru tat-tim biex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, u b'hekk jikkontribwixxi għal suċċess kondiviż.* |
| | |
| ***Customer focus*** | ***Fokus fuq il-konsumatur*** |
| *ensuring that eu-LISA's activities are always aligned with the needs and demands of its stakeholders* | *niżguraw li l-attivitajiet tal-eu-LISA jkunu dejjem allinjati mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha* |
| | |
| | |
| ***HEADQUARTERS*** | ***KWARTIERI ĠENERALI*** |
| *Tallinn, Estonia* | *Tallinn, l-Estonja* |
| ***OPERATIONAL SITE*** | ***SIT OPERAZZJONALI*** |
| *Strasbourg, France* | *Strażburgu, Franza* |
| ***LIAISON OFFICE*** | ***UFFIĊĊJU TA' KOLLEGAMENT*** |
| *Brussels, Belgium* | *Brussell, il-Belġju* |
| ***TECHNICAL BACK-UP SITE*** | ***SIT TEKNIKU TA' BACKUP*** |
| *St Johan im Pongau, Austria* | *St Johann im Pongau, l-Awstrija* |

# Introduzzjoni

**Dan id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) jippreżenta ħarsa ġenerali strutturata lejn l-objettivi u l-attivitajiet ippjanati tal-Aġenzija, inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi (finanzjarji u umani) biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza fit-twettiq tal-mandat tagħha.**

L-SPD jippreżenta l-prijoritajiet u l-attivitajiet tal-eu-LISA abbażi tal-objettivi operazzjonali tal-Aġenzija u l-prijoritajiet politiċi tal-UE. Bħala tali, dan jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA ċarezza u garanzija li l-Aġenzija qed tadotta approċċ sistematiku u konsistenti biex twettaq il-mandat tagħha bl-użu effiċjenti tar-riżorsi umani u finanzjarji allokati.

Barra minn hekk, l-SPD iservi wkoll bħala deċiżjoni ta' finanzjament li tiddeskrivi l-allokazzjonijiet tar-riżorsi tal-eu-LISA fl-attivitajiet kollha ppjanati għall-2026. Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi deskrizzjoni ċara tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati ir-rekwiżiti ġodda u l-ħtiġijiet emerġenti, filwaqt li jżomm u jiżviluppa aktar il-livell eżistenti ta' eċċellenza operazzjonali tiegħu.

- It-**Taqsima 1** tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kuntest ekonomiku, ta' politika u regolatorju ġenerali tal-ħidma tal-eu-LISA, filwaqt li tenfasizza fid-dettall l-isfidi, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li dan id-dokument għandu l-għan li jindirizza.
- It-**Taqsima 2** tiddeskrivi l-pjan pluriennali ta' tliet snin (2026–2028), l-attivitajiet u r-riżorsi, filwaqt li tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-fokus fuq terminu twil tal-Aġenzija u l-pjanijiet tagħha biex twassal l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi.
- It-**Taqsima 3** telabora aktar dwar kif l-Aġenzija tippjana li teżegwixxi l-**prijoritajiet pluriennali tagħha fl-2025**, inkluż ir-ripartizzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- L-**annessi** għal dan id-dokument jipprovdu ħarsa aktar dettaljata lejn l-utilizzazzjoni tar-riżorsi, filwaqt li jipprovdu wkoll trasparenza addizzjonali dwar il-ħidma u l-operazzjonijiet tal-Aġenzija.

### ↘ Sfond legali

L-Artikolu 24(3)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1726 li jistabbilixxi l-eu-LISA jagħti l-kompitu lid-Direttur Eżekuttiv biex tħejji d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija u twettaq konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni u mal-Gruppi Konsultattivi qabel ma tippreżentah għall-adozzjoni lill-Bord tat-Tmexxija.

L-Artikoli 19(1)(q) u (r) tal-istess Regolament jagħtu l-mandat lill-Bord tat-Tmexxija biex jadotta d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija.



### Struttura tad-dokument ta' programmazzjoni

Dan id-dokument ta' programmazzjoni huwa strutturat f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni[9]. Il-preżentazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija hija mibnija fuq sett ta' **portafolli**.[10] F'dan il-kuntest, "portafoll" jirreferi għal ġabra ta' attivitajiet, proġetti individwali u kompiti mhux ta' proġett ġestiti bħala grupp. Il-portafolli huma raggruppati skont l-oqsma ta' ħidma operazzjonali tal-Aġenzija: il-migrazzjoni u l-ażil, is-sigurtà interna u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, Schengen, il-fruntieri u l-viża, il-kooperazzjoni fil-ġustizzja, l-interoperabbiltà u l-infrastruttura, kif ukoll l-appoġġ għall-operazzjonijiet, il-governanza u l-funzjonijiet korporattivi.

Dan l-approċċ jiżgura koordinazzjoni aħjar bejn proġetti individwali u attivitajiet mhux ta' proġett, filwaqt li jiffaċilita wkoll l-ilħuq tal-objettivi strateġiċi u operazzjonali tal-eu-LISA permezz tal-użu ottimizzat tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli. Dan jippermetti wkoll sinerġiji u ekonomiji ta' skala u l-aħjar użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

---

[9] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2020 [*COM (2020) 2297*] dwar it-tisħiħ tat-tmexxija tal-Korpi tal-Unjoni skont Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju 2018/1046 u fuq il-linji gwida għad-dokument uniċi ta' programmazzjoni (SPD).

[10] L-għadd ta' portafolli huwa soġġett għal bidla maż-żmien skont l-evoluzzjoni tal-kompiti assenjati lill-eu-LISA.

# 1 KUNTEST ĠENERALI

# Kuntest tal-politika

L-innovazzjoni diġitali u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda qed jittrasformaw b'mod rapidu l-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u l-kooperazzjoni fil-ġustizzja tal-UE. Bħala l-aġenzija tal-UE responsabbli mit-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA se tkompli tkun waħda mill-kontributuri ewlenin għad-**diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) tal-UE**. Il-perjodu 2026-2028 se jkun mument kruċjali għall-eu-LISA li qed tiżviluppa bosta sistemi interoperabbli u soluzzjonijiet diġitali ġodda li se jiffurmaw **waħda mis-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri l-aktar teknoloġikament avvanzati u interkonnessi fid-dinja** biex issaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen, filwaqt li tiffaċilita wkoll l-ivvjaġġar internazzjonali aktar bla xkiel lejn l-Ewropa. Id-dħul fis-seħħ f'waqtu u b'suċċess ta' sistemi ġodda u l-interoperabbiltà tagħhom se jibqgħu jirrappreżentaw prijorità ewlenija għall-eu-LISA fis-snin li ġejjin.

### Arkitettura tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI

Il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE, il-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u r-rispons għat-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi (jiġifieri t-terroriżmu jew il-kriminalità organizzata) jiddependu mill-iskambju f'waqtu u komprensiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej rilevanti, iffaċilitat l-aħjar minn sistemi ta' informazzjoni moderni u interoperabbli. Fis-snin li ġejjin, l-eu-LISA se tniedi bosta sistemi ġodda, flimkien ma' **arkitettura globali tal-interoperabbiltà** li tgħaqqad is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI tal-UE biex tipprovdi approċċ integrat għall-ġestjoni tal-fruntieri.

B'segwitu għad-dħul fis-seħħ tal-EES fit-12 ta' Ottubru 2025, l-Aġenzija tkompli bl-iżvilupp tas-**sistemi l-ġodda li ġejjin** li se jkomplu jsaħħu s-sigurtà interna taż-żona Schengen kif ukoll jiffaċilitaw l-ivvjaġġar internazzjonali lejn l-Ewropa: L-**ETIAS** għall-iskrinjar minn qabel tal-vjaġġaturi eżentati mill-viża, il-**Eurodac il-Ġdida** bħala s-sistema ewlenija għall-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u l-**VIS Riveduta** għal kontrolli tas-sigurtà mtejba tal-applikanti għal viża. Dawn is-sistemi l-ġodda, u l-**komponenti tal-interoperabbiltà** (ESP, sBMS, CIR, MID), flimkien mas-CRRS, se jiġu introdotti b'mod gradwali u integrati mas-sistemi eżistenti (SIS, VIS u EES) biex jikkostitwixxu arkitettura globali tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI tal-UE.

Minbarra l-iffaċilitar tal-effiċjenza operazzjonali, l-istabbiliment tal-interoperabbiltà tas-sistemi se jipprovdi statistika bejn is-sistemi li tkopri d-dominju kollu tal-ĠAI, li se tikkontribwixxi kontribut imprezzabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet mmexxi mid-*data* u t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

### Ġestjoni tal-migrazzjoni u sigurtà tal-fruntieri

B'segwitu għall-adozzjoni tal-**Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** f'Mejju 2024, l-eu-LISA se jkollha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, b'mod partikolari permezz tat-tiġdid tas-sistema ta' ġestjoni tal-ażil tal-UE, il-**Eurodac.**[11] Ir-Regolament Eurodac riformulat huwa wieħed mill-pedamenti operazzjonali li jappoġġaw il-qafas legali l-ġdid u l-iżvilupp f'waqtu u d-**dħul fis-seħħ tal-operazzjoni sa Ġunju 2026** huma prekundizzjoni kritika għall-implimentazzjoni tal-elementi l-oħra kollha tal-Patt.[12]

B'mod parallel mat-tkomplija tal-operat tas-sistema ċentrali eżistenti tal-Eurodac, l-eu-LISA se tiżviluppa pjattaforma ċentrali interoperabbli u integrata ġdida għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri biex tiġġieled il-migrazzjoni irregolari billi tiġbor ***data* aktar preċiża u kompleta**, inkluża *data* bijometrika addizzjonali, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ. Ladarba tkun operazzjonali, is-sistema l-ġdida se tkun strumentali għall-applikazzjoni ta' regoli ġodda dwar ir-responsabbiltajiet u l-operazzjonalizzazzjoni ta' regoli ġodda dwar is-solidarjetà billi toħloq rabtiet ċari u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li huma soġġetti għalihom, filwaqt li tiffaċilita wkoll il-kxif ta' movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol se jkunu jistgħu jikkonsultaw il-bażi tad-*data* għall-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew kriminali serji oħra. L-interoperabbiltà globali tas-sistemi se tippermetti tfittxijiet u kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi l-oħra kollha tal-ĠAI biex jiġu identifikati persuni li jheddu s-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika, kif ukoll persuni vulnerabbli.

Fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-eu-LISA se tkompli tikkontribwixxi għall-**funzjonament taż-Żona Schengen** billi tiġġestixxi sistemi u għodod tal-IT li jappoġġaw il-ġestjoni msaħħa tal-fruntieri esterni tal-UE, filwaqt li ssegwi l-**istrateġija tal-Kummissjoni lejn żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti**,[13] u r-**rapport annwali dwar l-Istat ta' Schengen**.[14] Sabiex tiżgura l-funzjonament effiċjenti taż-Żona Schengen, l-eu-LISA tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni xierqa tal-*acquis* ta' Schengen billi tipparteċipa fl-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u tikkontribwixxi għalihom fil-qafas tal-**Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u**

---

[11] Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna ddedikata tad-DĠ HOME dwar il-*Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil*.

[12] *Ir-Regolament (UE) 2024/1358* dwar l-istabbiliment tal-Eurodac, ĠU L, 22 ta' Mejju 2024.

[13] *Strateġija lejn Żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ*, COM (2021) 277 final.

[14] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għar-*Rapporti dwar l-Istat ta' Schengen mill-2022 sal-2025*.

**Monitoraġġ ta' Schengen** (SEMM).[15] Barra minn hekk, f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-**Protect EU**,[16] l-eu-LISA għandha rwol ċentrali fl-iżgurar ta' ħżin u disponibbiltà siguri tad-*data* għal koordinazzjoni aħjar u skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-aġenziji.

Flimkien ma' aġenziji oħra tal-UE, l-eu-LISA tikkontribwixxi għall-mekkaniżmu tal-Blueprint għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni biex ittejjeb **l-għarfien tas-sitwazzjoni u** l-previżjoni tal-UE fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna.[17] Dan jinkludi l-forniment ta' *data* statistika rilevanti, fil-limiti definiti fir-regolamenti speċifiċi għas-sistema, għall-**Barometru ta' Schengen+** għall-finijiet tal-identifikazzjoni tar-riskji fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà interna, u l-viżi. Fil-futur, l-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà se tgħin biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data* billi tespandi s-settijiet ta' *data* disponibbli biex jiġi mmonitorjat aħjar il-funzjonament taż-żona Schengen.

## Trasformazzjoni diġitali

It-trasformazzjoni diġitali hija ċentrali għall-viżjoni tal-UE għal Ewropa sigura u interkonnessa. L-oqsma ta' fokus ewlenin kollha tal-eu-LISA – il-kontroll tal-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà interna u l-ġustizzja – għaddejjin minn trasformazzjoni fundamentali permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni. L-istat tat-tħejjija tal-Aġenzija biex jiġu implimentati sistemi u għodod tal-IT aktar sofistikati, flessibbli u integrati jikkontribwixxi għall-iżgurar tar-rispons effettiv tal-UE għal xenarju dejjem jinbidel tat-theddid u l-isfidi tas-sigurtà.

B'mod partikolari, l-Aġenzija se tkompli tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja biex issaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u l-investigazzjonijiet fid-**dominju tal-ġustizzja** tal-UE, billi tuża l-qawwa tat-teknoloġiji diġitali biex tissimplifika l-proċessi u tagħmel il-ħajja aktar faċli għall-prattikanti tal-ġustizzja, iżżid il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-ġustizzja biex toffri servizzi ferm aħjar liċ-ċittadini tal-UE. L-Aġenzija ilha responsabbli mill-appoġġ tal-ECRIS-RI mill-2020. Ilha responsabbli mit-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni kontinwa tas-**sistema e-CODEX** minn Ġunju 2024. Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tiffinalizza l-iżvilupp tal-**ECRIS-TCN** u qed tiżviluppa wkoll **pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta** (PK tas-SIK).[18]

Biex tkompli tiffaċilita l-ivvjaġġar internazzjonali bla xkiel lejn l-Ewropa, l-Aġenzija se tkompli tappoġġa d-**diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża ta' Schengen**. F'dan il-kuntest, l-eu-LISA ngħatat il-kompitu li tiżviluppa l-VIS Riveduta kif ukoll il-**pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża** (EU VAP) li se tissimplifika kif ukoll timmodernizza l-proċeduri tal-viża għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi.[19]

Fil-qasam tas-sigurtà interna, l-Aġenzija qed tiżviluppa r-**router ċentrali Prüm II** li se jissostitwixxi s-sistema attwali ta' konnessjonijiet individwali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali biex **tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb il-kooperazzjoni tal-pulizija**.[20] Fi tmiem l-2024, l-eu-LISA ngħatat ukoll il-kompitu li tiżviluppa router għat-trasferiment ta' **informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API)** u **reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR)** mit-trasportaturi tal-ajru lejn l-Istati Membri biex tkompli ttejjeb l-identifikazzjoni tal-vjaġġaturi u tissimplifika l-verifiki fil-fruntieri kif ukoll tappoġġa l-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.[21]

Ix-xenarju regolatorju li qed jinbidel fit-teknoloġiji diġitali, b'mod partikolari ċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-iżviluppi fl-intelliġenza artifiċjali, fin-networks siguri u fis-soluzzjonijiet tas-servizzi tal-cloud, jirrikjedi li l-Aġenzija tiffoka aktar fuq l-opportunitajiet emerġenti. Fl-2024, l-eu-LISA bdiet tesplora l-użu ta' teknoloġiji tal-cloud sovrani biex tappoġġa l-ħidma tagħha, filwaqt li tikkunsidra wkoll ir-restrizzjonijiet operazzjonali tal-Aġenzija, u abbozzat l-ewwel strateġija tagħha dwar il-cloud.

L-Aġenzija hija impenjata li tibqa' fuq quddiem nett tal-innovazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE. Sabiex tallinja mal-għanijiet globali tal-UE u twieġeb għall-isfidi emerġenti u x-xenarju tas-sigurtà li dejjem jevolvi tat-theddid u l-isfidi, l-Aġenzija se tkompli tinvesti f'soluzzjonijiet reżiljenti u lesti għall-futur, filwaqt li tiffoka fuq il-monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija, kif ukoll tivvaluta l-applikazzjoni ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati, bħall-IA u l-analitika tad-*data*, biex tindirizza l-lakuni fit-teknoloġija u l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, u ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema u l-proċessi rilevanti tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

---

[15] *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922* dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

[16] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna*, COM/2025/148 final.

[17] *Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366* dwar mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet b'rabta mal-migrazzjoni.

[18] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit dedikat tal-Kummissjoni dwar *l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta*.

[19] *Ir-Regolament (UE) 2023/2667* tat-22 ta' Novembru 2023 fir-rigward tad-**diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża**.

[20] *Ir-Regolament (UE) 2024/982*dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzati ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija (ir-**Regolament Prüm II**).

[21] *Ir-Regolament (UE) 2025/12*, ĠU L 08.01.2025 u *r-Regolament (UE) 2025/13*, ĠU L 08.01.2025

### Ċibersigurtà u protezzjoni tad-*data*

Is-sikurezza u s-sigurtà tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE u l-iżgurar tal-protezzjoni tad-*data* se jibqgħu fost l-ogħla prijoritajiet tal-eu-LISA. F'dawn l-aħħar snin, l-Aġenzija kienet qed tiffoka dejjem aktar fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid li qed jevolvi fid-dominju ċibernetiku. Minħabba li tirrikonoxxi l-isfidi li jirriżultaw mill-era diġitali, l-EU-LISA tibqa' impenjata li tiżgura li l-attivitajiet kollha tagħha jikkonformaw mar-**Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà** tal-UE, filwaqt li tipprovdi firxa wiesgħa ta' miżuri għal skambju sigur ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, kif ukoll tiżgura s-sigurtà ġenerali tas-sistemi tal-IT taħt it-tmexxija operattiva tagħha.[22] Fil-futur, l-eu-LISA se tkompli tiżviluppa u ssaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tagħha billi ttejjeb l-għodod u t-teknoloġiji għall-protezzjoni kontra, l-kxif, l-identifikazzjoni, l-evitar u r-rispons għal azzjonijiet u atturi malizzjużi. Għal dak il-għan, l-eu-LISA se tkompli wkoll il-kollaborazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza, inkluża l-kooperazzjoni li ilha għaddejja mas-CERT-UE.

Minbarra r-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà, l-Aġenzija se timplimenta r-rekwiżiti tas-sigurtà li jirriżultaw mill-proposta leġiżlattiva li tressqet għal regolament tal-UE dwar is-**sigurtà tal-informazzjoni**, u tadatta l-qafas ta' politika attwali tiegħu għas-sigurtà u l-kontinwità tal-operat għar-reġim il-ġdid tal-UE.[23]

L-Aġenzija hija impenjata wkoll li tiżgura **livell għoli ta' protezzjoni tad-*data***, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u l-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-Aġenzija topera f'konformità mal-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali, jiġifieri l-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni, ir-responsabbiltà, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità, kif stabbilit fir-**Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-*Data***.[24] Meta tiżviluppa sistemi ġodda u tistabbilixxi konnessjonijiet tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-**protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku**.[25] Barra minn hekk, l-eu-LISA tkompli tindirizza b'mod proattiv it-tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data* f'kollaborazzjoni mal-**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*** (EDPS).

### Kooperazzjoni strateġika ma' sħab ewlenin

Is-sħab ewlenin tal-Aġenzija huma l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll l-istituzzjonijiet ta' riċerka, u r-rappreżentanti rilevanti tal-industrija, primarjament dawk li joperaw fid-dominju tal-ĠAI.

Matul is-snin, l-eu-LISA rawmet kooperazzjoni mill-qrib u siewja ma' firxa wiesgħa ta' **aġenziji tal-UE**, li fost l-aktar sħab qrib tagħha hemm il-Europol, il-Eurojust, il-Frontex, is-CEPOL, l-EUAA, il-FRA u l-ENISA. Barra minn hekk, l-Aġenzija qed tħares 'il quddiem biex tistabbilixxi kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-**Eurostat** fl-istatistika u tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' standardizzazzjoni relatati ma' rekords amministrattivi rilevanti għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea. Il-kooperazzjoni għandha tiġi formalizzata f'Memorandum ta' Qbil mal-Kummissjoni (Eurostat).

L-Aġenzija tieħu sehem attiv fil-ħidma ta' bosta organizzazzjonijiet umbrella, b'mod partikolari n-**Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea** (EUAN) u n-**Network tal-Aġenziji tal-ĠAI** (JHAAN). Barra minn hekk, l-eu-LISA tikkoopera b'mod attiv maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (DĠ JRC) tal-Kummissjoni u maċ-**Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna**, li attwalment iservi bħala l-president tal-cluster tal-bijometrika.

L-UE se tkompli wkoll bl-**appoġġ sod tagħha lill-Ukrajna**, lill-poplu tagħha u lill-Ewropej li qed jiffaċċjaw diffikultajiet minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'solidarjetà, l-Aġenzija tibqa' impenjata li tassisti lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji tal-UE u lill-Istati Membri, bl-għodod kollha disponibbli taħt il-mandat tagħha, b'mod partikolari permezz tal-isforzi kondiviżi tal-JHAAN, u permezz tar-rwol kritiku li għandhom is-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA (eż., is-SIS u l-Eurodac), kif ukoll sistemi u għodod ġodda, bħall-EES u l-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK. Barra minn hekk, l-Aġenzija tinsab lesta biex tagħti pariri u appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar problemi tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew ġodda.

Mit-trawwim tat-trasformazzjoni diġitali, l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data* għat-titjib u t-tisħiħ tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija tappoġġa l-għanijiet strateġiċi tal-UE filwaqt li tindirizza l-fatturi interni u esterni li jinfluwenzaw l-operazzjonijiet tagħha. L-eu-LISA se tkompli taħdem bla heda biex tingrana teknoloġiji ġodda u tiddiġitalizza l-proċessi sabiex tħalli impatt pożittiv fuq il-ħajja ta' aktar minn 400 miljun persuna fl-Ewropa billi tissimplifika l-ħidma tal-awtoritajiet tal-ĠAI u tipprovdi servizzi aħjar liċ-ċittadini.

---

[22] *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841* li jistabbilixxi miżuri għal **livell għoli komuni ta' ċibersigurtà**, ĠU L, 18.12.2023.

[23] Proposta għal Regolament dwar is-**sigurtà tal-informazzjoni** fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, *COM (2022) 119* final.

[24] *Ir-Regolament (UE) 2018/1725*, fir-rigward tal-ipproċessar ta' ***data* personali** mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni (EU-DPR).

[25] *L-Artikolu 27* tar-Regolament (UE) 2018/1725, *l-Artikolu 25* tar-Regolament (UE) 2016/679 u *l-Artikolu 20* tad-Direttiva (UE) 2016/680.

Fil-futur, l-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija, imwettqa fl-2024, tipprovdi opportunità biex jiġu rieżaminati u mtejba l-appoġġ u l-kontribut tal-eu-LISA f'dak li jirrigwarda l-prijoritajiet tal-UE, inkluż billi tissaħħaħ l-aġilità operazzjonali biex tiġi żgurata r-reżiljenza tagħha f'ambjent ta' politika dinamiku.

Bħala l-aġenzija tal-UE responsabbli mit-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA se tkompli tkun wieħed mill-kontributuri ewlenin u mill-partijiet ikkonċernati fid-dominju tal-ĠAI tal-UE. L-Aġenzija hija impenjata bis-sħiħ biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom, u fl-isfidi ewlenin li ġejjin bi skedi ta' żmien estremament impenjattivi.

# 2 PROGRAMMAZZJONI PLURIENNALI

# 1. Programm ta' ħidma pluriennali

Matul is-snin, l-eu-LISA kibret minn aġenzija teknika żgħira għal kontributur affidabbli u fdat għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' diġitalizzazzjoni tal-UE fid-dominju tal-ĠAI. L-Aġenzija tinvolvi lilha nfisha f'kooperazzjoni proattiva u fi skambju ta' informazzjoni fil-livell tal-UE bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti fid-dominju tal-ĠAI, tikkontribwixxi għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u tosserva l-ogħla standards tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà tal-informazzjoni.

## 1.1. Strateġija fuq terminu twil u objettivi pluriennali

Il-ħidma tal-Aġenzija tiġi ggwidata mill-objettivi stabbiliti fir-Regolament ta' stabbiliment tagħha, u mill-għanijiet strateġiċi deskritti fl-istrateġija fuq terminu twil tal-eu-LISA 2021-2027. Dawn l-objettivi strateġiċi jsaħħu l-missjoni primarja tal-eu-LISA li toffri soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u li tkompli d-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ĠAI biex tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati tagħha fl-isforzi tagħhom sabiex iżommu l-Ewropa miftuħa u sigura.[26]

- **GĦAN STRATEĠIKU 1:** Tkompli tikber bħala kontributur għall-politiki rilevanti fid-dominju tal-UE tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u bħala sieħeb fl-implimentazzjoni tagħhom.
- **GĦAN STRATEĠIKU 2:** Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri fl-ixprunar tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.
- **GĦAN STRATEĠIKU 3:** Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.
- **GĦAN STRATEĠIKU 4:** Tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

L-eu-LISA se tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku tagħha adottat fl-2024, filwaqt li tapplika l-mod il-ġdid ta' ħidma tagħha għat-twassil tas-sistemi l-ġodda, issaħħaħ il-konformità tagħha, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-kuntratti, tkun post tajjeb ħafna fejn taħdem biex tattira u żżomm it-talenti, tkun lesta biex tinkorpora avvanzi teknoloġiċi ġodda (cloud sovrana, IA), u tkompli ttejjeb ir-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-objettiv għall-Aġenzija huwa b'mod partikolari li terġa' tikseb kontroll fuq il-funzjonijiet kritiċi (il-konċepiment, l-arkitettura u r-rekwiżiti) u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda, kif ukoll li żżid l-effiċjenza u tnaqqas iż-żmien għall-introduzzjoni fis-suq tas-soluzzjonijiet il-ġodda. L-Aġenzija se tmexxi l-approċċ il-ġdid bl-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida (ara 3.3.1)

- tisħiħ tal-ġestjoni tar-rekwiżiti, billi tgħaddi minn fornitur tas-servizzi għal sieħeb kummerċjali għall-Istati Membri u l-Kummissjoni, filwaqt li tiġbor b'mod proattiv il-feedback tal-utenti bħala input għall-prodott finali;
- Adozzjoni ta' strateġija ġdida ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista, sabiex jerġa' jinkiseb il-kontroll fuq funzjonijiet kritiċi, bħall-istabbiliment tal-arkitettura u r-rekwiżiti għal sistemi ġodda;
- Adozzjoni ta' approċċ DevSecOps li jisfrutta l-għodod xierqa tat-tip Agile fuq skala kbira biex jitħaffef l-iżvilupp, kif ukoll il-ħidma permezz ta' timijiet trażversali u transfunzjonali;
- Użu tal-kapaċitajiet tal-cloud għall-fażi ta' żvilupp tal-bini tas-soluzzjoni l-ġdida, sabiex jitnaqqsu l-ħtiġijiet tal-akkwist għall-infrastruttura, jitħaffef l-iżvilupp u jitnaqqas iż-żmien għall-introduzzjoni fis-suq;
- Tisħiħ tal-kollaborazzjoni mal-Istati Membri matul il-proċessi ta' ttestjar tal-operat tagħhom;
- Ottimizzazzjoni tal-ippjanar integrat biex tittejjeb l-effiċjenza;
- Tisħiħ tal-konformità sħiħa għall-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti;
- Immappjar tal-kapaċitajiet u l-ħiliet interni, adozzjoni ta' strateġija ġdida tar-Riżorsi Umani u tisħiħ tal-ambjent tal-uffiċċji.
- Stabbiliment ta' pjan direzzjonali għat-teknoloġija u implimentazzjoni gradwali ta' teknoloġiji rilevanti ġodda (IA, cloud).

[26] *L-istrateġija tal-eu-LISA 2021–2027*, adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA f'Novembru 2021.

## 1.2. **Attivitajiet u riżorsi pluriennali**

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ippjanar indikattiv tal-ħidma tal-Aġenzija għall-2026–2028, li tibni fuq il-kisbiet u l-iżviluppi mis-snin preċedenti. Il-programm ta' ħidma pluriennali jelenka l-attivitajiet ta' livell għoli flimkien mar-riżorsi aggregati meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija.

**GĦAN STRATEĠIKU 1: Tkompli tikber bħala kontributur għall-politiki rilevanti fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u bħala sieħeb fl-implimentazzjoni tagħhom**

L-Aġenzija hija impenjata li żżomm l-eċċellenza operazzjonali tagħha u tkompli ssaħħaħ l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha biex tiżgura operat sigur ferm, stabbli u kontinwu tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, filwaqt li tkompli wkoll l-evoluzzjoni gradwali tas-sistemi u t-twassil ta' servizzi relatati f'konformità mal-istandards tal-industrija u l-aħjar prattiki.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tibqa' sieħeb aġli għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji sħab billi toffri teknoloġija ta' valur għoli u għarfien espert biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika.

**Objettivi ewlenin:**

- ġestjoni tas-sistemi u tas-servizzi kollha fdati lill-Aġenzija f'konformità mar-regolamenti applikabbli, eż. l-implimentazzjoni tal-VIS Riveduta u l-Eurodac, l-interkonnessjonijiet u l-aġġustamenti kollha tas-sistema mal-komponenti tal-interoperabbiltà.
- Implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u żvilupp ta' servizzi b'mod standardizzat u f'konformità mal-qafas legali rilevanti u mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, eż., l-iżgurar tad-dħul fis-seħħ ta' arranġament kuntrattwali ġdid għas-sistemi kollha.
- Tisħiħ u żgurar ta' livell xieraq ta' sigurtà, reżiljenza u disponibbiltà tas-sistemi kollha tal-ĠAI, eż., ir-rieżami tal-arkitettura tas-sigurtà għas-sistemi tal-ĠAI fid-dawl tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-komponenti tal-interoperabbiltà.
- Implimentazzjoni tal-prinċipju ta' skalabbiltà aġli (Agile at scale) u t-twassil aġli tas-sistemi l-ġodda, flimkien mal-evoluzzjoni gradwali lejn mudell operatorju ġdid għall-Aġenzija.
- Għoti ta' taħriġ xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha b'rispons għat-talbiet tagħhom.

**GĦAN STRATEĠIKU 2: Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri fl-ixprunar tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.**

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tekniċi tagħha billi tkompli tespandi r-rwol tagħha billi toffri soluzzjonijiet tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u pariri esperti biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika fid-dominju tal-ĠAI.

**Objettivi ewlenin:**

- Stinkar kontinwu għall-eċċellenza fit-tfassil, fl-iżvilupp u fit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lill-eu-LISA, eż., l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni bbażat fuq l-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija mwettqa fl-2024, kif ukoll kwalunkwe modifika possibbli fil-mandat tagħha.
- Appoġġ b'mod proattiv lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom ta' taħriġ u l-bini ta' kapaċitajiet.
- Promozzjoni tal-għarfien espert tal-Aġenzija fl-għoti ta' pariri lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, eż., it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri tal-Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Għarfien tal-eu-LISA.
- Żgurar ta' appoġġ kontinwu lill-partijiet ikkonċernati kollha tal-eu-LISA fl-iffaċilitar tal-iskambji tagħhom għal adozzjoni bla xkiel u rapida tal-proposti leġiżlattivi li fadal li huma ta' rilevanza għall-mandat tal-Aġenzija.

### GĦAN STRATEĠIKU 3: Tippermetti u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.

L-Aġenzija se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiffaċilita aktar it-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI billi twettaq attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni biex tidentifika soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda għall-aġġornament tal-proċessi tal-operat, tixpruna titjib fil-kwalità tad-*data* permezz tal-istandardizzazzjoni teknoloġika u tiżviluppa kapaċitajiet permanenti sabiex tipprovdi servizzi fuq talba, bħall-ittestjar, il-proġetti pilota u l-provi tal-kunċett lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha.

**Objettivi ewlenin:**

- Monitoraġġ u analiżi tal-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni biex jissaħħu u jiġu estiżi l-kapaċitajiet eżistenti, l-iffaċilitar tal-pilotaġġ u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT, filwaqt li jiġu offruti wkoll pariri tekniċi affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika f'oqsma ta' prijorità relatati għall-UE.
- Valutazzjoni ta' modi kif jiġu mmodernizzati l-infrastruttura u l-kapaċitajiet ta' hosting (hosting intelliġenti) tal-Aġenzija, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-cloud.
- Promozzjoni tal-istandardizzazzjoni teknoloġika madwar l-UE.
- Ħidma mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mal-industrija biex jiġu identifikati u esplorati l-opportunitajiet u l-benefiċċji teknoloġiċi sabiex tkompli tiġi avvanzata u mmassimizzata l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u tal-ekonomiji ta' skala fis-sistemi kollha, eż., it-tkomplija ta' avvenimenti ta' diskussjonijiet dwar l-industrija madwar mejda, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA.

### GĦAN STRATEĠIKU 4: Tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

L-Aġenzija se tkompli timplimenta l-proġett ta' trasformazzjoni organizzazzjonali tagħha biex taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati billi tallinja r-riżorsi tagħha b'mod effiċjenti, tiżviluppa kapaċitajiet ġodda, taġġorna s-servizzi u l-proċessi tagħha u trawwem teħid ta' deċiżjonijiet immexxi mid-*data*. Għal dan il-għan, l-eu-LISA tibqa' impenjata li tiżgura li l-proċessi kollha tagħha jevolvu f'konformità mal-bażi legali u l-prinċipji ta' ġestjoni tajba tal-prestazzjoni.

**Objettivi ewlenin**

- Valutazzjoni u allinjament tar-riżorsi tal-Aġenzija, żvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa, trawwim tat-teħid ta' deċiżjonijiet immexxi mid-*data* biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, eż. ir-rieżami tal-istrateġija fuq terminu twil tal-eu-LISA, l-ippjanar finanzjarju korporattiv u l-kapaċità ta' analiżi.
- Trawwim tal-involviment tal-persunal billi l-eu-LISA tkun tirrappreżenta post tax-xogħol ideali fejn jiġi attirat talent ġdid kif ukoll jinżamm, jiġi ffaċilitat it-tkabbir professjonali u jiġi żgurat żvilupp kontinwu tat-talent biex jiġi xprunat il-bini tal-kapaċitajiet interni, eż., jiżdiedu l-attivitajiet ta' reklutaġġ biex isir titjib fir-rata ta' okkupanza, tiġi ffinalizzata strateġija tal-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenzi, jiġu implimentati attivitajiet ta' żvilupp tat-tmexxija, jiġu promossi l-valuri u l-kultura tagħna, bil-għan li nkunu post tax-xogħol ideali, trasparenti, inklużiv u etiku.
- Żgurar u titjib tal-konformità tal-proċessi tal-Aġenzija mar-regolamenti u mal-prinċipji rilevanti tal-ġestjoni tajba tal-prestazzjoni, eż., l-implimentazzjoni tal-pjan ta' titjib tal-Qafas ta' Valutazzjoni Komuni (CAF), ir-rieżami tal-Pjan ta' Titjib tal-Kwalità tal-eu-LISA u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar pendenti;
- Tkomplija bil-programm ta' żieda fil-kapaċità tal-Aġenzija.

▲ **Tabella 2. Riżorsi għal kull attività pluriennali**

| Qasam | | Baġit (f'miljuni ta' EUR) | | | FTE (persunal statutorju u esperti nazzjonali sekondati) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Attività pluriennali** | | **2026** | **2027** | **2028** | **2026** | **2027** | **2028** |
| **Affarijiet Interni** | | **173 175** | **165 081** | **223 888** | **197** | **201 5** | **212 5** |
| **Objettivi pluriennali:**<br>1.1 Żgurar ta' soluzzjonijiet siguri ħafna, kosteffettivi u disponibbli kontinwament.<br>1.2 Tisħiħ tal-valur miżjud tas-sistemi tal-IT, tat-teknoloġija tad-*data* u tal-għarfien espert ipprovduti mill-eu-LISA.<br>3.3 Żieda kontinwa tal-valur miżjud tal-arkitettura tal-interoperabbiltà | | | | | | | |
| **Kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi** | | **43 757** | **49 546** | **42 488** | **58** | **60 5** | **78 5** |
| **SIS** | manutenzjoni/proġetti | 22 983 | 22 681 | 25 711 | 35 | 35 | 35 |
| **Router ċentrali Prüm II** | manutenzjoni/proġetti | 1 796 | 1 080 | - | 6 | 6 | 6 |
| **Router API-PNR** | manutenzjoni/proġetti | 18 978 | 25 290 | 11 260 | 17 | 17 5 | 20 |
| **DTA** | manutenzjoni/proġetti | - | 0 495 | 5 517 | - | 2 | 17 5 |
| **Schengen, fruntieri u viża** | | **58 614** | **65 489** | **95 786** | **79** | **81** | **81** |
| **VIS** (inkl. EU VAP) | manutenzjoni/proġetti | 16 575 | 30 270 | 34 895 | 38 | 40 | 40 |
| **EES** | manutenzjoni/proġetti | 30 718 | 25 801 | 42 837 | 24 | 24 | 24 |
| **ETIAS** | manutenzjoni/proġetti | 11 321 | 9 418 | 18 054 | 17 | 17 | 17 |
| **Migrazzjoni u ażil** | | **10 278** | **6 815** | **20 579** | **27** | **27** | **20** |
| **Eurodac** (inkluż l-iskrinjar) | manutenzjoni/proġetti | 10 278 | 6 815 | 20 579 | 27 | 27 | 20 |
| **Interoperabbiltà** | | **60 525** | **43 230** | **65 035** | **33** | **33** | **33** |
| **Komponenti tal-interoperabbiltà u CRRS** (inkluża s-CSLR) | manutenzjoni/proġetti | 60 525 | 43 230 | 65 035 | 33 | 33 | 33 |
| **Affarijiet ta' Ġustizzja** | | **7 742** | **8 509** | **7 982** | **47** | **47** | **46** |
| **Objettivi pluriennali:**<br>1.1 Żgurar ta' soluzzjonijiet diġitali siguri ħafna, kosteffettivi u disponibbli kontinwament.<br>1.2 Tisħiħ tal-valur miżjud tas-sistemi tal-IT, tat-teknoloġija tad-*data* u tal-għarfien espert ipprovduti mill-eu-LISA. | | | | | | | |
| **Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja** | | **7 742** | **8 509** | **7 982** | **47** | **47** | **46** |
| **ECRIS** | manutenzjoni/proġetti | 5 952 | 6 285 | 5 289 | 30 | 30 | 29 |
| **e-CODEX** | manutenzjoni/proġetti | 1 790 | 2 225 | 2 693 | 7 | 7 | 7 |
| **PK tas-SIK** | manutenzjoni/proġetti | -[27] | - | - | 10 | 10 | 10 |
| **Infrastruttura** | | **46 456** | **55 082** | **85 374** | **31** | **31** | **30** |
| 1.1 Żgurar ta' soluzzjonijiet siguri ħafna, kosteffettivi u disponibbli kontinwament.<br>1.4 Issir fornitur komuni ta' servizzi ta' valur għoli fl-oqsma ta' eċċellenza. | | | | | | | |
| **Infrastruttura u networks** | | **46 456** | **55 082** | **85 374** | **31** | **31** | **30** |
| **Infrastruttura tas-sistemi kondiviżi** | manutenzjoni/proġetti | 31 060 | 32 713 | 48 507 | 18 | 18 | 18 |
| **Networks** | manutenzjoni/proġetti | 15 396 | 22 369 | 36 867 | 13 | 13 | 12 |

[27] Il-PK tas-SIK hija ffinanzjata skont il-ftehim ta' għotja u għalhekk mhijiex riflessa hawnhekk. Ara l-**Anness XI**.

| Qasam | | Baġit (f'miljuni ta' EUR) | | | FTE (persunal statutorju u esperti nazzjonali sekondati) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Attività pluriennali** | | **2026** | **2027** | **2028** | **2026** | **2027** | **2028** |
| **Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali** | | **11 179** | **11 160** | **11 483** | **51** | **52** | **51** |
| **Objettivi pluriennali:**<br>1.3 Tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-informazzjoni relatati mas-sistemi tal-IT fdati lill-eu-LISA.<br>2.2 Tkabbir ulterjuri tal-profil tal-Aġenzija bħala konsulent fdat.<br>3.1 Identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-IT biex isir titjib fil-proċessi tal-operat.<br>3.2 Teħid ta' rwol ta' konsulent fdat u faċilitatur tat-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni fl-IT. | | | | | | | |
| **Riċerka, innovazzjoni u bini tal-kapaċitajiet** | | | | | | | |
| **Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Rapportar statutorju** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Taħriġ għall-Istati Membri** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Evalwazzjonijiet ta' Schengen** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | | | | |
| **Operazzjonijiet tas-sistema** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Tranżizzjoni tas-servizzi** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri** | *ad hoc*, kif mitlub | | | | | | |
| **Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet** | żamma tal-istatus quo | | | | | | |
| **Attivitajiet korporattivi** | | **80 582** | **82 613** | **85 884** | **151** | **149** | **147** |
| **Objettivi pluriennali:**<br>4.1 Qadi tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati billi jiġu allinjati b'mod effiċjenti r-riżorsi, il-kapaċitajiet, is-servizzi u l-proċessi tal-Aġenzija.<br>4.2 Tkabbir bħala Aġenzija ewlenija tal-UE, li tattira, tinvolvi u tiżviluppa t-talenti.<br>4.3 Żgurar tal-konformità sistematika u effettiva mal-qafas regolatorju tal-UE.<br>4.4 Promozzjoni tal-missjoni u l-valuri tal-Aġenzija. | | | | | | | |
| **Governanza** | | **1 537** | **1 595** | **1 683** | **31** | **31** | **31** |
| **Governanza u konformità** | żamma tal-istatus quo | 0 019 | 0 020 | 0 022 | 17 | 17 | 17 |
| **Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati** | żamma tal-istatus quo | 1 518 | 1 575 | 1 661 | 14 | 14 | 14 |
| **Appoġġ korporattiv** | | **79 044** | **81 018** | **84 200** | **120** | **118** | **116** |
| **Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat** | żamma tal-istatus quo | 3 838 | 3 916 | 3 994 | 15 | 14 | 14 |
| **Ġestjoni tar-riżorsi umani** | żamma tal-istatus quo | 58 541 | 59 772 | 61 058 | 23 | 23 | 22 |
| **Ġestjoni baġitarja u finanzjarja** (inkluża l-kontabbiltà) | żamma tal-istatus quo | 0 698 | 0 738 | 0 793 | 20 | 20 | 20 |
| **Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti** | żamma tal-istatus quo | - | - | - | 27 | 26 | 25 |
| **Servizzi korporattivi legali u orizzontali** | żamma tal-istatus quo | 0 417 | 0 451 | 0 485 | 11 | 11 | 11 |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv** (inklużi ċ-ċentri tad-*data*) | żamma tal-istatus quo | 15 550 | 16 141 | 17 870 | 24 | 24 | 24 |
| **TOTAL** | | **319 134** | **322 446** | **414 610** | **477** | **480 5** | **486 5** |

## 1.3. Skeda ta’ żmien għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin




Abbażi tal-objettivi pluriennali, iċ-ċart Gantt li ġejja tippreżenta l-inizjattivi ewlenin u l-istadji importanti tagħhom għal proġetti magħżula biex tingħata ħarsa ġenerali konċiża lejn l-iskeda ta’ żmien u l-interrelazzjonijiet bejn l-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà adottat mill-Kunsill ĠAI f’Marzu 2025. Iċ-ċart se tiġi aġġornata mal-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà rivedut għas-snin 2027-2028.

## 1.4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni[28]

Sa mill-ħolqien tagħha, il-kontribut tal-eu-LISA għall-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) huwa ta' importanza kritika. Matul is-snin, l-Aġenzija saret u baqgħet sieħeb affidabbli u impenjat għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-ĠAI u tal-iżgurar tas-sikurezza u l-integrità tat-teknoloġiji li jiġu implimentati. Dawn il-politiki jinkludu l-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà (l-infurzar tal-liġi), u l-migrazzjoni u l-ażil. L-Aġenzija tikkontribwixxi wkoll għall-politiki fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

L-impatt li għandha l-Aġenzija f'dawn l-oqsma huwa kemm dirett kif ukoll indirett, u l-funzjonament xieraq u l-aċċessibbiltà tas-sistemi li huma taħt it-tmexxija operattiva tal-eu-LISA huma meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki rilevanti. Għaldaqstant, lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mas-sistemi qed tkejjel id-disponibbiltà, il-ħin tar-rispons/tar-reazzjoni tagħhom u l-isforz biex jinżammu operattivi, affidabbli u biex jiġi żgurat is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati esterni tal-klijenti (l-Istati Membri u korpi u aġenziji oħra tal-Istituzzjonijiet tal-UE).

L-Aġenzija timmonitorja u tivvaluta regolarment l-allinjament tal-attivitajiet tagħha u l-ilħuq tal-objettivi, filwaqt li żżomm ukoll lill-partijiet ikkonċernati tagħha aġġornati regolarment dwar l-aħħar żviluppi, progress u prestazzjoni.

▲ **Tabella 3. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni u kontribut għall-politiki tal-UE**

| Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni | Mira | Sors |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI[29]** | | |
| **Kontribut għall-politiki tal-UE:**<br>L-iżgurar tad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-ħin ta' rispons tas-sistema huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil, huwa wkoll ta' importanza kbira li tissaħħaħ is-sigurtà interna u jiġi appoġġat il-moviment liberu fiż-żona Schengen. Barra minn hekk, id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni (mistoqsijiet u ħżin) u l-ħin ta' rispons ta' dawn is-sistemi huma fatturi ewlenin biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jiġu pprovduti b'informazzjoni f'waqtha, sabiex iwettqu l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa fil-fruntieri esterni. Dawn jikkontribwixxu għall-Politika tal-UE fil-qasam tal-Fruntieri billi jinfurzaw is-sigurtà taż-żona Schengen filwaqt li jiffaċilitaw il-flussi tal-passiġġieri.<br>Fil-qasam tal-ġustizzja[30], l-iżgurar tad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-ħin ta' rispons tas-sistemi huwa kruċjali biex jiġu pprovduti servizzi f'waqthom lill-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-aħħar mill-aħħar liċ-ċittadini, u kontribut ewlieni għall-objettiv tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Ewropa. | | |
| **Disponibbiltà tas-sistema (* domandi u ħżin)** | | |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS*** | ≥ 99.90 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-VIS*** | ≥ 99.90 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-EES*** | ≥ 99.90 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-servizzi web tal-EES għat-trasportaturi** | ≥ 99.90 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-servizzi web tal-EES għal persuni nazzjonali ta' pajjiż terz** | ≥ 99.90 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac*** | ≥ 99.90 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN*** | ≥ 97.60 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-e-CODEX (għodda ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni)** | ≥ 98 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tal-PK tas-SIK** | ≥ 97.60 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons** | | |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS** | ≥ 99.50 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

[28] L-aktar verżjoni reċenti tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattivi tal-eu-LISA ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fid-19-20 ta' Novembru 2025.

[29] Il-miri tad-disponibbiltà mhumiex definiti b'mod preċiż fi strumenti legali speċifiċi għas-sistema. Peress li s-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA huma definiti bħala sistemi ta' disponibbiltà għolja, l-Aġenzija stabbiliet il-mira "ekoloġika" għal 99.90 % għall-biċċa l-kbira tas-sistemi

[30] Id-dħul fis-seħħ tal-PK tas-SIK se jsir fl-ewwel trimestru tal-2026 (skont id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija ta' Novembru 2025).

| Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni | Mira | Sors |
|---|---|---|
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS** | 100 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-EES** | ≥ 99.55 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac** | ≥ 99.45 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN** | ≥ 99.55 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Disponibbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni** | | |
| **Kontribut għall-politiki tal-UE:**<br>Id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tal-infrastruttura tan-network, hija kritika biex jiġi ggarantit funzjonament korrett tas-sistemi differenti tal-IT fuq skala kbira taħt il-mandat tal-Aġenzija biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-politiki relatati. | | |
| **Disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (WAN) (dominju tas-SIS u tal-VIS)** | ≥ 99.99 % | Rapport dwar id-disponibbiltà ta' TESTA-ng |
| **Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | |
| **Kontribut għall-politiki tal-UE:**<br>L-iżgurar ta' livell għoli ta' sodisfazzjon tal-klijenti, billi jingħata appoġġ effettiv lill-utenti finali u jiġi promoss l-użu effiċjenti tas-sistemi permezz ta' taħriġ dedikat huma elementi essenzjali biex jiġu appoġġati l-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija u fl-aħħar mill-aħħar isir titjib fl-effiċjenza tas-sistemi. | | |
| **Taħriġ għall-Istati Membri** | rata ta' sodisfazzjon: > 4 (minn 6) | rapport dwar l-Attivitajiet ta' Taħriġ tal-eu-LISA |
| **Sodisfazzjon tal-klijenti: Perċentwal ta' utenti finali sodisfatti jew sodisfatti ħafna bl-operat ġenerali tas-sistemi tal-ĠAI** | ≥ 80 % | stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti |
| **Prestazzjoni tas-Service Desk tal-eu-LISA** | ≥ 75 % | rapport dwar il-prestazzjoni tas-service desk |
| **Sigurtà tas-sistemi** | | |
| **Kontribut u konformità mal-politiki tal-UE:**<br>L-iżgurar tas-sigurtà tal-bini, tas-sistemi u tad-*data* tal-eu-LISA huwa kritiku peress li l-Aġenzija qed tiġġestixxi u tospita ammonti kbar ta' *data* sensittiva, f'konformità mal-politiki rilevanti tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*. | | |
| **Perċentwal tal-objettivi tas-sigurtà implimentati** ***(skont i[l-] leġiżlazzjoni)*** | 100 % | Dashboard ta' garanzija tas-sigurtà |
| **Għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza, ta' sigurtà u eżerċizzji relatati mal-kontinwità tal-operat imwettqa kull sena** | 2 | Dashboard ta' garanzija tas-sigurtà |
| **Governanza u konformità** | | |
| **Kontribut u konformità mal-politiki tal-UE:**<br>Il-kontroll intern u s-sorveljanza, għandhom l-għan li jiżguraw l-ilħuq tal-objettivi maqbula f'konformità mar-regoli u r-regolamenti tal-UE.<br>Komunikazzjoni xierqa tiżgura esternament il-viżibbiltà tal-Aġenzija, bħala sieħeb fdat, trasparenti u affidabbli lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha u l-pubbliku ġenerali (l-eu-LISA tiġi ffinanzjata mill-flus pubbliċi). | | |
| **Konformità** | | |
| **Prestazzjoni ta' proġetti tal-IT kompleti mqabbla mal-baġit inizjali u l-linja bażi tal-iskeda approvata** | devjazzjoni ta' ± 10 % mil-linja bażi tal-baġit<br>≥70 % għal għadd ta' proġetti ma jiddevjawx mill-istadji importanti f'dak li jirrigwarda l-prontezza teknika | rapporti dwar il-proġetti u l-programmi |
| **Perċentwal tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati** | 80 %:<br>kritiċi: 100 %<br>importanti ħafna: 90 %<br>importanti: 80 % | Rapport annwali ta' attività IAC |
| **Għadd u żmien tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar pendenti** | pendenti b'inqas minn 6 xhur: ≤ 4<br>suppost diġà saru b'6 xhur u sena: ≤ 2<br>suppost diġà saru b'aktar minn sena: ≤ 1 | Rapport annwali ta' attività IAC |
| **Perċentwal tar-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS implimentati fl-iskadenzi stipulati** | 80 %:<br>għoli ħafna: 100 %<br>għoli: 100 %<br>medju-għoli: 90 %<br>medju-baxx: 80 %<br>baxx: 80 % | Rapport annwali ta' attività DPO |

| Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni | Mira | Sors |
|---|---|---|
| **Għadd u żmien tar-rakkomandazzjonijiet pendenti** | pendenti b'inqas minn 6 xhur: ≤ 4<br>suppost diġà saru b'6 xhur u sena: ≤ 2<br>suppost diġà saru b'aktar minn sena: ≤ 1 | Rapport annwali ta' attività DPO |
| **Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati** | | |
| **Impatt tal-komunikazzjoni esterna** | sit web: ≥ 80 000 viżitatur u + 20 % abbonati tal-bulettin<br>media soċjali:<br>+200 segwaċi u ≥ 250 kariga għal kull pjattaforma kull sena | analitika tal-web |
| **Impatt tal-komunikazzjoni interna (stħarriġ dwar is-sodisfazzjon)** | rata ta' parteċipazzjoni: ≥ 51 %<br>rata ta' sodisfazzjon: > 70 %<br>(kanali interni u attivitajiet għall-persunal) | stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon |

| Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali | | |
|---|---|---|
| **Kontribut u konformità mal-politiki tal-UE:**<br>Ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi umani hija kritika biex jiġi żgurat li l-Aġenzija tattira, tiżviluppa u żżomm it-talenti, biex tkun mgħammra bl-aktar riżorsi xierqa sabiex timplimenta l-mandat tagħha.<br>Ġestjoni finanzjarja u tal-akkwist effiċjenti u konformi hija kritika biex tiġi żgurata l-allokazzjoni ottimali tar-riżorsi għall-attivitajiet immirati lejn l-implimentazzjoni tal-missjonijiet tal-Aġenzija, filwaqt li jiġu ggarantiti l-ġestjoni finanzjarja tajba u t-trasparenza.<br>L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) jikkontribwixxi għall-politiki ambjentali tal-UE u għall-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni. | | |
| **Ġestjoni tar-riżorsi umani** | | |
| **Proporzjon bejn ir-riżorsi amministrattivi u r-riżorsi operazzjonali meta mqabbla mar-riżorsi umani kollha fi ħdan l-Aġenzija (persunal u esperti nazzjonali sekondati) ( %)** | amministrattivi: ≤ 20%<br>operazzjonali: ≥ 70 % | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, ra<br>SYSPER |
| **Rata annwali ta' assenteiżmu** | għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard:<br>< 15-il jum għal kull membru tal-persunal<br>% ta' membri tal-persunal fuq liv twil minħabba mard: < 10 %<br>% tal-persunal li ma jużax liv minħabba mard: > 15 % | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |
| **Dawran annwali tal-impjegati ( %)** | ≤ 5 % | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |
| **Rata ta' okkupanza annwali ( %)** | > 92 % (esklużi l-offerti ta' impjieg ippubblikati)<br>> 94 % (inklużi l-offerti ta' impjieg ippubblikati) | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, ra<br>SYSPER |
| **Livell ta' involviment tal-persunal** | ≥ 3.7 (minn 5) | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |
| **Etika: rata ta' Dikjarazzjonijiet ta' Interess annwali sottomessi** | ≥ 94 % | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |
| **Perċentwal tal-ġeneru sottorappreżentat f'pożizzjonijiet ta' tmexxija** | ≥ 32 % | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |
| **Ġestjoni finanzjarja u baġitarja u akkwist** | | |
| **Rata ta' kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ( %)** | < 5 % | Maħżen tad-*data* ABAC |
| **Rata ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji ( %)** | > 95 % | Maħżen tad-*data* ABAC |
| **Rata ta' implimentazzjoni tal-pagamenti ( %)** | > 95 % | Maħżen tad-*data* ABAC |
| **% ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji** | > 90 % | Maħżen tad-*data* ABAC |
| **Implimentazzjoni f'waqtha tal-pjan tal-akkwisti** | > 80 % | rapport dwar l-akkwisti |
| **Ġestjoni ambjentali** | | |
| **Emissjonijiet ta' gassijiet serra** | tnaqqis tal-emissjonijiet ta' TeqCO2 meta mqabbel mas-sena ta' qabel | Dikjarazzjoni ambjentali |
| **Konformità mar-regoli ambjentali** | 100 % | Rapport EMAS |

# 2. **Riżorsi umani u finanzjarji: prospettiva għall-2026-2028**

F'dawn l-aħħar snin, ir-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE espanda b'mod konsiderevoli, speċjalment f'termini ta' żieda fir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-iskambju sigur ta' informazzjoni transfruntiera u t-titjib tal-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni.

Għas-snin li ġejjin, it-tmexxija operattiva tal-eu-LISA se tkun ibbażata fuq l-aspetti li ġejjin:

- il-qafas regolatorju li qed jevolvi kontinwament,
- l-għadd kbir ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lill-eu-LISA,
- l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija u
- iż-żieda fil-pressjoni biex jinkisbu riżultati b'riżorsi limitati.

Matul dawn l-aħħar snin, l-Aġenzija vvalutat regolarment l-allokazzjoni tar-riżorsi tagħha biex tappoġġa t-talbiet li qed jiżdiedu, billi bbażat fuq ir-riallokazzjoni interna tar-riżorsi kemm finanzjarji kif ukoll dawk umani.

Il-programmazzjoni pluriennali għall-2026–2028 tirrifletti dawn l-isfidi u l-isforzi tal-Aġenzija biex tibqa' impenjata li żżid l-aġilità u l-effiċjenza operazzjonali tagħha billi tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli allokati għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni u lil hinn minnu.

## 2.1. **Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali**

### 2.1.1. **Riżorsi umani**

It-tabella tal-persunal adottata għall-2024 inizjalment kienet tinkludi persunal totali ta' 401: 228 TA, 162 CA u 11-il kariga ta' SNE.[31] F'Novembru 2024, biex jiġu integrati l-bidliet li jirriżultaw mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, it-tabella tal-persunal tal-eu-LISA żdiedet għal 421 kariga: 239 TA, 171 CA u 11-il SNE.

Din iż-żieda ta' tmiem is-sena affettwat ir-rata ta' okkupanza tat-tabella tal-persunal minħabba li l-perjodu disponibbli għar-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali ma kienx suffiċjenti biex jiġu konklużi l-passi kollha tal-proċedura ta' reklutaġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodi ta' avviż statutorji għall-impjegaturi attwali tal-kandidati., ara t-Tabella 4.

Madankollu, l-Aġenzija għamlet progress rapidu fir-reklutaġġ matul l-2025. Sabiex tissimplifika l-proċessi ta' reklutaġġ li ġejjin, l-eu-LISA stabbiliet żewġ riżervi ta' talent fuq skala kbira fil-livelli tad-AD5 u tal-AD6 biex tiżgura listi ta' riżerva għal diversi profili, primarjament għall-funzjonijiet ewlenin tal-IT.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għas-subkapitolu dwar il-politika ta' reklutaġġ fl-**Anness V Riżorsi Umani: analiżi kwalitattiva**.

### 2.1.2. **Nefqa baġitarja totali**

Il-baġit tal-eu-LISA huwa ffinanzjat minn sorsi ta' finanzjament differenti. Id-dħul ewlieni jiġi mis-sussidju tal-UE, u jiġi riċevut fuq bażi annwali mill-baġit tal-UE - *taqsima tal-Kummissjoni, Kapitolu 11 10 "Ġestjoni tal-Fruntieri – Aġenziji Deċentralizzati"* – kif adottat mill-awtorità baġitarja, jiġifieri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE. Ġew riċevuti kontribuzzjonijiet ulterjuri mill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, bħala rimborż parzjali tan-nefqa mġarrba mill-Aġenzija.

Fl-2024, l-eu-LISA ġestiet baġit ta' EUR 307.39 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenji u EUR 260.11 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament li rċeviet bħala kontribuzzjoni mill-UE.

Ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija sa tmiem is-sena 2024:

- 100.0 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenji
- 100.0 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva bejn l-2024 u l-2025.

[31] It-tabella tal-persunal tal-eu-LISA tinkludi aġenti temporanji (TA) u aġenti kuntrattwali (CA), mingħajr l-ebda kariga separata għall-uffiċjali.

**▲ Tabella 4. Ħarsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA fl-2024**

| Qasam ta' attività | Sitwazzjoni reali fl-2024[32] | | | Awtorizzati għall-2024[33] | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | TA | CA | SNE | TA | CA | SNE |
| **Regolament tal-eu-LISA** | **134** | **47** | **9** | **142** | **57** | **11** |
| Persunal ta' referenza | 107 | 26 | 7 | 113 | 30 | 9 |
| Regolament tal-eu-LISA rivedut (persunal addizzjonali) | 21 | 21 | 2 | 23 | 27 | 2 |
| Karigi fil-qasam taċ-ċibersigurtà, li ngħataw fl-2023 | 6 | 0 | 0 | 6 | 0 | 0 |
| **Regolamenti speċifiċi għas-sistema (adottati)** | **78** | **90** | **0** | **95** | **114** | **0** |
| EES | 30 | 0 | 0 | 32 | 0 | 0 |
| ETIAS | 6 | 26 | 0 | 7 | 35 | 0 |
| ECRIS-TCN | 0 | 5 | 0 | 0 | 5 | 0 |
| e-CODEX | 2 | 3 | 0 | 2 | 3 | 0 |
| Appoġġ għat-trasportaturi EES-ETIAS[34] | 0 | 18 | 0 | 0 | 21 | 0 |
| Interoperabbiltà | 22 | 28 | 0 | 24 | 31 | 0 |
| Riformulazzjoni tas-SIS (Ritorn u Fruntieri) | 0 | 2 | 0 | 0 | 4 | 0 |
| VIS Riveduta[35] | 5 | 6 | 0 | 6 | 6 | 0 |
| PK tas-SIK | 3 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 |
| Diġitalizzazzjoni tal-viża | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| Riformulazzjoni tal-Eurodac | 5 | 2 | 0 | 8 | 7 | 0 |
| Regolamenti dwar l-Iskrinjar | 0 | 0 | 0 | 5 | 2 | 0 |
| Router ċentrali Prüm II | 4 | 0 | 0 | 6 | 0 | 0 |
| **Proposti leġiżlattivi li għad iridu jiġu adottati**[36][37] | **0** | **0** | **0** | **2** | **0** | **0** |
| Router API-PNR | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 |
| **Karigi mhux awtorizzati fuq terminu qasir** | **0** | **17** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| Karigi mhux awtorizzati fuq terminu qasir | 0 | 17 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | **212** | **154** | **9** | **239** | **171** | **11** |
| | | | | | | *Referenza: 31 ta' Diċembru 2024* |

[32] Il-persunal eżistenti, minbarra l-offerti ta' impjieg maħruġa.

[33] L-għadd totali ta' karigi skont it-tabella tal-persunal emendata għall-2024, adottata mill-awtorità baġitarja f'Novembru 2024.

[34] Dawn il-karigi jiġu allokati temporanjament lill-eu-LISA mill-Frontex għal perjodu ta' tliet snin li jdum mill-2025 sal-2027.

[35] L-għadd ta' membri tal-persunal ġie ttrasferit għas-sena suċċessiva minħabba l-adozzjoni tardiva tar-Regolament dwar il-VIS Rivedut, kif rifless fl-ippjanar tal-persunal.

[36] Status fil-31 ta' Diċembru 2024.

[37] L-għadd ta' persunal indikat huwa proviżorju, ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi annessi mal-proposti leġiżlattivi rispettivi.

## 2.2. **Prospettiva għall-2026–2028**

### 2.2.1. **Kompiti ġodda**

F'dawn l-aħħar snin, l-eu-LISA ngħatat il-kompitu li tiżviluppa u twettaq manutenzjoni sussegwenti ta' bosta sistemi ġodda u soluzzjonijiet diġitali għad-dominju tal-ĠAI tal-UE (għal aktar, ara l-kuntest ta' Politika), bl-impatt li ġej fuq l-ippjanar tar-riżorsi umani għall-2026–2028:

- **Pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża** (EU VAP):[38] l-eu-LISA ġiet allokata karigi addizzjonali biex tibda tiżviluppa l-pjattaforma mill-2026 u tiżgura l-manutenzjoni mill-2028. Għal dak il-għan, ġew ippjanati 6 karigi TA u 4 karigi CA għall-2026, u kariga TA addizzjonali waħda u kariga CA waħda fl-2027, biex b'hekk l-għadd totali ta' karigi laħaq 12 (7 TA u 5 CA), li se jinżammu għas-snin sussegwenti.
- **Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta** (PK tas-SIK):[39] ingħataw karigi addizzjonali biex tiġi żviluppata l-pjattaforma mill-2026 u biex tiġi żgurata l-manutenzjoni tagħha mill-2028. Minbarra 8 karigi TA disponibbli diġà fl-2025, l-Aġenzija se tirċievi 2 karigi CA fl-2026, biex b'hekk l-għadd totali ta' karigi ġodda laħaq 10, li se jinżammu għas-snin sussegwenti.
- **Riformulazzjoni tal-Eurodac:**[40] għall-2025, l-eu-LISA ngħatat 35 kariga, li se jiżdiedu għal 38 fl-2026 (15-il kariga TA u 23 kariga CA). Mill-2027 se jibda tnaqqis gradwali fil-persunal, li se jirriżulta f'36 kariga (tnaqqis ta' 2 karigi CA), u tnaqqis ulterjuri għal 24 kariga (10 TA u 14-il CA), li se jinżammu għall-futur.
- **Regolamenti dwar l-Iskrinjar:**[41] l-eu-LISA se tiżviluppa, tintegra u żżomm sistemi u komponenti tal-interoperabbiltà differenti għall-iskop tal-iskrinjar. Fl-2025, l-eu-LISA ngħatat 19-il kariga (13 TA u 6 CA) għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, li se jinżammu sal-2028, meta jkun previst tnaqqis żgħir fil-persunal.
- **Ir-router ċentrali Prüm II għal kooperazzjoni tal-pulizija msaħħa**:[42] fl-2026, l-eu-LISA se jkollha 10 karigi TA (3 karigi addizzjonali meta mqabbla mal-2025). Fl-2027, kariga waħda TA se tiġi tterminata, filwaqt li se jingħataw 2 karigi addizzjonali CA, biex l-għadd totali tal-persunal jinġieb għal 11, li se jinżammu għall-futur.
- **Router API-PNR għat-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR):**[43] iċ-ċifri riveduti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva (LFS) annessi mal-proposti tal-Kummissjoni jipprevedu l-allokazzjoni ta' 12-il kariga TA u 4 karigi CA addizzjonali fl-2025, TA waħda fl-2026, 0.5 CA fl-2027, u 3 CA fl-2027 li jwasslu għal total ta' 20 kariga (13-il kariga TA u 7 karigi CA) li se jkunu meħtieġa wkoll fis-snin sussegwenti.
- **Applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE (DTA)**:[44] Skont il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni imressqa f'Ottubru 2024, l-eu-LISA tkun responsabbli biex tappoġġa lill-Kummissjoni fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-applikazzjoni fil-livell tal-UE. L-applikazzjoni tkun disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE u mhux tal-UE li jkollhom passaport bijometriku jew karta tal-identità tal-UE li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen jew minnha. Għal dak il-għan, l-eu-LISA tista' tiġi allokata riżorsi għall-persunal addizzjonali mill-2027, inizjalment b'2 karigi TA u fl-2028, żieda ulterjuri għal 17.5 f'dak li jirrigwarda l-karigi (9 TA u 8.5 CA).

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-Tabella 5 Estimi tal-persunal għall-2026–2028 taħt **2.3.2. Programmazzjoni tar-riżorsi umani**.

---

[38] *Ir-Regolamenti (UE) 2023/2667* u *2023/2685* tat-22 ta' Novembru 2023 fir-rigward tad-**diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża**.

[39] *Ir-Regolament (UE) 2023/969*, ĠU L 132, 17.5.2023.

[40] *Ir-Regolament (UE) 2024/1358*, ĠU L, 2024/1358, 22.05.2024 (ir-**Regolament Riformulat tal-Eurodac**).

[41] *Ir-Regolament (UE) 2024/1356*, ĠU L, 22.05.2024; *ir-Regolament (UE) 2024/1352*, ĠU L, 22.05.2024.

[42] *Ir-Regolament (UE) 2024/982*, ĠU L, 2024/982, 5.4.2024.

[43] *Ir-Regolament (UE) 2025/12*, ĠU L, 2025/12, 8.1.2025, u *r-Regolament (UE) 2025/13*, ĠU L, 2025/13, 8.1.2025.

[44] *Proposta għal Regolament* li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' *data* dwar l-ivvjaġġar (l-**applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE**) fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali [*COM(2024) 670* final]; u *Proposta għal Regolament tal-Kunsill* dwar il-ħruġ tal-**kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali** bbażati fuq il-karti tal-identità u l-istandards tekniċi [*COM(2024) 671* final].

### 2.2.2. **Żvilupp tal-kompiti eżistenti**

B'segwitu għall-adozzjoni ta' regolamenti ġodda u l-allokazzjoni ta' riżorsi umani addizzjonali, l-eu-LISA adattat l-istruttura organizzazzjonali tagħha biex tirrifletti t-tkabbir u tippermetti l-implimentazzjoni effiċjenti tal-kompiti. Barra minn hekk, bdiet tbiddel il-mod ta' ħidma tagħha, li jinkludi l-internalizzazzjoni tal-kapaċitajiet rilevanti biex tkun tista' ssir ġestjoni aktar effettiva tal-kuntratti u tal-proġetti. L-Aġenzija allokat xi riżorsi umani disponibbli għal oqsma li ġew identifikati fil-passat li kellhom nuqqas ta' persunal (bħad-diversità u l-inklużjoni, l-organizzazzjoni ekoloġika u sostenibbli, is-servizzi legali, il-kontabbiltà, l-awditjar intern, l-IT korporattiva, ir-riżorsi umani u l-ġestjoni finanzjarja jew l-akkwist) biex tkopri volum dejjem akbar ta' kompiti orizzontali li akkumpanjaw it-tkabbir tal-Aġenzija u l-kompiti l-ġodda tagħha.

Madankollu, sabiex tiżgura servizz bla interruzzjoni u kontinwu, l-Aġenzija tista' timplimenta mill-ġdid għadd limitat biss ta' karigi eżistenti minn kompiti (ta' żvilupp) relatati mal-proġett għal kompiti oħra. Bħala konklużjoni, għall-oqsma identifikati għal tisħiħ ulterjuri se jiġi applikat l-hekk imsejjaħ "approċċ ta' ġbir flimkien" billi jintużaw karigi addizzjonali għall-persunal, li huma vakanti f'oqsma oħra, biex jintlaħqu l-objettivi tal-Aġenzija.

## 2.3. **Programmazzjoni tar-riżorsi għall-2026–2028**

### 2.3.1. **Programmazzjoni tar-riżorsi finanzjarji**

Ir-riżorsi finanzjarji għall-perjodu 2026–2027 huma parti mill-ippjanar pluriennali tal-eu-LISA u ġew inklużi fil-previżjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021–2027.

L-**Anness II** jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn in-nefqa operazzjonali tal-eu-LISA skont il-portafoll, kif previst fil-programmazzjoni pluriennali u annwali u l-ġustifikazzjonijiet baġitarji, filwaqt li l-**Anness III** jaqsam il-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-eu-LISA li tiġbor flimkien in-nefqiet operazzjonali għal kull sistema skont il-kapitolu baġitarju.

Għall-perjodu 2026–2028, l-eżerċizzju ta' ppjanar tal-eu-LISA uża l-ippjanar tal-QFP bħala l-linja bażi għall-estimi finanzjarji:

- **sistemi ġodda fdati lill-eu-LISA:** l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja pprovdiet dettalji kritiċi li ma kinux magħrufa matul it-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) rispettivi, li rriżultaw f'żieda sinifikanti fl-ambitu u fil-kumplessità tas-sistemi l-ġodda, inkluż l-integrazzjoni tagħhom fl-arkitettura tal-interoperabbiltà;
- **kumplessità miżjuda tas-sistemi:** il-kostijiet tal-manutenzjoni relatati mal-infrastruttura u mas-software ta' appoġġ jaqbżu l-estimi inizjali. L-impronta tal-infrastruttura tas-sistemi l-ġodda kienet akbar milli kien antiċipat oriġinarjament, flimkien mar-riżultati tal-proċeduri tal-offerti, li fihom il-kostijiet tal-manutenzjoni tas-sistema ġew ikkalkulati abbażi tal-arkitettura eżistenti tagħhom. Barra minn hekk, l-użu tal-pjattaforma kondiviża komuni tal-Aġenzija qabżet il-pjanijiet oriġinali minħabba żieda fid-domandi li rriżultaw kemm minn sistemi ġodda kif ukoll minn dawk eżistenti u dan affettwa bil-kbir il-kostijiet ta' manutenzjoni tagħha.

Dawn l-estimi huma bbażati fuq l-esperjenza preċedenti tal-Aġenzija, jiġifieri, il-fatturi attwali u l-prezzijiet ġew estrapolati minn kuntratti eżistenti u żamma f'kundizzjoni funzjonali (MWO). Konsegwentement, l-eu-LISA se jkollha tirfina u taġġusta dawn l-estimi abbażi tal-offerti li effettivament tirċievi.[45]

### 2.3.2. **Programmazzjoni tar-riżorsi umani**

L-estimi tar-riżorsi umani għall-perjodu 2026-2028 huma bbażati fuq regolamenti adottati u dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS)[46] għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda jew soluzzjonijiet diġitali (ara hawn taħt).

Għalkemm l-eu-LISA diġà kkonsolidat u pprijoritizzat mill-ġdid ir-riżorsi umani disponibbli għas-snin li ġejjin wara r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali għall-interoperabbiltà u l-adozzjoni ta' modi ta' ħidma ġodda u aktar aġli, hija identifikat bosta pożizzjonijiet li huma indispensabbli għat-twettiq ta' kompiti kritiċi, li ma jistgħux jew ma għandhomx jiġu esternalizzati minħabba n-natura tagħhom, jiġifieri kompiti relatati mal-mandat ewlieni tal-eu-LISA li għandhom jitwettqu mill-persunal statutorju.

Sabiex tnaqqas id-dipendenza fuq fornituri ta' servizzi esterni, l-Aġenzija ffukat mill-ġdid il-prijoritajiet tagħha sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet u l-kompetenzi interni. Dan se jkompli fl-2026 u lil hinn bl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista. L-Aġenzija se tiffoka fuq li jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti bil-kapaċitajiet meħtieġa u li tiżdied ir-rata ta' okkupanza.

---

[45] L-Aġenzija nediet offerta għall-Qafas Operazzjonali Trażversali (TOF) biex tkopri l-manutenzjoni tas-sistemi kollha.

[46] *Dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi* Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) jipprovdu stima tal-impatt baġitarju (inkluż l-ispejjeż amministrattivi, tal-ġestjoni u ta' appoġġ) tal-operazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, pereżempju fi proposti leġiżlattivi.

▲ **Tabella 5. Estimi tal-persunal għall-2026–2028.**

| | 2026 | | | | 2027 | | | | 2028 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | TA | CA | SNE | Total | TA | CA | SNE | Total | TA | CA | SNE | Total |
| **Regolament tal-eu-LISA** | **142** | **57** | **11** | **210** | **142** | **57** | **11** | **210** | **142** | **57** | **11** | **210** |
| Persunal ta' referenza | 113 | 30 | 9 | 152 | 113 | 30 | 9 | 152 | 113 | 30 | 9 | 152 |
| Regolament tal-eu-LISA rivedut (persunal addizzjonali) | 23 | 27 | 2 | 52 | 23 | 27 | 2 | 52 | 23 | 27 | 2 | 52 |
| Karigi ta' ċibersigurtà (li ngħataw fl-2023) | 6 | 0 | 0 | 6 | 6 | 0 | 0 | 6 | 6 | 0 | 0 | 6 |
| **Regolamenti speċifiċi għas-sistema (adottati)** | **131** | **140** | **0** | **271** | **130** | **138.5** | **0** | **268.5** | **125** | **134** | **0** | **259** |
| EES | 32 | 0 | 0 | 32 | 32 | 0 | 0 | 32 | 32 | 0 | 0 | 32 |
| ETIAS | 7 | 35 | 0 | 42 | 7 | 35 | 0 | 42 | 7 | 35 | 0 | 42 |
| ECRIS-TCN | 0 | 5 | 0 | 5 | 0 | 5 | 0 | 5 | 0 | 5 | 0 | 5 |
| e-CODEX | 2 | 3 | 0 | 5 | 2 | 3 | 0 | 5 | 2 | 3 | 0 | 5 |
| Appoġġ għat-trasportaturi EES-ETIAS[47] | 0 | 21 | 0 | 21 | 0 | 21 | 0 | 21 | 0 | 21[48] | 0 | 21 |
| Interoperabbiltà | 22 | 30 | 0 | 52 | 22 | 30 | 0 | 52 | 22 | 30 | 0 | 52 |
| Riformulazzjoni tas-SIS (Ritorn u Fruntieri) | 0 | 4 | 0 | 4 | 0 | 4 | 0 | 4 | 0 | 4 | 0 | 4 |
| VIS Riveduta[49] | 2 | 0 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 2 | 2 | 0 | 0 | 2 |
| PK tas-SIK | 8 | 2 | 0 | 10 | 8 | 2 | 0 | 10 | 8 | 2 | 0 | 10 |
| Diġitalizzazzjoni tal-viża (e-VISA) | 6 | 4 | 0 | 10 | 7 | 5 | 0 | 12 | 7 | 5 | 0 | 12 |
| Riformulazzjoni tal-Eurodac | 15 | 23 | 0 | 38 | 15 | 21 | 0 | 36 | 10 | 14 | 0 | 24 |
| Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar | 13 | 6 | 0 | 19 | 13 | 6 | 0 | 19 | 13 | 6 | 0 | 19 |
| Router ċentrali Prüm II | 10 | 0 | 0 | 10 | 9 | 2 | 0 | 11 | 9 | 2 | 0 | 11 |
| Router API-PNR[50] | 13 | 4 | 0 | 17 | 13 | 4.5 | 0 | 17.5 | 13 | 7 | 0 | 20 |
| **Proposti leġiżlattivi li għad iridu jiġu adottati[51]** | **0** | **0** | **0** | **0** | **2** | **0** | **0** | **2** | **9** | **8.5** | **0** | **17.5** |
| DTA | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 2 | 9 | 8.5 | 0 | 17.5 |
| **Subtotal skont it-tabella tal-persunal** | 272 | 194 | 11 | 477 | 274 | 195.5 | 11 | 480.5 | 276 | 199.5 | 11 | 486.5 |

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-**Anness II** u l-**Anness V.**

[47] Dawn il-karigi ġew allokati temporanjament lill-eu-LISA mill-Frontex għal perjodu ta' tliet snin, mill-2025 sal-2027.

[48] Mill-2028 se jkun meħtieġ ftehim ġdid jew l-inklużjoni ta' dawn il-karigi fil-baġit tal-eu-LISA.

[49] L-għadd ta' persunal, li tmexxa 'l quddiem b'sena minħabba l-adozzjoni tardiva tar-Regolament dwar il-VIS Riveduta, ġie allinjat mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni kif rifless fl-aġġustament għall-ippjanar tal-persunal tal-2026.

[50] *Ir-Regolament (UE) 2025/12*, ĠU L, 2025/12, 8.1.2025, u *r-Regolament (UE) 2025/13*, ĠU L, 2025/13, 8.1.2025.

[51] L-għadd ta' persunal indikat huwa provviżorju, ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi annessi mal-proposti leġiżlattivi rispettivi.

## 2.4. **Strateġija għall-kisba tat-titjib fl-effiċjenza**

L-objettiv tal-eu-LISA huwa li tevolvi f'organizzazzjoni aġli u effiċjenti li toffri prestazzjoni eċċellenti.

Sabiex ittejjeb il-governanza ġenerali, l-ippjanar tar-riżorsi u l-ġestjoni tal-baġit tagħha, l-Aġenzija qed tħares lejn modi kif tista' ssaħħaħ aktar l-ottimizzazzjoni, tikseb aktar titjib fl-effiċjenza u ttejjeb l-użu tar-riżorsi tagħha.

Attwalment, l-Aġenzija ma tikkwantifikax sistematikament it-titjib fl-effiċjenza realizzat, iżda sa nofs l-2026 beħsiebha tistabbilixxi reġistru għall-monitoraġġ tal-attivitajiet li jwassal għal titjib fl-effiċjenza, inkluża stima tal-kisbiet realizzati (f'termini ta' konsum tar-riżorsi iżda wkoll il-kwalità u l-valur tal-outputs).

Diġà seħħ titjib fl-effiċjenza f'bosta oqsma:

- L-**użu tal-kapaċitajiet tal-vidjokonferenzi** għal-laqgħat (ma' partijiet ikkonċernati interni kif ukoll ma' dawk esterni) diġà rriżulta fi ffrankar baġitarju.
- Inkisbu effiċjenzi permezz ta' **akkwist kondiviż** mal-Kummissjoni Ewropea jew ma' Aġenziji oħra tal-UE, għall-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti u fl-iskambju ta' listi ta' riżerva stabbiliti ta' kandidati magħżula minn Aġenziji oħra. Fejn possibbli, l-eu-LISA se tkompli tfittex aktar sinerġiji internament u ma' aġenziji oħra tal-UE, eż., bl-użu ta' proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali, għal servizzi u provvisti orizzontali. Billi ġabru flimkien ir-riżorsi u kapaċità tal-akkwist akbar, tali proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali diġà kkontribwew biex jintlaħqu ekonomiji ta' skala aħjar. L-eu-LISA tipprevedi li fil-futur se tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni fi ħdan in-Network tal-Aġenziji Ewropej (EUAN). Mill-2020 u l-pandemija tal-COVID-19, l-eu-LISA bidlet it-twassil ta' attivitajiet ta' taħriġ lill-Istati Membri minn wiċċ imb wiċċ għal online. Fl-2024, **80 % tal-attivitajiet ta' taħriġ ġew ipprovduti online** (meta mqabbla ma' 52 % fl-2019), u 94 % tal-parteċipanti attendew online. Dan wassal ukoll għal żieda fl-għadd totali ta' parteċipanti fit-taħriġ: minn 623 fl-2019 għal aktar minn 4 100 fl-2024. Il-biċċa l-kbira tal-materjali ta' taħriġ online jistgħu jerġgħu jintużaw, li jnaqqas il-kostijiet għall-eu-LISA u l-ammont ta' xogħol tat-tim tat-taħriġ, filwaqt li jiġu pprovduti wkoll opportunitajiet ta' ffrankar tal-kostijiet għall-Istati Membri, (billi jnaqqsu l-kost u l-ħin tal-ivvjaġġar). Huwa mistenni li din it-tendenza se tkompli.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni strateġiku tal-eu-LISA lejn modi ġodda ta' ħidma qed twassal ukoll gradwalment għal titjib fl-effiċjenza:

- L-**istrateġija l-ġdida ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista** (li ġiet adottata f'Novembru 2025 mill-Bord tat-Tmexxija) hija element importanti biex tiggwida l-ippjanar tar-riżorsi umani b'mod aktar trasparenti u tidentifika l-ħtieġa ta' riżorsi li ma jistgħux jiġu esternalizzati. L-istrateġija l-ġdida ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista tidentifika 10 kapaċitajiet fl-aġenzija kollha bl-aktar sorsi effiċjenti (bini, self, xiri). L-istrateġija tal-akkwist għandha l-għan li tappoġġa l-internalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi, bħall-arkitettura jew il-ġestjoni ta' rekwiżiti. Dan se jsaħħaħ il-kontroll tal-aġenzija fuq l-attivitajiet kritiċi, iwassal għal prattiki aktar effiċjenti u jgħin fiż-żamma ta' ħiliet kritiċi. Għall-operazzjonijiet tagħha, l-eu-LISA investiet sforzi sinifikanti biex timplimenta **modi aġli ta' skalabbiltà**, filwaqt li saħħet il-kollaborazzjoni bejn timijiet trażversali temporanji biex tipprovdi proġetti ġodda ta' żvilupp tal-IT u teżamina modi kif timmodernizza l-mudell operattiv tagħha, biex b'hekk tnaqqas id-dipendenza fuq kuntratturi esterni. Qed jiġi vvalutat ukoll il-ġbir flimkien ta' riżorsi interni tal-persunal, biex tiġi pprovduta flessibbiltà akbar bejn il-proġetti. Il-kunċett ta' software factory li abbażi tiegħu l-aġenzija twettaq xi wħud mill-funzjonijiet kritiċi (rekwiżiti, parti mill-iżvilupp) bl-użu ta' metodi Agile, issa qed jiġi ppilotat għall-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida u diġà wera benefiċċji ċari, bit-tnaqqis taż-żmien għall-iżvilupp, il-possibbiltà ta' tnaqqis fiż-żmien għall-introduzzjoni fis-suq, il-kisba ta' feedback bikri mill-Istati Membri u ż-żieda tas-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.
- Sabiex tnaqqas il-pressjoni fuq il-kostijiet tal-infrastruttura, fl-2024 l-Aġenzija vvalutat **soluzzjonijiet u metodi tat-teknoloġija tal-cloud** biex tappoġġa l-operat tagħha. Fl-2025, il-Bord tat-Tmexxija adotta **strateġija dwar il-cloud**, li tipprevedi ffrankar mill-użu tas-servizzi tal-cloud għall-iżvilupp u l-preproduzzjoni, li tikkonforma mar-restrizzjonijiet regolatorji. L-Aġenzija diġà bdiet timplimenta xi elementi ta' din l-istrateġija fl-2025. L-użu tal-cloud għall-attivitajiet ta' żvilupp se jnaqqas xi wħud mill-ħin u l-kostijiet relatati mal-akkwist tal-hardware u b'mod ġenerali jnaqqas iż-żmien għall-introduzzjoni fis-suq għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda.
- Sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-**ippjanar intern u l-allokazzjoni tar-riżorsi** lejn effettività msaħħa tal-kostijiet, fl-2023 l-eu-LISA introduċiet **għodda tal-IT** (Anaplan) biex tissimplifika l-isforzi tal-ippjanar fl-Aġenzija kollha kemm hi, bl-użu ta' sett komuni ta' *data* bħala punt uniku ta' verità, li jwassal għal titjib fl-effiċjenza. Anaplan tintuża biex tappoġġa t-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali, inkluż l-allokazzjoni tal-baġit u tar-riżorsi umani. Huwa previst li l-għodda tiġi estiża biex tappoġġa l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali.

- L-Aġenzija żviluppat u ddokumentat **sett ta’ 69 proċess** li jkopru l-attivitajiet operazzjonali u korporattivi tagħha biex tappoġġa lill-membri tal-persunal fil-kompiti tagħhom u tiffaċilita l-interazzjoni bejn it-timijiet. Il-proċessi kollha jitkejlu permezz ta’ indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tiġi żgurata r-rilevanza u jiġu rieżaminati u aġġornati regolarment għal ottimizzazzjoni u sinerġiji ulterjuri. Hija prevista wkoll is-simplifikazzjoni ta’ xi proċessi. Fl-2025-2026, se jsir rieżami sistematiku tal-proċessi kollha bil-għan li tinkiseb aktar effiċjenza fl-eu-LISA kollha u jiġu inkorporati prattiki aġli fil-proċessi eżistenti. L-Aġenzija qed tivvaluta wkoll l-għodod diġitali biex tappoġġa l-ġestjoni tal-proċessi interni, tiffaċilita l-aċċess u ssaħħaħ il-konformità.
- Fl-2024, l-Aġenzija wettqet immappjar intern tal-każijiet ta’ użu fejn l-**intelliġenza artifiċjali ġenerattiva** tista’ ttejjeb l-**effiċjenza tal-proċessi interni**. Fl-2025, twettaq proġett pilota biex jiġu stabbiliti rekwiżiti għal żewġ każijiet ta’ użu bl-użu ta’ IA ġenerattiva: 1/appoġġ għall-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, 2/irkupru ta’ informazzjoni permezz ta’ chatbots f’oqsma differenti fl-aġenzija kollha kemm hi. Dawn iż-żewġ każijiet ta’ użu se jiġu implimentati fl-2026, u b’hekk il-bini tal-kapaċità interna u l-użu mill-ġdid tat-teknoloġiji se jiġu estiżi ulterjorment għal każijiet oħra ta’ użu, bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza interna tal-Aġenzija. L-għodod tal-IA bla ħlas mill-Kummissjoni Ewropea diġà jintużaw b’mod wiesa’ biex jappoġġaw eż. it-traduzzjonijiet, sommarji, it-traskrizzjoni tat-taħdit għall-minuti tal-Korpi ta’ Governanza. Fl-2025, l-Aġenzija bdiet ukoll pilotaġġ tal-Microsoft Copilot għall-sommarji awtomatiċi tal-laqgħat.
- L-**użu tal-IA biex jiġu appoġġati l-attivitajiet operazzjonali** diġà huwa realtà għas-Servizz kondiviż ta’ Tqabbil Bijometriku, fejn l-IA tippermetti preċiżjoni u veloċità msaħħa tat-tqabbil bijometriku, li jkun ta’ benefiċċju dirett għall-utenti finali tas-servizz fl-Istati Membri. L-Aġenzija qed tħejji wkoll chatbots immirati direttament lejn il-vjaġġaturi għall-ETIAS tal-futur u għall-pjattaforma għall-Applikazzjoni għal Viża, li jużaw il-kapaċitajiet ġenerattivi tal-IA. Iċ-chatbots se jirrispondu f’isem l-uffiċċji konsulari tal-pajjiżi tal-UE fid-dinja kollha parti kbira mill-mistoqsijiet ripetittivi li dawn l-uffiċċji jkollhom jittrattaw ta’ kuljum, u b’hekk jirrilaxxaw sigħat ta’ xogħol li jistgħu jiġu diretti mill-ġdid għal kompiti aktar kumplessi b’valur miżjud ogħla. Fl-aħħar nett, fl-2025 kien diġà nbeda proġett pilota għall-użu tal-IA biex jiġi appoġġat ir-rieżami tal-kodiċi għall-iżvilupp tas-sistemi.
- Permez tar-riflessjonijiet qed jingħata bidu wkoll biex jiġu ottimizzati u kkoordinati aħjar l-**attivitajiet ta’ ġestjoni tad-*data*** fl-Aġenzija kollha kemm hi, fi żmien meta s-sistemi ġodda fis-seħħ jirriżultaw fil-ġestjoni ta’ volum ferm ogħla ta’ *data* u għadd dejjem jikber ta’ talbiet għall-istatistika u għar-rapportar. Huma previsti għodod analitiċi tad-*data* bl-użu tal-IA.

It-titjib fl-effiċjenza huwa wkoll ir-riżultat tal-użu tal-**għodod tal-IT** issimplifikati biex tiġi ffaċilitata l-ħidma ta’ kuljum tal-persunal. L-eu-LISA qed tuża jew tippjana li takkwista **għodod biex tottimizza l-ħidma tagħha, bħal**:

- Service Now biex jissostitwixxi l-għodda attwali ITSM, bl-awtomatizzazzjoni tal-proċessi u flussi tax-xogħol issimplifikati biex jittejjeb is-servizz tal-klijenti, jitnaqqsu l-kostijiet, u tiżdied l-aġilità għall-adattament għall-ħtiġijiet tal-operat li qed jinbidlu,
- Sistema ta’ Ġestjoni tal-Avvenimenti (EMS) li se ġġib osservabbiltà aħjar għas-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA (fil-livell tal-applikazzjoni u tal-infrastruttura), filwaqt li tawtomatizza l-proċessi ta’ ġestjoni tal-inċidenti u l-problemi, u b’hekk timminimizza l-ħin għall-irkupru,
- Il-Manwal għall-Operaturi elettroniċi (eOPM) il-ġdid bħala evoluzzjoni tas-SIS eOPM attwali li se jiġi implimentat għas-sistemi kollha tal-ĠAI bil-għan li jissaħħaħ l-appoġġ għas-Service Desk biex tiżdied l-effiċjenza tas-service desk lill-Istati Membri f’każ ta’ inċidenti.
- RE-USE, għodda biex tgħin fil-ġestjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-rekwiżiti tal-utenti, l-użu ta’ CENTRICS, għodda żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea li għandha tiġi ppilotata fl-2025 biex tappoġġa l-attivitajiet ta’ kontroll intern.

## 2.5. **Prijoritajiet negattivi jew tnaqqis tal-kompiti eżistenti**

Il-ħidma tal-Aġenzija tiddependi ħafna mill-qafas leġiżlattiv attwali, u mill-iskeda ta' żmien stabbilita mil-leġiżlatur għall-operat u l-evoluzzjonijiet tas-sistemi ġestiti u żviluppati mill-Aġenzija. Il-prijoritajiet negattivi jew it-tnaqqis tal-kompiti eżistenti jirriżultaw mill-finalizzazzjoni tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda u komponenti tal-interoperabbiltà. Dan jippermetti l-opportunità li jiġu allokati mill-ġdid ir-riżorsi fejn ikunu meħtieġa, f'konformità mad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi. Pereżempju, wara d-dħul fis-seħħ tal-EES, xi wħud mill-profili interni eżistenti se jiġu assenjati mill-ġdid għal sistemi oħra li qed jiġu żviluppati.

Barra minn hekk, l-eu-LISA tistenna redditu ogħla fuq l-investiment bl-użu ta' metodi ta' ħidma aġli, il-ġbir flimkien tar-riżorsi, il-ħidma permezz ta' timijiet trażversali, l-użu ta' IA ġenerattiva u għodod tal-IT imsaħħa, u l-organizzazzjoni ta' aktar laqgħat u taħriġ online.

Bir-riżorsi limitati tagħha, l-Aġenzija se tivvaluta fuq każ b'każ, il-prijoritizzazzjoni ta' xi attivitajiet ta' valur aktar baxx, tipposponi attivitajiet mhux kritiċi jew tħares lejn modi biex tottimizza t-twassil ta' kompiti jew proġetti aktar essenzjali, eż., billi tuża l-awtomatizzazzjoni jew l-IA għal kompiti ripetittivi, tillimita l-għadd ta' rappreżentanti f'laqgħat esterni. Bl-inizjattiva l-ġdida għall-ġestjoni tad-domanda, l-Aġenzija diġà bdiet tanalizza b'mod aktar kritiku l-fattibbiltà ta' talbiet ġodda b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi disponibbli. Dan issa huwa ffaċilitat mill-konsultazzjoni sistematika mill-Kummissjoni biex tiġi pprovduta stima tal-ħtiġijiet tar-riżorsi bħala parti mill-valutazzjoni teknika u finanzjarja għal inizjattivi ġodda.

# 3 PROGRAMMAZZJONI ANNWALI

# Sommarju eżekuttiv

**Il-programm ta' ħidma annwali jiddeskrivi l-objettivi ewlenin tal-eu-LISA għall-2026 u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li beħsiebha twettaq l-Aġenzija biex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha.**

Fl-2026, il-fokus u l-isforzi tal-Aġenzija huma diretti lejn it-twettiq tal-**programm ta' trasformazzjoni diġitali stabbilit fil-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà aġġornat** li jirrappreżenta sfida – it-twettiq tas-sistemi l-ġodda li jmiss u l-finalizzazzjoni tal-integrazzjoni tagħhom fl-arkitettura tal-interoperabbiltà, – u l-finalizzazzjoni tal-aġġornament komprensiv tal-Eurodac il-ġdida sat-12 ta' Ġunju 2026. Fis-snin li ġejjin, id-dħul fis-seħħ f'waqtu u b'suċċess ta' sistemi ġodda u l-interoperabbiltà tagħhom se jibqgħu prijorità ewlenija għall-eu-LISA. B'mod parallel, l-Aġenzija se tkompli tiżgura t-tmexxija operattiva bla xkiel tas-sistemi kollha taħt il-mandat tagħha: is-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES, u l-e-CODEX, filwaqt li żżomm livell għoli ta' disponibbiltà u rispons, u tosserva l-ogħla standards tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà tal-informazzjoni.

Il-programm ta' ħidma annwali għall-2026 jirrifletti l-isforzi sostnuti tal-eu-LISA li żżomm u ssaħħaħ l-effiċjenza operazzjonali u l-aġilità tagħha biex tindirizza dawn l-isfidi. L-Aġenzija se tkompli taħdem biex issir aġenzija tal-UE effiċjenti, aġli u interkonnessa b'mod intelliġenti biex tikseb ir-riżultati mistennija b'riżorsi limitati meta mqabbel mal-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Fl-2026, l-Aġenzija se tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku tagħha, li ġie adottat fl-2024, sabiex ittejjeb il-ġestjoni operazzjonali tagħha. L-azzjonijiet differenti huma inkorporati fil-ħames prijoritajiet ippreżentati hawn taħt.

## Prijoritajiet tal-eu-LISA għall-2026

### ↘ Prijorità 1: Żgurar ta' operat u implimentazzjoni effiċjenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA

Il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija hija li tiżgura l-**operat stabbli u mingħajr interruzzjoni** tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE taħt il-mandat tagħha u twettaq **l-aġġornamenti u l-evoluzzjonijiet meħtieġa** biex tiggarantixxi t-titjib kontinwu tagħhom tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE li tiġġestixxi: is-**SIS**, il-**VIS**, il-**Eurodac**, l-**e-CODEX**, l-**EES** u **l-ECRIS RI**. Sabiex tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tagħhom, l-eu-LISA tipprovdi manutenzjoni għal dawn is-sistemi kollha u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom, flimkien ma' appoġġ proattiv u ta' kwalità għolja lill-utenti finali fil-komunità tal-ĠAI tal-UE, jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tiffoka fuq it-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tas-servizz għal dawn is-sistemi, kif ukoll li ssaħħaħ u tiżgura livell xieraq ta' sigurtà, reżiljenza u disponibbiltà ta' kull sistema.

L-Aġenzija se tkompli bl-**implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà**, billi fl-2026 tuża: il-PK tas-SIK, l-ECRIS-TCN u l-ETIAS. L-Aġenzija se timplimenta wkoll gradwalment il-**komponenti tal-interoperabbiltà** (l-ESP, is-CIR, l-MID) u r-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS), u l-integrazzjoni tagħhom mas-sistemi eżistenti (is-SIS, il-VIS u l-Eurodac, inkluża l-VIS Riveduta) biex timplimenta arkitettura globali tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI. Is-sistema ċentrali għar-riżoluzzjoni ta' links sofor (CSLR) qed tiġi kkunsidrata wkoll. B'segwitu għall-adozzjoni tal-**Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** f'Mejju 2024, l-Aġenzija se tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp f'waqtu u d-**dħul fis-seħħ tar-Regolament Eurodac riformulat** (flimkien mar-Regolamenti dwar l-Iskrinjar) **sa Ġunju 2026** biex tiffaċilita l-ġestjoni aħjar tal-proċeduri tal-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari tal-UE.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-għodod u l-pjattaformi tal-IT. Bħala parti mid-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża ta' Schengen, l-Aġenzija se tibda tiżviluppa l-VIS Riveduta u l-**pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża** (EU VAP) fl-2026, biex tkompli tiffaċilita l-proċeduri tal-ħruġ tal-viża u twitti t-triq għal vjaġġar internazzjonali bla xkiel lejn l-Ewropa. Fil-qasam tas-sigurtà interna, l-eu-LISA qed tiżviluppa r-**router ċentrali Prüm II** biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb il-kooperazzjoni tal-pulizija. Sabiex tkompli ttejjeb l-identifikazzjoni tal-vjaġġaturi u tissimplifika l-ġestjoni tal-fruntieri, l-Aġenzija se tiżviluppa wkoll ir-**router API-PNR għat-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri** (API) u **r-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri** (PNR) mit-trasportaturi tal-ajru lill-Istati Membri.

Bħala wieħed mill-kontributuri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, l-eu-LISA tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom ta' sistemi ġodda u interoperabbiltà. Għal dan il-għan, l-eu-LISA se tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri matul il-proċessi ta' ttestjar tal-operat tagħhom u twettaq attivitajiet ta' taħriġ imfassla apposta dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi tal-ĠAI għall-utenti finali tagħhom.

### ↘ Prijorità 2: Titjib tal-prestazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' konformità

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ aktar is-**sistema ta' kontroll intern** tagħha, flimkien mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-**Qafas ta' Valutazzjoni Komuni** (CAF), kif maqbul fl-2022. Il-kontrolli interni, inkluża l-Istrateġija ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, se jiffukaw fuq oqsma fejn qed iseħħu n-nuqqasijiet ewlenin, b'mod partikolari, fuq it-titjib tal-proċessi u l-attivitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti.

L-Aġenzija se tkompli tapplika l-ogħla livelli ta' **standards tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-protezzjoni tad-*data*** biex tiggarantixxi li t-trattament tal-informazzjoni personali jibqa' ġust u legali, f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Ir-rapportar dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) jibqa' element ewlieni fir-responsabbiltà tal-Aġenzija, filwaqt li l-kollaborazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE tippromwovi l-aħjar prattiki.

### ↘ Prijorità 3: Trawwim tal-involviment tal-persunal billi l-Aġenzija ssir post ideali għax-xogħol biex tattira u żżomm talent ġdid

L-Aġenzija se tistinka biex ittejjeb ir-**rata ta' okkupanza** tagħha, b'mod partikolari billi twettaq proċeduri ta' reklutaġġ aktar rapidi, bl-użu tal-media soċjali sabiex tappoġġa r-reklutaġġ u timmassimizza l-użu ta' listi ta' riżerva interni eżistenti u listi ta' riżerva kondiviżi ma' aġenziji oħra. L-eu-LISA hija impenjata li timmassimizza l-isforzi tagħha billi tmexxi proċedura ta' selezzjoni konġunta għan-Network tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni biex issaħħaħ il-produttività tal-proċeduri ta' reklutaġġ. L-Aġenzija se tkompli wkoll bl-isforzi tagħha biex tiżgura li jkollha l-persuni xierqa fil-pożizzjonijiet it-tajba billi tattira, tiżviluppa u żżomm professjonisti kwalifikati li jikkondividu l-valuri tal-Aġenzija u li jkunu motivati u impenjati ħafna li jwettqu l-missjoni u l-objettivi tagħha. L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha **bħala impjegatur tal-għażla fix-xenarju tal-IT** u tattira riżerva diversa ta' kandidati, b'fokus speċjali fuq in-nisa fl-iSTEM.

### ↘ Prijorità 4: Tħejjija għall-futur, tisħiħ fit-teknoloġiji u fl-innovazzjoni

Abbażi tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni indipendenti esterna regolari tal-eu-LISA mwettqa f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament ta' stabbiliment tagħha, l-Aġenzija se timplimenta **pjan ta' azzjoni** li għandu jiġi approvat mill-Bord tat-Tmexxija.

Sabiex tiżgura r-reżiljenza u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE, l-Aġenzija se tkompli bil-**programm ta' żieda fil-kapaċità** billi tottimizza r-riżorsi taċ-ċentru tad-*data* u ttejjeb il-kapaċità tal-enerġija u t-tkessiħ fiċ-ċentru tad-*data* ta' Strażburgu biex tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali li qed jiżdiedu li jirriżultaw minn għadd dejjem akbar ta' sistemi u volumi ġodda ta' *data*. L-Aġenzija għandha wkoll l-għan li tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha u ttejjeb il-prestazzjoni enerġetika tagħha, billi timplimenta pjan ta' titjib ibbażat fuq il-prinċipji tal-**Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE** u l-**Pjan ta' Azzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew** tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, l-Aġenzija se tkompli l-migrazzjoni tal-infrastruttura u l-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi tagħha lejn il-cloud ospitata mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali (DIGIT) tal-Kummissjoni biex tnaqqas il-kostijiet, ittejjeb l-effettività tal-proċessi tal-IT, u tipprovdi ambjent dinamiku u fuq talba biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti, inkluża l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-cloud tagħha biex tappoġġa s-sistemi tan-negozju ewlenin u tindirizza sfidi speċifiċi.

L-Aġenzija se tkompli tespandi **l-modi l-ġodda ta' ħidma** ttestjati b'suċċess permezz tal-approċċ fi stadji bl-adattament tal-metodi ta' ħidma tagħha lejn prattiki aktar aġli u organizzazzjoni aktar trażversali tar-rwoli fi ħdan l-Aġenzija u b'ħidma b'mod aktar integrat mal-kuntratturi u mal-fornituri tas-servizzi.

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħha billi tiffoka fuq il-monitoraġġ tar-riċerka u l-innovazzjonijiet rilevanti li jistgħu jiġu implimentati mill-eu-LISA, kif ukoll tipprovdi appoġġ espert lill-Programm Ewropew tar-Riċerka u lill-Istati Membri, f'konformità mal-istrateġija ta' riċerka tagħha approvata. L-Aġenzija se tkompli wkoll l-appoġġ proattiv tagħha bħala membru taċ-ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna.

Sabiex tindirizza aħjar iż-żieda fl-attakki u l-inċidenti ċibernetiċi, l-Aġenzija se tiffoka fuq it-tisħiħ tar-**reżiljenza ċibernetika u l-kapaċitajiet ta' rispons** tagħha. Se tkompli wkoll ittejjeb il-**portafoll tal-bijometrika** u l-kapaċitajiet tagħha biex iżżid il-kwalità ġenerali tas-soluzzjonijiet tal-bijometrika użati fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI.

Se tistinka biex tkompli ssaħħaħ l-effiċjenza tagħha, bl-użu ta' għodod u teknoloġiji li se jappoġġaw il-proċessi operazzjonali u korporattivi tagħha, inkluż l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi u s-servizzi (inkluż l-implimentazzjoni tal-apprendiment awtomatiku u l-IA) f'oqsma rilevanti, b'mod partikolari fl-uffiċċju tas-servizz, l-infrastruttura u ċ-ċibersigurtà.

### ↘ Prijorità 5: Konsolidazzjoni tal-governanza u r-relazzjonijiet tal-Aġenzija mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha

It-tisħiħ tas-sħubiji u l-alleanzi istituzzjonali mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri, mal-pajjiżi ospitanti, mal-akkademja u mal-industrija se jibqa' prijorità ewlenija. L-Aġenzija se tkompli taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tagħha, partikolarment l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-aġenziji sħab u l-Parlament Ewropew. Se ssaħħaħ ukoll is-sħubiji mal-pajjiżi ospitanti u l-bliet ospitanti (Tallinn, l-Estonja u Strażburgu, Franza) biex tiżgura aktar viżibbiltà fil-livell lokali għall-UE u sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-eu-LISA. Is-sħubiji mal-industrija u mal-akkademja se jkomplu jissaħħu wkoll.

L-Aġenzija se ssaħħaħ iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tar-rekwiżiti tagħha għas-sistemi eżistenti kif ukoll ġodda. Fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda, l-eu-LISA se tiżviluppa b'mod proattiv prodotti vijabbli minimi (MVP[52]) u mudelli biex tkopri aħjar il-feedback tal-utenti u tikseb il-kontribut meħtieġ għall-prodott finali.

[52] L-MVP jew il-prodott minimu vijabbli huwa verżjoni ta' prodott b'karatteristiċi minimi li jkun jista' jintuża mill-ewwel klijenti li mbagħad ikunu jistgħu jipprovdu feedback għall-iżvilupp tal-prodott futur.

# 3. **Programm ta' ħidma annwali għall-2026**

Il-programm ta' ħidma li ġej jiddeskrivi l-prijoritajiet ewlenin tal-eu-LISA għall-2026 u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn attivitajiet li beħsiebha twettaq l-Aġenzija biex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha stabbiliti f'dan id-dokument ta' programmazzjoni taħt kull prijorità stabbilita. L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa huma ppreżentati fl-Anness II.

## 3.1. **Kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi**

### 3.1.1. **Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)**

Is-SIS hija l-akbar sistema tal-IT u l-aktar waħda użata b'mod wiesgħa għas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Ewropa. Din tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Is-SIS hija mgħammra wkoll b'funzjonalità ta' tiftix bijometriku, li tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni abbażi tal-marki tas-swaba' tagħhom. Bħala tali, is-SIS tikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti tal-arkitettura ta' Schengen, li tippermetti ġestjoni intelliġenti u effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE kif ukoll tikkontribwixxi għas-sigurtà interna.

**Objettivi ewlenin**

- **operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluża l-funzjonalità bijometrika tagħha tal-AFIS sad-dħul fis-seħħ tal-sBMS għas-SIS), żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati, appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali tas-SIS;
- **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u kontinwità għall-utenti finali f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz;
- pjan direzzjonali stabbilit għall-implimentazzjoni tal-għarfien tal-wiċċ fis-SIS;
- twassil tal-**aġġornamenti u evoluzzjonijiet meħtieġa** biex jiġi żgurat titjib kontinwu tas-sistema.

**Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni**

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS** | ≥99.99 % | 99.78 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS** | ≥99.50 % | 100 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

**Kompiti u proġetti**

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tas-SIS / manutenzjoni adattiva**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inklużi kontrolli regolari tal-konsistenza tad-*data*.<br>Sistema kompletament operazzjonali u li twettaq il-prestazzjoni li tiżgura disponibbiltà għolja kontinwa u twassil effiċjenti tas-servizzi lill-utenti finali fl-Istati Membri kollha. |
| **Infrastruttura tas-SIS**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi kompletament operazzjonali u effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, f'konformità mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |
| **Aġġornament u evoluzzjoni** | | |
| **Evoluzzjoni tal-prodott tas-SIS** | Sistema konformi b'funzjonalità msaħħa, prestazzjoni msaħħa, u żieda fl-effiċjenza, li fl-aħħar mill-aħħar tixpruna l-valur operattiv u tappoġġa l-objettivi tal-partijiet ikkonċernati. | Aġġornament tal-funzjonalitajiet jew tal-karatteristiċi, filwaqt li jiġu inkorporati l-aktar avvanzi teknoloġiċi reċenti u l-aħjar prattiki biex jittejbu l-prestazzjoni ġenerali tas-sistema u l-esperjenza tal-utenti.<br>**Stadju Importanti 2026:** |

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| | | ■ twassil ta' twissijiet ta' informazzjoni tas-SIS dwar persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi;<br>■ konnessjonijiet ta' interoperabbiltà tas-SIS, kif ukoll mal-ETIAS, l-EES u l-VIS Riveduta. |
| **Interoperabbiltà** | | |
| **Konnessjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2027 (FSA inkluż) | Prestazzjoni mtejba u twassil ta' servizzi bis-saħħa tal-interoperabbiltà tas-sistema | Finalizzazzjoni tal-konnessjonijiet tal-interoperabbiltà mal-ESP, l-sBMS, l-MID, is-CRRS, inkluża l-migrazzjoni tal-bijometrika tal-AFIS għall-sBMS, it-tnedija tal-proċess MID u l-links.<br>**Stadju importanti**: finalizzazzjoni tat-tfassil u bidu tal-iżvilupp. |
| **Konnessjoni tas-SIS mal-ETIAS**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026; FSA 2027 | Servizzi aktar simplifikati, inklużi tfittxijiet awtomatizzati għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet. | Stabbiliment tal-interoperabbiltà ta' sistema għal sistema billi tiġi stabbilita soluzzjoni ta' enterprise service bus bejn is-SIS u l-ETIAS għall-iskambju tad-*data*.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ. |
| **Konnessjoni tas-SIS mal-VIS Riveduta**<br>dħul fis-seħħ 2027 (FSA 2028) | Proċess aktar effiċjenti ta' approvazzjoni tal-viża bis-saħħa tal-kapaċità li jsiru tfittxijiet interoperabbli fuq il-hits possibbli fis-SIS. | Finalizzazzjoni tal-interoperabbiltà ta' sistema għal sistema bejn is-SIS ewlenija u l-VIS Riveduta.<br>**Stadju importanti**: finalizzazzjoni tat-tfassil u bidu tal-iżvilupp. |
| **Skrinjar tas-SIS**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026 u FSA | dħul fis-seħħ tal-iskrinjar. | Finalizzazzjoni tal-iżvilupp u l-ittestjar, implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ. |

### 3.1.2. Router ċentrali Prüm II (skambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija).

Ir-router ċentrali Prüm II se jsaħħaħ u jimmodernizza l-qafas eżistenti Prüm billi jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju aktar rapidu u aktar sistematiku tad-*data* bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol biex itejjeb l-effiċjenza tal-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera.[53] *Dan se jissostitwixxi l-konnessjonijiet individwali attwali bejn il-bażijiet tad-data* nazzjonali u se jipprovdi l-pedament għal arkitettura ġdida biex tiġi estiża d-*data* disponibbli dwar id-DNA, il-marki tas-swaba', u l-immaġnijiet tal-wiċċ.

#### Objettivi ewlenin

- żvilupp kontinwu tar-router ċentrali Prüm b'funzjonalitajiet ta' appoġġ addizzjonali biex tiġi pprovduta konnessjoni unika għall-iskambju ta' informazzjoni bijometrika bejn l-Istati Membri u l-Europol.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **kost** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | devjazzjoni 0 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **skeda** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | devjazzjoni 0 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **kamp ta' applikazzjoni** | ebda devjazzjoni | devjazzjoni 0 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

[53] *Ir-Regolament (UE) 2024/982*, ĠU L, 2024/982, 5 ta' April 2024. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna dedikata fuq il-*kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-UE*. Il-qafas Prüm preċedenti kien ibbażat fuq id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill *2018/615/ĠAI* u *2008/616/ĠAI*.

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni** | | |
| **Implimentazzjoni ta' Prüm II**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ u FSA 2027 | Stabbiliment ta' sistema armonizzata u awtomatizzata għall-iskambju ta' *data* dwar id-DNA, il-marki tas-swaba' u l-immaġnijiet tal-wiċċ bejn l-Istati Membri tal-UE, li tippermetti kooperazzjoni transfruntiera aktar rapida u aktar effettiva fl-infurzar tal-liġi. | Implimentazzjoni tas-soluzzjoni ta' router ċentrali, implimentazzjoni tal-akbar parti tal-elementi kostitwenti tas-sistema.<br>**Stadju Importanti 2026:**<br>-Twassil tal-prodott minimu vijabbli |

## 3.1.3. Router API-PNR (informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri)

Ir-router API se jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-verifiki fil-fruntieri u għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja billi jittrasferixxi *data* tal-vjaġġaturi u informazzjoni dwar it-titjiriet qabel il-wasla tagħhom. Ir-router se jservi bħala punt uniku ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għat-trasferiment tad-*data* API u PNR. Dan se jnaqqas il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità tat-trasportaturi mal-obbligu li jikkomunikaw *data* rilevanti u jnaqqas ir-riskju ta' żbalji u abbuż, u b'hekk jappoġġa ġestjoni aħjar tal-fruntieri u azzjoni ta' infurzar tal-liġi.

### Objettivi ewlenin

- **żvilupp kontinwu tar-router API-PNR** u l-interfaċċa estiża tat-trasportaturi biex tinġabar u tiġi trażmessa d-*data* API u PNR lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-fruntieri u lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIU) fl-Istat Membru.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **kost** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **skeda** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **kamp ta' applikazzjoni** | ebda devjazzjoni | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni** | | |
| **Implimentazzjoni tal-API-PNR**<br>twassil tal-proġett: 2027 (FSA inkluż) | Implimentazzjoni ta' router uniku biex tiġi riċevuta d-*data* API u PNR mit-trasportaturi bl-ajru u t-trażmissjoni tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali, tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni u l-appoġġ għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, filwaqt li jiġi ssimplifikat il-proċess tat-trasferiment tal-informazzjoni għat-trasportaturi tal-ajru u jitnaqqsu l-iżbalji u l-abbuż. | Implimentazzjoni tas-soluzzjoni teknika tar-router u estensjoni tal-interfaċċa tat-trasportaturi tal-EES/ETIAS għall-API.<br>**Stadju Importanti 2026:**<br>▪ twassil tal-ewwel prodott minimu vijabbli;<br>▪ twassil tal-ewwel verżjoni tal-ICD lill-Istati Membri;<br>▪ twassil tal-ewwel verżjoni tal-linji gwida tekniċi lit-trasportaturi. |

## 3.2. Schengen, fruntieri u viżi

### 3.2.1. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

Il-VIS tappoġġa lill-awtoritajiet Ewropej tal-viża fl-**ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża** u fil-ġestjoni tal-**viżi għal soġġorn qasir** għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Bil-funzjonalità tat-tiftix bijometriku tagħha, li tippermetti l-identifikazzjoni fil-fruntieri, il-VIS tikkostitwixxi wieħed mill-elementi ewlenin tal-arkitettura ta' Schengen, li tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viżi billi tidentifika persuni li jistgħu ma jissodisfawx jew ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fiż-żona Schengen. Il-VIS tappoġġa wkoll l-identifikazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżaminar tal-applikazzjonijiet għall-ażil u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna.

#### Objettivi ewlenin

- **operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tal-VIS, żamma tal-infrastruttura tal-hardware u tas-software aġġornati, appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali tas-SIS;
- **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u kontinwità għall-utenti finali tas-sistema f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz.
- twassil ta' **evoluzzjonijiet meħtieġa**, ristrutturar tal-VIS eżistenti bl-istack il-ġdid VIS4 u diżattivazzjoni tal-VIS preeżistenti, implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS u ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-VIS Riveduta;
- tnedija tal-iżvilupp tal-**pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża** biex tiġi diġitalizzata l-proċedura tal-viża ta' Schengen;
- dħul fis-seħħ ta' **funzjonalitajiet addizzjonali tal-VIS**, inkluża l-integrazzjoni ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, konnessjonijiet tal-interoperabbiltà mal-ESP, mas-CIR, mal-MID, u mas-CRRS.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS** | ≥99.99 % | 99.92 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS** | 100 % | 99.89 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u riżultat |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tal-VIS/ manutenzjoni adattiva**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema kompletament operazzjonali u ta' prestazzjoni li tiżgura servizzi kontinwi ta' disponibbiltà għolja u effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali, prestazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inklużi kontrolli regolari tal-konsistenza tad-*data*. |
| **Infrastruttura tas-VIS**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema ta' infrastruttura kompletament operazzjonali u miżmuma tajjeb, inkluż it-titjib, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għal servizz effiċjenti għall-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |
| **Aġġornament u evoluzzjoni** | | |
| **Implimentazzjoni tal-EU VAP**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2028-2029 (li għandu jiġi kkonfermat bl-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-interoperabbiltà | Applikazzjoni web funzjonali u aċċessibbli fil-livell dinji għall-applikazzjoni għall-viżi Schengen għal soġġorn qasir biex jiġi żgurat proċess simplifikat tal-viża għall-utenti finali. | Implimentazzjoni tal-pjattaforma online tal-UE ta' applikazzjoni għall-viża.<br>**Stadju importanti**: bidu tal-implimentazzjoni. |

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u riżultat |
|---|---|---|
| għall-2027–2028[54]) | | |
| **Interoperabbiltà** | | |
| **Konnessjoni tal-VIS mal-ETIAS**<br>dħul fis-seħħ 2026 (FSA 2027) | Tħejjija tal-VIS għall-interoperabbiltà tas-sistemi biex jitwasslu servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali, skont l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS. | Stabbiliment ta' konnessjoni diretta ta' sistema għal sistema mal-ETIAS.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ |
| **Konnessjoni tal-VIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà**<br>dħul fis-seħħ 2027 (FSA 2028) (li għandu jiġi kkonfermat bl-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-interoperabbiltà għall-2027–2028) | Tħejjija tal-VIS għall-interoperabbiltà tas-sistemi biex jitwasslu servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali, skont ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. | Stabbiliment ta' konnessjonijiet mal-komponenti tal-interoperabbiltà ESP, CIR u CRRS.<br>**Stadju importanti**: finalizzazzjoni tat-tfassil u bidu tal-iżvilupp. |
| **Implimentazzjoni riveduta tal-VIS, inkluża l-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2027 (FSA inkluż) (għandu jiġi kkonfermat bl-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-interoperabbiltà għall-2027–2028) | Prestazzjoni mtejba u twassil ta' servizzi, funzjonalitajiet ġodda u konnessjonijiet tal-interoperabbiltà. | Żvilupp u ittestjar ta' bidliet funzjonali u mhux funzjonali integrati fis-sistemi ċentrali u nazzjonali, inkluża konfigurazzjoni attiva-attiva (perjodi ta' qtugħ u telf tad-*data* żero); stabbiliment tal-interoperabbiltà mal-ETIAS.<br>**Stadju importanti**:<br>▪ bidu tal-ittestjar;<br>▪ ħolqien tal-kundizzjonijiet għar-rakkomandazzjonijiet riveduti tal-VIS u tal-EDPS;<br>▪ sostituzzjoni tal-infrastruttura eżistenti. |
| **Skrinjar tas-VIS**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026 (FSA inkluż) | dħul fis-seħħ tal-iskrinjar. | Finalizzazzjoni tal-iżvilupp u tal-ittestjar, implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ. |

[54] Il-Pjan Direzzjonali rivedut għall-Interoperabbiltà adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA f'Novembru 2025 jeskludi l-elementi relatati mat-twassil tas-sistemi matul l-2027 u l-2028, bħall-istadji importanti tal-VIS Riveduta u tal-EU VAP, li se jiġu adottati f'Jannar 2026. *Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà 2027–2028 approvat*, stqarrija għall-istampa tal-eu-LISA, 19 ta' Diċembru 2025.

### 3.2.2. **Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)**

L-EES timmodernizza l-ġestjoni tal-fruntieri esterni billi tissostitwixxi l-prattika tal-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-**reġistrazzjoni elettronika ta' persuni nazzjonali mhux tal-UE** li jaqsmu l-fruntieri esterni taż-żona Schengen għal soġġorn qasir u twissijiet dwar ir-rifjuti ta' dħul. Għall-ipproċessar simplifikat tal-vjaġġaturi li jkunu se jidħlu, l-EES u l-ETIAS għandhom servizzi web konġunti għat-trasportaturi u għall-vjaġġaturi, li jippermettu l-verifika tal-validità tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar qabel l-imbarkazzjoni. L-awtomatizzazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-flussi dejjem jiżdiedu tal-vjaġġaturi, filwaqt li tgħin ukoll biex jiġu ottimizzati l-proċeduri fil-punti ta' qsim. L-EES tippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' soġġorni awtorizzati fuq terminu qasir billi tikkalkula awtomatikament id-durata tas-soġġorn u tiġġenera twissijiet mal-iskadenza. Bħala tali, hija tappoġġa l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari u ssaħħaħ is-sigurtà interna billi tgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

#### Objettivi ewlenin

- **operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tal-EES, inkluża l-interfaċċa tat-trasportaturi, żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati, tiġdid f'waqtu tal-liċenzji u l-appoġġ, appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali;
- **disponibbiltà u kontinwità mingħajr interruzzjoni** għall-utenti finali tas-sistema f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz;
- twassil ta' **evoluzzjonijiet meħtieġa, eż.: Konnessjoni tal-EES mal-ETIAS, servizzi web**;
- **konnessjonijiet stabbiliti** mal-komponenti tal-Interoperabbiltà (ESP, CIR u MID), u mas-CRRS biex jiġu prodotti rapporti u statistika, kif ukoll mal-VIS riveduta.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-EES** | ≥99.90 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-EES** | ≥99.55 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tas-EES / manutenzjoni adattiva**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema kompletament operazzjonali u tal-prestazzjoni li tiżgura disponibbiltà għolja kontinwa u twassil effiċjenti tas-servizzi lill-utenti finali fl-Istati Membri kollha, f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inklużi kontrolli regolari tal-konsistenza tad-*data*. |
| **Twassil u manutenzjoni tas-servizzi web**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi, prestazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Finalizzazzjoni tat-twassil tas-servizzi web u manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inklużi kontrolli regolari tal-konsistenza tad-*data*.<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ tas-servizzi web u bidu tal-manutenzjoni. |
| **Infrastruttura tal-EES (inklużi s-servizzi web)**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema ta' infrastruttura kompletament operazzjonali u miżmuma tajjeb, inkluż it-titjib, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Interoperabbiltà** | | |
| **Konnessjoni tal-EES mal-komponenti tal-interoperabbiltà**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2027 (FSA inkluż) | EES lesta għall-interoperabbiltà biex jitwasslu servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali. | Ittestjar tal-konnessjonijiet mal-komponenti kollha tal-interoperabbiltà, b'mod partikolari mal-ESP, mas-CIR, mal-MID, mas-CRRS u mal-VIS Riveduta.<br>**Stadju Importanti 2026:** finalizzazzjoni tat-tfassil u bidu tal-iżvilupp. |
| **Konnessjoni tal-EES mal-ETIAS**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026, FSA 2027 | EES lesta għall-interoperabbiltà biex jitwasslu servizzi aktar simplifikati lill-utenti finali. | Ittestjar tal-konnessjonijiet mal-ETIAS.<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ. |
| **Konnessjoni tas-servizzi web mal-VIS Riveduta**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026, FS 2027 | Konformità tas-servizzi web tal-EES/ETIAS mar-Regolament Rivedut dwar il-VIS. | Implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet meħtieġa għall-VIS Riveduta.<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ. |
| **Skrinjar tas-EES**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ / FSA Ġunju 2026 | dħul fis-seħħ tal-iskrinjar. | Finalizzazzjoni tal-iżvilupp u tal-ittestjar, implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ. |

### 3.2.3. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

L-ETIAS hija **awtorizzazzjoni online ta' qabel l-ivvjaġġar** għal persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen għal soġġorn qasir. Minbarra s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri, din is-sistema ta' skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar tqabbel l-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI, kif ukoll fil-bażi tad-*data* tal-Europol, għall-identifikazzjoni avvanzata ta' **riskji potenzjali għas-sigurtà, ta' immigrazzjoni illegali jew ta' riskji għoljin ta' epidemija**. L-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tal-ETIAS jiġu vverifikati mit-trasportaturi qabel l-imbarkazzjoni u mill-gwardji tal-fruntiera fil-fruntieri ta' Schengen. Is-sistema tikkomplementa l-EES u tikkondividi servizzi web konġunti, b'interfaċċi online għat-trasportaturi u għall-vjaġġaturi.

#### Objettivi ewlenin

- twassil u dħul fis-seħħ tal-operazzjonijiet tal-ETIAS;
- operat effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tal-ETIAS, żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati, appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tal-unitajiet nazzjonali tal-ETIAS;
- disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u kontinwità għall-utenti finali tas-sistema f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz;
- monitoraġġ ta' żviluppi ġodda fit-teknoloġija biex tittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema u jingħataw pariri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri;
- stabbiliment tal-konnessjoni tal-ETIAS mal-VIS u l-komponent tal-interoperabbiltà tal-MID.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **kost** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | ebda devjazzjoni | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **skeda** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | ebda devjazzjoni | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **kamp ta' applikazzjoni** | ebda devjazzjoni | ebda devjazzjoni | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tal-ETIAS/manutenzjoni adattiva**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema kompletament operazzjonali u tal-prestazzjoni li tiżgura disponibbiltà għolja kontinwa u twassil effiċjenti tas-servizzi lill-utenti finali fl-Istati Membri kollha f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inklużi kontrolli regolari tal-konsistenza tad-*data*. |

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Infrastruttura tas-ETIAS**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema ta' infrastruttura kompletament operazzjonali u miżmuma tajjeb, inkluż it-titjib, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, f'konformità mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |

| Implimentazzjoni | | |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni tal-ETIAS**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026, FSA 2027 | L-ETIAS kompletament operazzjonali u disponibbli għall-utenti finali. | Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ. |
| **Interoperabbiltà** | | |
| **Konnessjoni tal-ETIAS mal-VIS, l-EES, il-Eurodac u s-CRRS (inkluż l-iskrinjar)**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026, FSA 2027 | Tħejjija għall-interoperabbiltà biex jitwasslu servizzi aktar simplifikati. | Finalizzazzjoni tal-konnessjonijiet mal-VIS u l-Eurodac Riveduti, appoġġ lill-unitajiet ċentrali/nazzjonali tal-ETIAS fil-ġestjoni tal-konnessjonijiet tal-MID, inklużi l-ġestjoni tad-domanda u l-ittestjar mal-Istati Membri.<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ. |

## 3.3. Migrazzjoni u ażil

### 3.3.1. Il-Euradac (Bażi tad-*data* Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li jfittxu l-Ażil)

Il-Eurodac hija l-bażi tad-*data* tal-UE tal-marki tas-swaba' diġitalizzati għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżaminar tal-applikazzjoni għall-ażil. Il-Eurodac tintuża wkoll biex tistabbilixxi l-identitajiet ta' persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim illegali tal-fruntieri u dawk li jinstabu li qed joqogħdu illegalment fiż-Żona Schengen. Taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u bħala l-aħħar alternattiva, jingħata aċċess lill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u lill-Europol, jekk ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji.

Adottat f'Mejju 2024 bħala parti mill-**Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**,[55] ir-**Regolament Eurodac riformulat** jespandi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema biex jintroduċi *data* alfanumerika u jespandi s-sett ta' *data* bijometrika mill-bijometrika tal-wiċċ biex itejjeb il-kxif ta' movimenti mhux awtorizzati fiż-żona Schengen. L-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà se tippermetti t-tfittxijiet u l-kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, filwaqt li tittrasforma l-bażi tad-*data* eżistenti tal-marki tas-swaba' f'sistema sħiħa ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.[56]

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku tal-Aġenzija adottat ippreżentat fl-2024, l-eu-LISA qed tmexxi l-mod il-ġdid ta' ħidma għat-twassil tal-Eurodac il-ġdida. L-objettiv huwa li l-Aġenzija terġa' tikseb kontroll fuq il-konċepiment (l-arkitettura u r-rekwiżiti) u l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida, kif ukoll iżżid l-effiċjenza u tnaqqas iż-żmien għall-introduzzjoni fis-suq tas-soluzzjoni l-ġdida. Bħala parti minn dan il-proġett pilota, l-aġenzija qed:

- issaħħaħ il-ġestjoni tar-rekwiżiti, billi tgħaddi minn fornitur tas-servizzi għal sieħeb kummerċjali għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni, filwaqt li tiġbor b'mod proattiv il-feedback tal-utenti bħala input għall-prodott finali;
- terġa' tikseb il-kontroll fuq l-istabbiliment tal-arkitettura u r-rekwiżiti għas-sistema l-ġdida;
- tadotta approċċ DevSecOps li jisfrutta l-għodod xierqa tat-tip Agile fuq skala kbira biex jitħaffef l-iżvilupp, kif ukoll il-ħidma permezz ta' timijiet trażversali u transfunzjonali;
- tuża l-kapaċitajiet tal-cloud għall-fażi ta' żvilupp tal-bini tas-soluzzjoni l-ġdida, sabiex jitnaqqsu l-ħtiġijiet tal-akkwist għall-infrastruttura, jitħaffef l-iżvilupp u jitnaqqas iż-żmien għall-introduzzjoni fis-suq;
- issaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri matul il-proċessi ta' ttestjar tal-operat tagħhom.

**Objettivi ewlenin**

- Id-dħul fis-seħħ tal-Eurodac il-ġdida f'Ġunju 2026 bl-interfaċċa tal-utent tal-Web u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dokument ta' kontroll tal-interfaċċa (ICD), filwaqt li f'Diċembru 2026 se jiġu pprovduti l-funzjonalitajiet sħaħ tal-ICD;
- **operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tal-Eurodac (inkluż DubliNet), żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati, appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-punti ta' aċċess nazzjonali (NAPs);
- **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u kontinwità għall-utenti finali tas-sistema (inkluż DubliNet) f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz;
- implimentazzjoni tar-**Regolament Eurodac riformulat** (inkluża r-Riformulazzjoni ta' DubliNet) u manutenzjoni tal-iskrinjar;
- twassil tal-**evoluzzjonijiet meħtieġa** biex jiġi żgurat titjib kontinwu tas-sistema;
- stabbiliment ta' **konnessjonijiet tal-interoperabbiltà** mal-ESP u mas-CIR, mal-VIS Riveduta u mal-ETIAS biex jiġu ffaċilitati t-tfittxijiet bijometriċi u alfanumeriċi u l-kontroverifika fis-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-ĠAI.

---

[55] Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dedikata tad-DĠ HOME dwar il-*Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil*.

[56] *Ir-Regolament (UE) 2024/1358*, ĠU L, 2024/1358, 22 ta' Mejju 2024.

## Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac** | ≥99.99 % | 99.91 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac** | ≥99.45 % | 99.99 % | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

## Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tal-Eurodac / manutenzjoni adattiva**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema kompletament operazzjonali u tal-prestazzjoni li tiżgura disponibbiltà għolja kontinwa u twassil effiċjenti tas-servizzi lill-utenti finali fl-Istati Membri kollha f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inklużi kontrolli regolari tal-konsistenza tad-*data*. |
| **Infrastruttura tal-IT**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi.<br>**Riżultat**: Sistema ta' infrastruttura kompletament operazzjonali u miżmuma tajjeb, inkluż it-titjib, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |
| **Aġġornament u evoluzzjoni (inkluża l-interoperabbiltà)** | | |
| **Implimentazzjoni ġdida tal-Eurodac, inkluża l-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà u l-iskrinjar**<br>twassil tal-proġett: l-ewwel pakkett ta' funzjonalitajiet li twassal f'Ġunju 2026 (inkluża l-konnessjoni mal-ESP, l-sBMS, is-CIR), u l-funzjonalitajiet li jifdal f'Diċembru 2026, jiġifieri, il-konnessjoni mal-VIS, l-ETIAS, l-MID, is-CRRS. FSA 2026-2027. | Eurodac allinjata mar-rekwiżiti deskritti fir-Riformulazzjoni tar-Regolament tal-Eurodac, u fir-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. | Finalizzazzjoni tal-iżvilupp u tal-ittestjar, implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi.<br>Tfassil u implimentazzjoni tal-arkitettura ġdida tal-Eurodac (inklużi kategoriji ġodda, immaġnijiet tal-wiċċ, eċċ.), ħolqien ta' interfaċċa bejn il-Eurodac u l-komponenti tal-interoperabbiltà (CIR, CRRS), kif ukoll bil-VIS Riveduta u l-ETIAS. Migrazzjoni ta' *data* bijometrika għall-sBMS u infrastruttura għal pjattaforma kondiviża komuni.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ tal-funzjonalitajiet ewlenin kollha. |
| **Tfassil mill-ġdid/aġġornament ta' DubliNet wara l-Eurodac il-ġdida**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ u FSA 2026 | Allinjament mal-aħħar standards teknoloġiċi u sigurtà ta' livell għoli għall-iskambju tad-*data*. | Finalizzazzjoni tal-iżvilupp u l-ittestjar, implimentazzjoni ta' aġġornamenti, inkluż l-FSA.<br>**Stadju importanti**: dħul fis-seħħ. |

## 3.4. **Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja**

### 3.4.1. **Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**

Fl-UE, iridu jitqiesu l-kundanni preċedenti meta jingħataw sentenzi kriminali. L-informazzjoni dwar ir-rekords kriminali tiġi skambjata permezz tal-ECRIS, sistema deċentralizzata li għaliha l-eu-LISA tipprovdi l-implimentazzjoni ta' referenza (**ECRIS RI**) li tippermetti l-komunikazzjoni bejn ir-reġistri tar-rekords kriminali tal-Istati Membri tal-UE u tar-Renju Unit[57]. L-**ECRIS-TCN** hija sistema ċentralizzata "hit/no-hit", li tissupplimenta l-ECRIS b'informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi (TCN) ikkundannati fl-UE. Flimkien, dawn iż-żewġ sistemi jgħinu lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lil awtoritajiet rilevanti oħra jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali tal-persuni nazzjonali ta' pajjiż terz, irrispettivament mill-Istat Membru fejn kienu nstabu ħatja qabel. B'riżultat ta' dan, dawn jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-UE kollha.

**Objettivi ewlenin**

- bidu tal-illowdjar tad-*data* u bidu tal-operazzjonijiet tal-ECRIS-TCN;
- operat effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tal-ECRIS RI u tal-ECRIS, żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati, appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali tal-ECRIS, inkluż il-monitoraġġ regolari tal-preċiżjoni bijometrika (rati ta' identifikazzjoni pożittivi/negattivi foloz);
- disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u kontinwità għall-utenti finali tas-sistema f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz;
- twettiq tar-riformulazzjoni meħtieġa tal-ECRIS RI, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament;
- stabbiliment ta' konnessjoni mal-VIS Riveduta u l-komponenti tal-interoperabbiltà li jifdal (MID) u l-għodda ta' interoperabbiltà tas-CRRS;
- finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-Iskrinjar.

**Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni**

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN** | ≥97.60 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar i servizz |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN** | ≥99.55 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar i servizz |

**Kompiti u proġetti**

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tal-ECRIS RI**<br>żamma tal-istatus quo | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inkluż l-appoġġ lill-Istati Membri. | Żamma tar-RI attwali sakemm tiġi żviluppata u tibda topera r-RI futura. Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa, inkluż l-appoġġ. |
| **Infrastruttura tal-ECRIS-TCN**<br>żamma tal-istatus quo | Sistema ta' infrastruttura kompletament operazzjonali u miżmuma tajjeb, inkluż it-titjib, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, li jissodisfaw l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |

[57] Il-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE huma attwalment konnessi mal-ECRIS permezz tal-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS miżmuma mill-eu-LISA, filwaqt li erba' Stati Membri jużaw is-soluzzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali (NI) tagħhom stess.

| Implimentazzjoni | | |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN (inkluż l-iskrinjar)**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026 (FSA 2026 inkluż) | ERIS-TCN disponibbli għall-Istati Membri u l-Aġenziji. Sistema kompletament operattiva u komunità ECRIS-TCN li tista' tuża s-sistema biex tiskambja informazzjoni dwar il-kundanni ta' persuni nazzjonali ta' pajjiż terz, kif ukoll tiġġestixxi l-ammont ta' xogħol addizzjonali mill-awtoritajiet tal-iskrinjar. | Aġġornament tal-funzjonalitajiet jew tal-karatteristiċi, filwaqt li jiġu inkorporati l-aktar avvanzi teknoloġiċi reċenti u l-aħjar prattiki biex jittejbu l-prestazzjoni ġenerali tas-sistema u l-esperjenza tal-utenti.<br>**Stadji importanti 2026**:<br>▪ illowdjar tad-*data* b'suċċess li jappoġġa lill-Istati Membri fl-ewwel semestru tal-2026;<br>▪ integrazzjoni b'suċċess mar-Regolament dwar l-Iskrinjar fit-tieni semestru tal-2026;<br>▪ aċċettazzjoni tas-sistema finali. |
| **Interoperabbiltà** | | |
| **Konnessjoni tal-ECRIS-TCN mal-komponenti tal-interoperabbiltà u l-VIS riveduta**<br>twassil tal-proġett: dħul fis-seħħ 2026, FSA 2027 | Twassil imtejjeb tal-prestazzjoni u tas-servizzi permezz ta' konnessjonijiet tal-interoperabbiltà biex jitwasslu servizzi ssimplifikati lill-komunità tal-ĠAI tal-UE. | Finalizzazzjoni tal-ittestjar u tranżizzjoni għad-dħul fis-seħħ.<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ. |

### 3.4.2. e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online)

Is-sistema e-CODEX hija soluzzjoni deċentralizzata u interoperabbli għall-iffaċilitar tal-komunikazzjoni elettronika sigura bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-professjonisti legali u ċ-ċittadini fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera f'materji ċivili u kriminali, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Ewropa.[58]

#### Objettivi ewlenin

- **operat effettiv u kontinwu** tas-sistema e-CODEX, żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati, inkluża l-kontinwazzjoni potenzjali tal-bini mill-ġdid tal-kodiċi tas-sors tal-konnettur e-CODEX għall-allinjament mal-istandards tal-industrija, sigurtà u robustezza msaħħa tas-sistema, u appoġġ lill-utenti;
- **disponibbiltà meħtieġa** tas-servizzi u l-prestazzjoni effiċjenti tal-e-CODEX, inkluż ambjent ta' hosting sigur konness mal-internet;
- żvilupp, implimentazzjoni u ġestjoni tal-**istandards proċedurali diġitali** u vokabularju bażi tal-Ġustizzja elettronika tal-UE;
- kitba mill-ġdid tal-konnettur e-CODEX u manutenzjoni, aġġornament u żvilupp tal-XSD [soġġetti għad-disponibbiltà tal-finanzjament].

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tal-komponenti tal-e-CODEX:** | | | |
| **(1) Repożitorju e-CODEX** | ≥95 % | *mhux applikabbli* | SLR u rapporti trimestrali dwar l-inċidenti |
| **(2) għodda ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni** | ≥98 % | *mhux applikabbli* | SLR u rapporti trimestrali dwar l-inċidenti |
| **(3) pjattaforma ċentrali tal-ittestjar** | ≥90 % | *mhux applikabbli* | SLR u rapporti trimestrali dwar l-inċidenti |
| **(4) Għodda ITSM** | ≥95 % | *mhux applikabbli* | SLR u rapporti trimestrali dwar l-inċidenti |

[58] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-**sit web tal-e-CODEX dedikat tal-eu-LISA**.

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti[59] |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tal-e-CODEX**<br>żamma tal-istatus quo | Forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inkluż l-appoġġ lill-Istati Membri. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa, inkluż l-appoġġ lill-utent; il-kontinwazzjoni potenzjali tal-bini mill-ġdid tal-kodiċi tas-sors tal-konnettur. |

### 3.4.3. Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (PK tas-SIK)

Il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, u l-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE (eż., il-Europol, il-Eurojust) (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera.[60]

### Objettivi ewlenin

- **operat effettiv u kontinwu** tas-sistema ċentrali tal-PK tas-SIK (inkluża l-applikazzjoni għall-komunikazzjoni), żamma tal-infrastruttura tal-hardware u tas-software aġġornati, appoġġ lill-utenti;
- **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u kontinwità għall-utenti finali tas-sistema f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tal-PK tas-SIK** | ≥97.60 % | *mhux applikabbli* | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni** | | |
| **PK tas-SIK**<br>proġett: 2026 | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa, inkluż l-appoġġ lill-utenti u l-evoluzzjonijiet li jirriżultaw mill-feedback tal-utenti. | Twassil tal-applikazzjoni tal-Pjattaforma ta' Kooperazzjoni u l-Komunikazzjoni tas-SIK.<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ, evoluzzjoni ppjanata tal-pjattaforma skont il-feedback mill-utenti. |

[59] Kompiti ta' implimentazzjoni elenkati fl-*Artikolu 7* tar-Regolament (UE) 2022/850 u d-*Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/117*.
[60] *Ir-Regolament (UE) 2023/969* tal-10 ta' Mejju 2023, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 1–20.

## 3.5. **Interoperabbiltà**

Il-ġestjoni effiċjenti tas-sigurtà interna u tal-fruntieri esterni tal-Ewropa tibbaża fuq il-kapaċità tas-sistemi tal-IT li jiskambjaw *data* u informazzjoni. Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali madwar l-Ewropa, l-eu-LISA qed tiżviluppa l-arkitettura globali tal-interoperabbiltà tas-sistemi għas-sistemi kollha tal-ĠAI li jaqgħu taħt il-ġestjoni tagħha: SIS, VIS, Eurodac, EES, ETIAS, u ECRIS-TCN. Meta tibda tintuża, din l-interoperabbiltà tas-sistemi se tippermetti forniment aktar aġli u effiċjenti ta' servizzi lill-komunità tal-ĠAI, filwaqt li ssaħħaħ ukoll is-sigurtà interna tal-UE.

L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE se tinkludi l-komponenti li ġejjin:

- il-**portal Ewropew tat-tfittxija** (ESP) li jippermetti lill-utenti awtorizzati jwettqu tfittxijiet singoli u jirċievu r-riżultati mis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI li huma awtorizzati jaċċessaw,
- is-**servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku** (sBMS) għal tqabbil trażversali ta' *data* tal-identità ma' identifikaturi bijometriċi fis-sistemi kollha tal-ĠAI,
- ir-**repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità** (CIR), repożitorju ta' informazzjoni bijografika u bijometrika dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi biex tiġi żgurata identifikazzjoni affidabbli,
- id-**detettur ta' identitajiet multipli** (MID) għall-iżgurar tal-identifikazzjoni korretta ta' vjaġġaturi *bona fide*, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-frodi tal-identità.

Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll **repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)** biex tipprovdi *data* statistika bejn is-sistemi u r-rapportar analitiku dwar is-sistemi kollha tal-ĠAI għal skopijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-*data*.

▲ **Illustrazzjoni 2. Arkitettura tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI**




**TRADUZZJONI**

| | |
|---|---|
| *MID<br>MULTIPLE-IDENTITY DETECTOR* | *MID<br>MULTIPLE-IDENTITY DETECTOR* |
| *ESP<br>EUROPEAN SEARCH PORTAL* | *ESP<br>EUROPEAN SEARCH PORTAL* |
| *CIR<br>COMMON IDENTITY REPOSITORY* | *CIR<br>COMMON IDENTITY REPOSITORY* |
| *JHA information systems* | *Sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI* |
| *sBM<br>SHARED BIOMETRIC MATCHING SYSTEM* | *sBM<br>SERVIZZ KONDIVIŻ TA' TQABBIL BIJOMETRIKU* |
| *CRRS<br>CENTRAL REPOSITORY FOR REPORTING AND STATISTICS* | *CRRS<br>REPOŻITORJU ĊENTRALI GĦAR-RAPPORTAR U GĦALL-ISTATISTIKA (CRRS)* |

### 3.5.1. Interoperabbiltà

#### Objettivi ewlenin

- **operat effettiv u kontinwu** tal-komponenti tal-interoperabbiltà, żamma tal-infrastruttura tal-hardware u s-software aġġornati;
- **disponibbiltà mingħajr interruzzjoni** u kontinwità għall-utenti finali tas-sistema f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz.
- **dħul fis-seħħ tal-ESP, tas-CIR u tas-CRRS għall-ETIAS u l-ECRIS-TCN**;
- tkomplija tal-implimentazzjoni tas-**sistema ċentrali għar-riżoluzzjoni tal-links sofor (CSLR)**;
- monitoraġġ tal-użu reali tal-sBMS bid-*data* tal-produzzjoni, biex tiġi ddeterminata l-ħtieġa għal żieda fil-kapaċità.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **kost** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | ebda devjazzjoni | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **skeda** | devjazzjoni totali ≤ 5 % | ebda devjazzjoni | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |
| **kamp ta' applikazzjoni** | ebda devjazzjoni | ebda devjazzjoni | FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tal-interoperabbiltà** | Manutenzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa, inkluż l-appoġġ lill-utenti. |
| **Infrastruttura tal-interoperabbiltà** | Servizzi kompletament operazzjonali u effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Żamma tal-infrastruttura tas-sistema, inklużi l-aġġornamenti, it-tagħmir u t-teknoloġija, f'konformità mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-twassil effiċjenti tas-servizzi. |
| **Implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà**<br>twassil: dħul fis-seħħ għall-ESP, għas-CIR u għas-CRRS 2026 (FSA inkluż)[61] | Tfittxijiet effiċjenti, sistematiċi u kkontrollati fis-sistemi kollha tal-ĠAI (inkluż il-Europol) għal utenti finali awtorizzati. Identifikazzjoni korretta tal-identità tal-persuni nazzjonali ta' pajjiż terz għall-awtoritajiet maħtura. Disponibbiltà ta' *data* statistika bejn is-sistemi u r-rapportar analitiku għad-deċiżjonijiet ta' politika, it-tmexxija operattiva u t-titjib tal-kwalità tad-*data*. | Implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà<br>**Stadju importanti 2026:** dħul fis-seħħ: [62]<br>▪ **ESP:** ETIAS, ECRIS-TCN, Eurodac;<br>▪ **CIR:** ETIAS, ECRIS-TCN, Eurodac;<br>▪ **CRRS** ETIAS, ECRIS-TCN, Eurodac. |

[61] Il-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà għall-2027-2028 għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA f'Novembru 2025.

[62] L-attività tinkludi wkoll l-implimentazzjoni tar-Repożitorju Komuni għad-*Data* ta' Referenza (CRRD) / tar-Repożitorju Komuni għal-Lista tal-Awtoritajiet (CRLoA), li mhuwiex komponent tal-interoperabbiltà iżda tappoġġa l-implimentazzjoni tas-sistemi operattivi ewlenin u l-komponenti tal-interoperabbiltà billi tipprovdi sors ċentrali ta' verità fir-rigward tal-listi tal-awtoritajiet u *data* ta' referenza oħra eż. tabelli tal-kodiċi/tas-sistema.

## 3.6. **Riċerka, innovazzjoni u bini tal-kapaċitajiet**

### 3.6.1. **Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija**

L-Aġenzija timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi fir-riċerka u t-teknoloġija biex issaħħaħ l-għarfien espert professjonali tagħha u tappoġġa l-iżvilupp kontinwu tal-kapaċitajiet interni. Barra minn hekk, l-eu-LISA torganizza attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-industrija u mal-akkademja. L-Aġenzija tkompli tappoġġa ċ-**Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna**, network kollaborattiv biex tipprovdi soluzzjonijiet effettivi għas-sigurtà interna.[63]

#### Objettivi ewlenin

- appoġġ għar-riflessjonijiet strateġiċi fl-oqsma teknoloġiċi rilevanti għall-eu-LISA u l-komunità tal-partijiet ikkonċernati tagħha;
- iffaċilitar tal-innovazzjoni interna, inkluż il-pilotaġġ ta' soluzzjonijiet innovattivi b'fokus fuq oqsma bħar-rikonoxximent bijometriku, l-IA, il-ġestjoni tal-identità, il-metodi u t-teknoloġiji tal-iżvilupp tal-IT, iċ-ċibersigurtà;
- azzjoni bħala pont mal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi s-sħab istituzzjonali, l-industrija u l-akkademja.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Prodotti ta' monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija:** | | | |
| **a) rapporti ta' monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija** | ≥1 rapport | rapport 1 | rapport annwali tal-attività |
| **b) sommarji dwar it-teknoloġija**[64] | 2 sommarji dwar it-teknoloġija | 2 sommarji dwar it-teknoloġija | rapport annwali tal-attività |
| **c) avveniment(i) ta' diskussjonijiet dwar l-industrija madwar mejda** | ≥1 diskussjoni dwar l-industrija madwar mejda | 2 diskussjonijiet madwar mejda | rapport annwali tal-attività |
| **Eżerċizzju ta' prospettiva strateġika** | 1 | Mhux applikabbli | rapport annwali tal-attività |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija** | | |
| **Monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija** żamma tal-istatus quo | Żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-kapaċitajiet fi kwistjonijiet tekniċi biex tiġi appoġġata l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-ĠAI, u żieda fil-kapaċità għall-innovazzjoni sistematika. | Monitoraġġ ta' teknoloġiji ġodda u li qed jevolvu, permezz ta' rapporti ta' monitoraġġ tar-riċerka u diskussjonijiet dwar l-industrija madwar mejda. Trasformazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni f'applikazzjonijiet prattiċi. Kontribut għall-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, ħolqien taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, u kooperazzjoni mad-DĠ JRC.<br>**Stadju importanti:** avveniment wieħed ta' Diskussjoni dwar l-industrija madwar mejda, sommarji regolari dwar it-teknoloġija. |
| **Prospettiva strateġika** | Ippjanar strateġiku mtejjeb u teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' kapaċità ta' prospettiva strateġika interna. | Twettiq ta' attivitajiet ta' prospettiva strateġika f'konformità mal-metodoloġija żviluppata u kontribut tar-riżultati fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-ippjanar strateġiku.<br>**Stadju importanti:** eżerċizzju wieħed ta' prospettiva strateġika mwettaq sa tmiem l-2026 |
| **Soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA għal effiċjenza mtejba** | Titjib tal-effettività u tal-effiċjenza fl-operazzjonijiet u tal-attivitajiet korporattivi permezz tal-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA. | Żvilupp ta' għarfien espert u kapaċitajiet fl-IA, identifikazzjoni u pilotaġġ ta' każijiet ta' użu biex tissaħħaħ il-prestazzjoni organizzazzjonali. Implimentazzjoni tal-istrateġija tal-IA, inkluż billi |

[63] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web taċ-*Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna*.

[64] Is-sommarji dwar it-teknoloġija jservu bħala sostitut għar-rapporti ta' monitoraġġ tar-riċerka u tat-teknoloġija minħabba li jservu l-istess funzjoni.

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| żamma tal-istatus quo | | tiġi definita l-governanza għall-IA u tiġi żgurata l-konformità mal-Att dwar l-IA.<br>**Stadju importanti 2026:** soluzzjonijiet tal-IA għall-ittestjar pilota jwasslu għall-implimentazzjoni ta' xi soluzzjonijiet tal-IA. |
| **Il-librerija tal-eu-LISA**<br>żamma tal-istatus quo | Ġbir ikkoordinat tar-riżorsi diġitali u fiżiċi. Aċċess effiċjenti tal-utenti għal riżorsi aġġornati, li jirriżulta f'teħid ta' deċiżjonijiet infurmat, kondiviżjoni mtejba tal-għarfien, u appoġġ imsaħħaħ għall-attivitajiet ewlenin. | Xiri ta' kotba, qari ta' materjali, standards tal-ISO, u abbonament rilevanti għal perjodiċi/ġurnali akkademiċi bħala parti miż-żamma ta' servizzi ta' librerija fis-siti kollha tal-eu-LISA. |

## 3.6.2. Rapportar statutorju

L-Aġenzija tiġbor u tippubblika rapporti ta' prestazzjoni u statistika dwar l-użu u l-funzjonament tekniku tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA taġġorna u tippubblika regolarment il-listi tal-awtoritajiet maħtura li għandhom aċċess għas-sistemi tal-ĠAI. Id-*data* statistika dwar l-użu tas-sistemi tal-ĠAI tikkontribwixxi għall-Barometru ta' Schengen+ ikkumpilat mill-Kummissjoni, u għal inizjattivi simili oħra għat-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċitajiet ta' previżjoni fil-livell tal-UE.

### Objettivi ewlenin

- kumpilazzjoni u disseminazzjoni jew pubblikazzjoni ta' statistika regolari, rapporti dwar il-prestazzjoni u listi ta' awtoritajiet dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA;
- forniment tal-istatistika mitluba biex jiġu appoġġati l-inizjattivi tal-Kummissjoni bil-għan li jiġu identifikati aħjar ir-riskji fl-oqsma tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil, ir-ritorn, is-sigurtà interna u l-politika dwar il-viża, jiġifieri l-proġett ta' għarfien tas-sitwazzjoni u previżjoni, il-Barometru ta' Schengen+, in-Network tal-Blueprint għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Rapporti dwar il-funzjonament tekniku, statistika regolari, listi ta' awtoritajiet** | Rapporti sottomessi f'konformità mar-rekwiżiti legali | Rapporti tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac | rapport annwali tal-attività |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| Rapportar statutorju | | |
| **Rapportar tekniku u statistika aggregata**<br>żamma tal-istatus quo | Żieda fis-sensibilizzazzjoni pubblika u trasparenza fl-operazzjonijiet tal-eu-LISA. | Kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' statistika aggregata u rapporti statutorji tal-prestazzjoni dwar is-sistemi tal-ĠAI, kumpilazzjoni u aġġornament ta' listi ta' awtoritajiet, appoġġ lill-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tas-CRRS.<br>**Stadju importanti 2026:** ir-rapporti statutorji kollha ppreżentati skont ir-rekwiżiti legali. |
| **Kontribut għall-għarfien tas-sitwazzjoni tal-UE u l-kapaċità ta' previżjoni relatati mal-ġestjoni tal-migrazzjoni u mas-sigurtà interna**<br>żamma tal-istatus quo | Kapaċitajiet imtejba ta' għarfien u previżjoni tas-sitwazzjoni fil-livell tal-UE fl-oqsma tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil, ir-ritorn, is-sigurtà interna u l-politika dwar il-viżi. | forniment ta' statistika rilevanti, appoġġ lill-partijiet ikkonċernati fl-identifikazzjoni ta' indikaturi statistiċi adattati għall-iskop, il-forniment ta' *data* għall-inizjattivi tan-network tal-Blueprint u l-appoġġ għar-reviżjoni tal-outputs tan-network, inkluż ir-Rapport Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni.<br>**Stadju importanti 2026:** statistika rilevanti u appoġġ ipprovduti lill-partijiet ikkonċernati. |

### 3.6.3. **Taħriġ lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI**

L-Aġenzija tipprovdi programmi ta' taħriġ personalizzati għall-Istati Membri dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi tal-ĠAI, imfassla għall-ħtiġijiet identifikati u d-diskrepanzi fl-għarfien identifikati mal-Istati Membri, u żżomm il-livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti għoli.

**Objettivi ewlenin**

- tfassil u twettiq ta' attivitajiet ta' taħriġ imfassla apposta dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi tal-ĠAI għall-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil, l-awtoritajiet ġudizzjarji, u l-aġenziji tal-ĠAI;
- kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u l-Frontex permezz tal-forniment ta' korsijiet ta' taħriġ konġunti dwar is-sistemi tal-ĠAI u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert f'oqsma ta' interess reċiproku.

**Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni**

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Punteġġ ta' sodisfazzjon għat-taħriġ** | >4 (fuq skala ta' 6) | 5.22 | Dashboard tat-Taħriġ tal-eu-LISA |

**Kompiti u proġetti**

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Taħriġ lill-Istati Membri** | | |
| **Taħriġ lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ĠAI**<br>żamma tal-istatus quo | L-Istati Membri huma mgħammra b'għarfien aġġornat dwar il-funzjonament tekniku u l-aħjar prattiki relatati mas-sistemi tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA. | It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' taħriġ ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, metodi ta' twassil diversi (minn korsijiet wiċċ imb wiċċ għal dawk online), li jinkorporaw l-aħħar xejriet tal-industrija u approċċi innovattivi, jiġġestixxu u jiżviluppaw is-sistema ta' ġestjoni tal-apprendiment.<br>**Stadju importanti 2026:** pjan ta' taħriġ annwali definit, aġġornat u implimentat. |

### 3.6.4. **Evalwazzjonijiet ta' Schengen**

Il-funzjonament effettiv taż-żona Schengen jiddependi fuq qafas regolatorju, ta' politika u ta' governanza kumpless. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni xierqa tal-*acquis* ta' Schengen mill-Istati Membri, l-eu-LISA tikkontribwixxi għall-**Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen** (SEMM) billi tipprovdi l-għarfien espert tagħha għal evalwazzjonijiet ta' Schengen li jiffukaw fuq sistemi tal-IT fuq skala kbira, inklużi s-SIS/SIRENE, il-politika komuni dwar il-viżi (inkluża l-VIS), l-EES u l-ETIAS.[65] Barra minn hekk, l-Aġenzija tappoġġa l-evalwazzjoni tematika annwali ta' Schengen.

**Objettivi ewlenin**

- parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-UE bħala osservatur matul iż-żjarat fuq il-post, kontribut għal rapporti ta' evalwazzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-*acquis* ta' Schengen u għajnuna lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

**Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni**

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Appoġġ għall-evalwazzjonijiet** | Evalwazzjonijiet parteċipattivi kif mitlub | 6 | Evalwazzjonijiet parteċipattivi |

[65] *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922* dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen.

## Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Evalwazzjonijiet ta' Schengen** | | |
| **Evalwazzjonijiet ta' Schengen**<br>żamma tal-istatus quo | Implimentazzjoni msaħħa u xierqa tal-*acquis* ta' Schengen. | Ipproċessar tat-talbiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-Kummissjoni, parteċipazzjoni bħala osservaturi fl-evalwazzjonijiet (appoġġ fuq il-post jew ta' informazzjoni), kontribut għar-rapporti ta' evalwazzjoni.<br>**Stadju importanti 2026:** Appoġġ għall-evalwazzjoni ta' Schengen ipprovdut kif meħtieġ. |

## 3.7. Infrastruttura u networks

### 3.7.1. Infrastruttura tas-sistemi kondiviżi

Sabiex tiżgura l-effiċjenza operazzjonali, il-prestazzjoni u d-disponibbiltà għolja tal-infrastruttura għas-sistemi li jospitaw l-applikazzjonijiet ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA, l-Aġenzija tipprovdi infrastruttura komuni ċentralizzata (CSI) bħala servizz għall-applikazzjonijiet operattivi ewlenin kollha tal-eu-LISA, li tippermetti ġestjoni tal-infrastruttura aktar aġli, ottimizzata u kosteffettiva permezz ta' komponenti standardizzati kondiviżi tal-hardware u tas-software.

#### Objettivi ewlenin

- żgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u kontinwa tal-infrastruttura, b'mod partikolari l-forniment ta' manutenzjoni korrettiva (inkluża l-manutenzjoni tal-hardware) u żgurar tat-tiġdid f'waqtu tal-liċenzji tas-software kummerċjalment disponibbli (COTS), u manutenzjoni adattiva f'rilaxxi ċikliċi għaż-żamma tal-COTS f'livell sigur u aġġornat u stima preċiża tas-sostituzzjonijiet kollha meħtieġa;
- forniment ta' servizzi ta' hosting għas-sistemi ta' backup tal-Frontex u tal-EUAA.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tas-CSI:** | | | |
| **(1) Ambjenti ta' preproduzzjoni u ambjenti oħra** | ≥99.50 % | 99.87 % | SM9 u rapporti dwar il-KPI ta' kull xahar |
| **(2) Ambjent ta' produzzjoni** | ≥99.99 % | 100 % | SM9 u rapporti dwar il-KPI ta' kull xahar |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi**<br>żamma tal-istatus quo | L-infrastruttura ċentrali li tospita l-ġestjoni u d-diversi servizzi tal-infrastruttura għas-sistemi operattivi ewlenin tinżamm bil-livell bażiku ta' manutenzjoni korrettiva inkluż l-appoġġ meħtieġ għall-fornituri. Mingħajr din il-manutenzjoni bażika, l-ebda sistema ma tista' ssir disponibbli għall-Istati Membri. | Manutenzjoni korrettiva, tiġdid tal-liċenzji għall-manutenzjoni tal-hardware u tas-software COTS, inkluż l-appoġġ għall-fornituri. |
| **Ċentri tad-*Data* Modulari - CU u BCU**<br>żamma tal-istatus quo | Forniment tal-kapaċità u ta' spazju meħtieġa liċ-ċentri tad-*data* biex jospitaw u joperaw is-sistemi operattivi ewlenin fis-CU u fil-BCU. | Tfassil, implimentazzjoni u forniment ta' soluzzjonijiet taċ-ċentri tad-*data* modulari biex jiġu ssodisfati l-kapaċità tal-IT u l-ħtiġijiet ta' spazju fis-CU u fil-BCU. |
| **Ġestjoni tal-kuntratti u eżekuzzjoni tas-sit tal-BCU - kostijiet operatorji**<br>żamma tal-istatus quo | | Ġestjoni u Eżekuzzjoni tal-Kuntratti kif ukoll l-appoġġ tekniku għall-ftehim dwar is-sit mal-awtoritajiet Awstrijaċi u l-kuntratti ta' servizz ma' fornituri lokali biex jiġi żgurat l-forniment ta' disponibbiltà kontinwa u manutenzjoni tas-sit tal-BCU. |
| **Servizzi ta' hosting għall-Frontex u l-EUAA**<br>żamma tal-istatus quo | Ospitar effiċjenti, sigur u disponibbli ħafna għas-sistemi ta' backup tal-Frontex u tal-EUAA f'konformità mal-ftehimiet bilaterali rispettivi. | Appoġġ 24 siegħa kuljum u koordinazzjoni fuq il-post ta' inċidenti u kwistjonijiet, komunikazzjoni regolari u aġġornamenti. |

### 3.7.2. Pjattaformi ta' hosting intelliġenti

Sabiex tindirizza l-ħtieġa għal aktar tkabbir u bini, twassil u operat aktar effiċjenti tas-sistemi operattivi ewlenin ospitanti, l-eu-LISA nediet l-**inizjattiva "Hosting Intelliġenti"**, li tintroduċi kunċetti u teknoloġiji tal-ogħla livell ġodda għall-ospitar ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira b'fokus fuq il-prinċipji tal-5S: skalabbiltà, sostenibbiltà, stabbiltà, sigurtà u sovranità. Sabiex tipprovdi s-servizzi tekniċi sottostanti meħtieġa għat-tmexxija tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA, l-Aġenzija tmexxi żewġ pjattaformi ta' infrastruttura:

- **pjattaforma kondiviża komuni** (CSP): pjattaforma skalabbli, aġli u standardizzata fuq il-post, li toffri qafas effiċjenti fir-riżorsi u ġestjoni simplifikata tal-iżvilupp u tal-infrastruttura operazzjonali (pipeline ta' implimentazzjoni orjentat lejn id-DevOps), inkluż grad għoli ta' awtomatizzazzjoni ("Infrastructure-as-Code", Infrastruttura bħala Kodiċi);
- **pjattaforma cloud komprensiva** (CCP): pjattaforma cloud skalabbli, aġli u sigura, ibbażata fuq l-Infrastruttura bħala Servizz ("Infrastructure-as-a-Service", IaaS) u l-Pjattaforma bħala Servizz ("Platform-as-a-Service", PaaS), li toffri konfigurazzjoni aktar rapida u skalabbiltà aktar faċli tal-ambjenti tal-applikazzjoni, peress li mhux meħtieġ twassil ta' akkwist jew ta' hardware.

#### Objettivi ewlenin

- żgurar ta' pjattaforma kondiviża komuni (CSP) **kontinwa u disponibbli ħafna** u pjattaforma cloud komprensiva (CCP);
- twassil ta' **evoluzzjonijiet meħtieġa** biex jiġu ottimizzati l-prestazzjoni, l-iskalabbiltà u l-flessibbiltà, tittejjeb is-sigurtà u jiġu allinjati l-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-UE u tal-Istati Membri.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Ħin ta' disponibbiltà tas-CSP** | ≥99.99 % | *mhux applikabbli* | Rapporti dwar il-FLS |
| **Ħin ta' disponibbiltà tas-CCP** | ≥99.99 % | *mhux applikabbli* | Rapporti dwar il-FLS |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Manutenzjoni tas-CSP**<br>żamma tal-istatus quo | Pjattaforma fuq il-post effiċjenti, kosteffettiva u disponibbli ħafna, konformi mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa, inkluż l-avvanz tal-inizjattivi ta' awtomatizzazzjoni u l-prattiki tad-DevOps. |
| **Manutenzjoni tas-CCP**<br>żamma tal-istatus quo | Pjattaforma cloud effiċjenti, kosteffettiva u disponibbli ħafna f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa, inkluż l-arkitettura ta' "landing zone" li qed tevolvi, l-ittestjar u l-verifika tat-teknoloġiji tal-cloud. |

### 3.7.3. Network

L-infrastruttura ta' komunikazzjoni tipprovdi **trasferiment ta' *data* sigur u affidabbli** bejn is-sistemi tal-ĠAI u l-utenti finali tagħhom, jiġifieri l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, tipprovdi wkoll konnessjoni minn punt sa punt bejn is-sit tekniku ewlieni tal-Aġenzija fi Strażburgu (unità ċentrali, CU) u l-unità ċentrali ta' backup (BCU) f'St Johann im Pongau, l-Awstrija.

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tuża n-**network TESTA-ng** (Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida), li jipprovdi network ewlieni separat mill-internet pubbliku.[66] Fuq in-network TESTA-ng, l-eu-LISA tuża tliet dominji għall-operat tas-sistemi ĠAI: id-dominju tas-SIS għas-SIS u s-SIRENE Mail,[67] id-dominju tal-VIS għall-VIS (inkluż VIS Mail[68]), l-EES, u l-ETIAS, il-EuroDomain għall-Eurodac, DubliNet u l-ECRIS-TCN.[69] L-utenti finali jikkonnettjaw ma' kull dominju separatament (anki b'apparati fiżikament separati fil-bini tal-utent), billi (normalment) jużaw żewġ punti ta' aċċess lesti għall-użu (turnkey access point, TAP).

Meta tiġi kkunsidrata l-evoluzzjoni tal-istandards tekniċi u l-ħtiġijiet operattivi li qed jevolvu b'mod rapidu, fl-2024, id-DĠ DIGIT tal-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-eu-LISA bdew it-tfassil u l-iżvilupp ta' network trans-Ewropew ġdid, **TESTA IRIS** (pjattaforma ta' interkonnettività u skambju għall-UE), biex sa tmiem l-2027 jiġi sostitwit in-network TESTA-ng attwali.

#### Objettivi ewlenin

- forniment ta' **infrastruttura ta' komunikazzjoni disponibbli ħafna u sigura**, inkluża t-tmexxija operattiva effettiva u kontinwa tat-TAP, u forniment lill-utenti finali tas-sistema ta' disponibbiltà mingħajr interruzzjoni f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet fil-livell tas-servizz;
- żgurar ta' tmexxija operattiva effettiva u effiċjenti **tat-tieni saff ta' kriptaġġ fl-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u l-VIS** biex jiġi evitat li korpi esterni (eż. il-fornitur tat-TESTA-ng) ikollhom aċċess għal *data* sensittiva u jipprevjenu l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' *data* personali matul it-trasferimenti.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (WAN) (għas-SIS u l-VIS)**[70] | ≥99.99 % | 99.99 % | Rapport dwar id-disponibbiltà ta' TESTA-ng |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tmexxija operattiva** | | |
| **Infrastruttura tal-komunikazzjoni**<br>żamma tal-istatus quo | L-Istati Membri u l-aġenziji li jagħmlu użu mis-sistemi jistgħu jagħmlu dan billi jużaw infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u disponibbli ħafna. | Infrastruttura ta' komunikazzjoni disponibbli ħafna u sigura għas-sistemi tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA. Operat tal-infrastruttura, ġestjoni tat-tibdil (inklużi t-TAP), appoġġ lill-utent: Monitoraġġ tal-infrastruttura 27/4, trattament tat-talbiet/tal-inċidenti; manutenzjoni korrettiva, adattiva, ta' perfezzjonament u preventiva, inkluż it-tiġdid tal-liċenzji, manutenzjoni tal-hardware u tas-software COTS, operat tas-soluzzjonijiet tat-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS/tal-VIS. |

66 Il-kuntratt tal-forniment tas-servizz tan-network tan-TESTA-ng huwa ġestit mid-DĠ għas-Servizzi Diġitali (DIGIT) tal-Kummissjoni.

67 **SIRENE Mail**: mekkaniżmu ta' komunikazzjoni użat mill-uffiċċji nazzjonali *Uffiċċji Bureaux* għal informazzjoni supplimentari relatata ma' twissijiet tas-SIS.

68 **VIS Mail**: mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni użat mill-awtoritajiet nazzjonali tal-viża biex jikkonsultaw dwar l-applikazzjonijiet għal viża ta' Schengen.

69 L-Aġenzija se tuża komponenti tal-interoperabbiltà fuq it-tliet dominji kollha.

70 Għad-dominju tas-SIS u tal-VIS biss; l-indikatur EuroDomain issorveljat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Servizzi Diġitali (DIGIT).

## 3.8. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet

### 3.8.1. Operazzjonijiet tas-sistema

Sabiex tiżgura d-disponibbiltà u r-reżiljenza kontinwi tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha, l-Aġenzija tipprovdi **tmexxija operattiva 24 siegħa kuljum, servizzi ta' appoġġ u inġinerija tal-applikazzjonijiet,** inklużi l-monitoraġġ u l-osservabbiltà, ir-rispons u l-koordinazzjoni tal-ewwel inċidenti, il-komunikazzjoni u l-eskalazzjoni, l-indirizzar tat-talbiet għal servizz, id-difiża ċibernetika, il-ġestjoni tal-inċidenti u l-problemi, l-inġinerija tal-applikazzjonijiet. Sabiex tiżgura operat effettiv, l-Aġenzija żżomm ukoll diversi **għodod operazzjonali u ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)**.

#### Objettivi ewlenin

- forniment ta' tmexxija operattiva kontinwa u ta' kwalità għolja u appoġġ għas-sistemi u l-utenti tal-ĠAI;
- reżiljenza tas-sistemi tal-ĠAI permezz tal-monitoraġġ u l-osservabbiltà 24/7, difiża ċibernetika u l-ewwel rispons għal inċidenti;
- forniment ta' appoġġ tekniku kontinwu għal proġetti biex jiġu integrati sistemi ġodda;
- titjib tal-għodod meħtieġa biex jittejbu r-rispons u l-kwalità tal-operat u l-prestazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ, inklużi l-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tal-għodda tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM), il-Manwal tal-Operatur Elettroniku (eOPM), is-soluzzjoni integrata unika ta' monitoraġġ (SiMS) u s-sistema ta' ġestjoni tal-avvenimenti (EMS).

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Sodisfazzjon tal-klijenti** (% tal-utenti finali sodisfatti/sodisfatti ħafna bis-servizz ipprovdut) | ≥80 % | 97.8 % | stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti |
| **Prestazzjoni tas-service desk tal-eu-LISA** | ≥80 % | 95 % | rapport dwar il-prestazzjoni tas-service desk |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Appoġġ operazzjonali** | | |
| **Ċentru tas-Servizzi tal-Operazzjonijiet**<br>żamma tal-istatus quo | Tmexxija operattiva kontinwa ta' kwalità għolja u appoġġ għas-sistemi tal-ĠAI u l-utenti finali skont il-FLS u l-livell ta' reżiljenza mistenni. | Forniment ta' monitoraġġ u osservabbiltà 24/7/365 tal-operat u l-prestazzjoni tas-sistemi tal-ĠAI, l-ewwel rispons għall-inċidenti, service desk tal-utenti finali, talbiet tas-servizzi ta' ġestjoni, koordinazzjoni ta' inċidenti/problemi.<br>**Stadju importanti:** manwali aġġornati tal-operaturi, dħul fis-seħħ tal-Qafas tal-Operazzjonijiet tas-Soluzzjonijiet għall-komponenti tal-interoperabbiltà, Riformulazzjoni tal-VIS u tal-Eurodac. |
| **Operazzjonijiet ta' soluzzjonijiet u manutenzjoni**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali skont ir-rekwiżiti legali applikabbli. | Appoġġ tekniku kontinwu lill-utenti, ġestjoni u riżoluzzjoni ta' inċidenti u problemi, implimentazzjoni u distribuzzjoni ta' bidliet u rilaxxi.<br>**Stadju importanti:** Dħul fis-seħħ tal-appoġġ tekniku għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac, VIS Riveduta, komponenti tal-interoperabbiltà. |

### 3.8.2. Tranżizzjoni tas-servizzi

Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-Aġenzija fl-appoġġ tal-operazzjonijiet tas-sistema huwa l-kontroll tal-kwalità, imwassal permezz tal-ġestjoni tat-tibdil operattiv, tal-ittestjar, tat-tranżizzjoni, tar-rilaxx u tal-implimentazzjoni, flimkien mal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni, inkluża t-tranżizzjoni għall-operazzjonijiet.

### Objettivi ewlenin

- appoġġ tal-manutenzjoni operazzjonali tas-sistemi kollha tal-ĠAI u l-infrastruttura tagħhom, inklużi l-aġġornament u l-ittestjar tas-sistemi eżistenti u r-riformulazzjonijiet kritiċi, l-forniment ta' appoġġ operazzjonali lill-utenti finali, inklużi t-trasportaturi;
- konsolidazzjoni tal-għodod u l-proċessi interni biex jiġi adottat approċċ aktar aġli għall-ġestjoni tar-rilaxx, tat-tibdil operattiv u tal-ittestjar/tal-kwalifiki.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Implimentazzjoni tal-bidliet operattivi fl-ambjent tal-produzzjoni** | >75 % | *75 %* | Rapport intern |
| **Appoġġ għall-utenti finali matul l-ittestjar** | ≥95 % ta' tickets bi tweġiba f'<72 siegħa | *mhux applikabbli* | Rapporti SM9 |
| **Disponibbiltà tal-għodod DevOps** | >95 % | *mhux applikabbli* | Rapport intern |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Tranżizzjoni tas-servizzi** | | |
| **Ġestjoni tat-tibdil operattiv**<br>żamma tal-istatus quo | Sistemi operattivi aġġornati u siguri f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati bil-bidliet tekniċi kollha implimentati mingħajr ma jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà. | Żgurar ta' pproċessar effiċjenti u simplifikat ta' kwalità għolja tal-bidliet operattivi. |
| **Ġestjoni tar-rilaxx u tal-implimentazzjoni**<br>żamma tal-istatus quo | Sistemi operattivi aġġornati u siguri f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, bir-rilaxxi kollha implimentati mingħajr ma jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà. | Implimentazzjoni tar-rilaxxi (l-aktar patches u funzjonalitajiet reċenti), ġestjoni tar-rilaxx aktar aġli u awtomatizzata, inkluż l-appoġġ lill-utenti. |
| **Tranżizzjoni għad-dħul fis-seħħ**<br>żamma tal-istatus quo | Sistemi ġodda tal-IT li joperaw b'suċċess fl-ambjent tal-produzzjoni f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. | Koordinazzjoni tat-tranżizzjoni (tħejjija, dħul fis-seħħ, aċċettazzjoni finali tas-sistema), u valutazzjoni tal-istat ta' tħejjija, inkluż l-appoġġ lill-utent. |
| **Awtomatizzazzjoni u għodod** | | |
| **Għodod ta' servizzi operazzjonali trażversali**<br>żamma tal-istatus quo | Proċess effiċjenti ta' riżoluzzjoni operazzjonali permezz ta' għodod ta' servizzi operazzjonali aġġornati, affidabbli, effettivi u disponibbli kontinwament. | Manutenzjoni korrettiva, preventiva, adattiva u ta' perfezzjonament tal-prodotti u l-għodod tas-servizz operazzjonali, inkluż il-ġestjoni tal-liċenzji, l-amministrazzjoni teknika u l-personalizzazzjoni, l-appoġġ lill-utenti. |
| **Inġinerija tat-teknoloġija u tas-software** | | |
| **Ġestjoni tat-testijiet**<br>żamma tal-istatus quo | Garanzija li l-prodotti u s-servizzi jwasslu l-valur intenzjonat; tnaqqis fil-frekwenza tal-inċidenti u stabbiltà mtejba; titjib fis-sodisfazzjon tal-klijenti. Is-sistemi, il-prodotti u s-servizzi kollha mwassla bil-kwalità, il-valur u l-istabbiltà intenzjonati. | Forniment ta' valutazzjoni esperta dwar l-adozzjoni tal-approċċ, il-prattiki, l-għodod tal-ittestjar l-aktar xierqa, filwaqt li jiġu pprovduti wkoll informazzjoni u taħriġ lill-utenti finali. Ippjanar, tfassil, rieżami u implimentazzjoni ta' kampanji ta' ttestjar għall-operazzjonijiet kollha ta' manutenzjoni tas-sistemi tal-IT (manutenzjoni korrettiva u adattiva). |
| **Inġinerija tas-software**<br>żamma tal-istatus quo | Kwalità mtejba tas-sistemi operattivi ewlenin imwassla. | Żgurar tal-kwalità tas-software mtejjeb (jiġifieri, id-disinn tal-applikazzjoni, il-kwalità tal-kodiċi tas-sors), il-ġestjoni tal-bini intern u l-pipelines tal-implimentazzjoni b'għodod DevOps, u l-proċessi trażversali tal-Katalogu u tal-istandards tal-IT. |

### 3.8.3. Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat

Sabiex tiżgura l-operat sigur tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, inkluż livell xieraq ta' sigurtà tad-*data* u fiżika, l-Aġenzija timmonitorja u tiġġestixxi kontinwament ir-riskji għas-sigurtà u tiżgura li l-kontrolli tas-sigurtà stabbiliti għas-sistemi tal-IT fdati lill-eu-LISA u n-network ta' komunikazzjoni tagħha jkunu effettivi, implimentati u ġestiti kif xieraq, inkluż it-tisħiħ u t-titjib kontinwu tal-miżuri taċ-ċibersigurtà.

#### Objettivi ewlenin

- Żgurar tal-ogħla livell ta' konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u mal-istandards tas-sigurtà billi jiġi applikat approċċ ta' "difiża fil-fond" għal kull sistema tal-ĠAI għar-reżiljenza għal inċidenti u attakki ċibernetiċi;
- tisħiħ kontinwu tal-qafas u l-kapaċitajiet tas-sigurtà tal-eu-LISA billi jittejbu l-għodod u l-proċessi rilevanti, inkluża s-soluzzjoni tal-informazzjoni dwar is-sigurtà u l-ġestjoni tal-avvenimenti (SIEM) flimkien mas-CERT-UE (is-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni) biex jiġi appoġġat il-monitoraġġ u r-rispons għall-inċidenti ta' sigurtà minħabba x-xenarju tat-theddid li qed jevolvi;
- forniment ta' servizzi ta' garanzija tas-sigurtà biex tissaħħaħ il-qagħda tas-sigurtà tas-sistemi kollha tal-IT, b'fokus fuq it-titjib tal-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet u difetti, patching, u tisħiħ tas-sistemi;
- tisħiħ tal-qagħda taċ-ċibersigurtà tal-eu-LISA, rinfurzar tad-difiżi ċibernetiċi, u żieda tal-kapaċitajiet għad-detezzjoni u r-reazzjoni fil-pront għall-operazzjonijiet ċibernetiċi;
- skambju regolari tal-għarfien u tal-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà u l-kontinwità tal-operat.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Objettivi statutorji tas-sigurtà implimentati** | 100 % | 100 % | Dashboard ta' garanzija tas-sigurtà |
| **Valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà mwettqa fuq is-sistemi** | 100 % | 100 % | Dashboard ta' garanzija tas-sigurtà |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat** | | |
| **Kontinwità tal-operat tal-attività**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi reżiljenti u kontinwi għas-sistemi tal-ĠAI u infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-UE skont ir-rekwiżiti legali. | Tmexxija u rieżami tal-valutazzjonijiet tal-impatt operattiv, ġestjoni tar-riskju, inklużi pjanijiet tal-kontinwità operattivi speċifiċi għas-sistema, kontrolli, eżerċizzji tas-sigurtà, implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar u rapporti tal-eżerċizzju. |
| **Servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi tas-sigurtà tal-IT effiċjenti, siguri u ġestiti kontinwament għall-infrastruttura korporattiva. | Monitoraġġ tal-infrastruttura tal-IT (inklużi l-endpoints u l-punti ta' aċċess għan-network korporattiv) il-vulnerabbiltajiet u l-qagħda tas-sigurtà, il-ġestjoni tar-riskji u l-inċidenti, it-twettiq ta' valutazzjonijiet. |
| **Sigurtà u garanzija tal-informazzjoni**<br>żamma tal-istatus quo | Qagħda aġġornata tas-sigurtà tal-informazzjoni f'konformità mal-prattiki tajba u r-rekwiżiti legali tal-istandards operattivi. | Sorveljanza tas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISMS), tal-arkitettura u l-ittestjar tas-sigurtà, u t-titjib tal-qafas ta' sigurtà (inklużi il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar). |
| **Ċibersigurtà**<br>żamma tal-istatus quo | Qagħda aġġornata taċ-ċibersigurtà f'konformità mar-rekwiżiti legali, il-gwida tas-CERT-UE, l-istandards internazzjonali u l-prattiki tajba biex jinżamm ir-rwol ta' kustodju affidabbli ta' informazzjoni sensittiva fdata lill-eu-LISA. | Monitoraġġ u ġestjoni tal-inċidenti permezz tal-iskwadra ta' rispons għal inċidenti relatati maċ-ċibersigurtà (CSIRT), il-mitigazzjoni tat-theddid, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet, inkluż il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, l-informazzjoni dwar is-sigurtà u l-ġestjoni tal-avvenimenti (SIEM). |
| **Eżerċizzji tal-kontinwità tal-operat** | Qagħda tas-sigurtà msaħħa, reżiljenza u disponibbiltà ta' kull sistema f'konformità mar-rekwiżiti | Ittestjar ta' kontrolli, proċeduri u proċessi speċifiċi stabbiliti għall-kontinwità tal-operat, l-irkupru minn diżastri, is-sigurtà, il-ġestjoni tal- |

| | | |
|---|---|---|
| twassil tal-proġett: 2026 | legali, l-istandards operattivi u l-prattiki tajbin | inċidenti relatati mas-sistemi tal-ĠAI, inkluż rapport b'rakkomandazzjonijiet ta' titjib.<br>**Stadju importanti:** eżekuzzjoni tal-eżerċizzju. |

### 3.8.4. Appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri

L-Aġenzija tappoġġa lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lil aġenziji rilevanti oħra tal-UE fit-tħejjija, fl-iżvilupp jew fl-operazzjonalizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI. L-Aġenzija se tkompli tiġġestixxi u tiżviluppa aktar is-sistemi tal-IT taħt il-mandat tagħha, twettaq il-kompiti u s-servizzi stabbiliti fir-regolamenti applikabbli, inkluż taħriġ regolari lill-utenti finali kollha dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-ĠAI.

#### Objettivi ewlenin

- appoġġ lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lil aġenziji rilevanti oħra tal-UE fit-tħejjija, fl-iżvilupp jew fl-operazzjonalizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fdati lill-eu-LISA skont l-Artikoli 9 u 16 tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA.

### 3.8.5. Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet

L-Aġenzija tappoġġa u tikkoordina l-ħidma tal-korpi ta' governanza tal-eu-LISA billi torganizza laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi, tal-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programm, kif ukoll ta' diversi gruppi ta' kooperazzjoni u ta' ħidma oħra, biex tikkoordina l-ħidma ta' kuljum tagħhom, id-diskussjonijiet u tiżgura l-allinjament mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati.

#### Objettivi ewlenin

- forniment ta' appoġġ ta' kwalità għolja lill-Gruppi Konsultattivi u lill-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programmi eżistenti u possibbilment ġodda kollha, inklużi l-gruppi ta' ħidma u ta' kooperazzjoni, il-workshops tekniċi u laqgħat *ad hoc* iddedikati mal-Istati Membri.

#### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Rata ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati** | >70 % | 98.80 % | Stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati |

#### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet** | | |
| **Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi**<br>żamma tal-istatus quo | Issodisfar tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mar-rekwiżiti legali u r-regoli ta' proċedura tal-korpi ta' governanza. | Koordinazzjoni ta' laqgħat, appoġġ f'dak li jirrigwarda kuntatt u komunikazzjoni regolari, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-eżiti tal-laqgħat. |
| **Appoġġ amministrattiv għal laqgħat u missjonijiet oħra**<br>żamma tal-istatus quo | Appoġġ li jissodisfa l-ħtiġijiet interni tal-partijiet ikkonċernati, il-laqgħat u l-missjonijiet kollha jiġu organizzati b'mod effiċjenti skont ir-regoli u r-regolamenti. | Appoġġ u koordinazzjoni ta' missjonijiet relatati mas-sistemi tal-IT taħt il-mandat tagħha, inklużi konferenzi, avvenimenti, diskussjoni dwar l-industrija madwar mejda, laqgħat regolari u *ad hoc*. |

# 3.9. Attivitajiet korporattivi

## 3.9.1. Governanza

### Governanza u konformità

### Objettivi ewlenin

- żgurar tal-allinjament tar-riżorsi, is-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA u l-kapaċitajiet mal-objettivi strateġiċi tagħha, tisħiħ tal-qafas ta' governanza tagħha, u trawwim ta' teħid ta' deċiżjonijiet immexxi mid-*data*;
- tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tal-kwalità, u żgurar tal-konformità mar-rekwiżiti kollha applikabbli tal-kontroll intern u tal-protezzjoni tad-*data*, inkluż l-indirizzar tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' diversi awditi;
- implimentazzjoni ta' prattiki ta' governanza tajba f'konformità mal-obbligi legali u l-għoti ta' garanzija lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija u l-ilħuq tal-objettivi;
- implimentazzjoni tal-arkitettura tal-intrapriżi, b'fokus fuq l-allinjament ottimali tal-inizjattivi arkitettoniċi u ta' titjib;
- appoġġ lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur Eżekuttiv b'garanziji, pariri, għarfien u prospettiva indipendenti, ibbażati fuq ir-riskju u oġġettivi.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Prestazzjoni tal-proġetti kkompletati skont il-baġit inizjali u l-iskeda** | devjazzjoni tal-baġit: ≤10%<br>devjazzjoni tal-iskeda: <15% | *mhux applikabbli* | rapporti dwar il-proġetti u l-programmi |
| **Twassil tal-awditjar:** % tal-pjan tal-awditjar intern annwali mwassal | 90 % | *mhux applikabbli* | Rapport annwali ta' attività IAC |
| **Sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati bl-awditjar intern:** | 90 % estern / 80 % intern | *mhux applikabbli* | Rapport annwali ta' attività IAC |
| **Konsultazzjonijiet tal-EDPS ittrattati u mwettqa kull sena** | ≥60 % | *mhux applikabbli* | Rapport ta' attività tal-UPD |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Governanza** | | |
| **Governanza, konformità u ġestjoni tal-kwalità**<br>żamma tal-istatus quo | Prestazzjoni msaħħa u konformi tal-governanza tal-eu-LISA, garanzija mtejba tal-kwalità tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA u l-ilħuq ta' objettivi strateġiċi f'konformità mar-rekwiżiti statutorji. | Monitoraġġ u titjib tal-effettività tal-proċessi ta' governanza, tal-prestazzjoni u tal-kontrolli interni, l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità, l-aġġornament u l-koordinazzjoni tal-istrateġija fuq terminu twil, l-ipprogrammar u l-attivitajiet ta' rapportar. |
| **Ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti**<br>żamma tal-istatus quo | Strateġija fuq terminu twil u eżekuzzjoni tal-proġetti tal-eu-LISA allinjati, u objettivi mwassla fil-kwalità meħtieġa. | Żvilupp tal-kapaċità ta' ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti, inklużi l-evalwazzjonijiet u l-garanzija tal-kwalità, il-proċessi u l-Qafas Aġli Skalat. |
| **Ġestjoni tas-servizzi u tal-proċessi tal-eu-LISA**<br>żamma tal-istatus quo | Proċessi effiċjenti, aġġornati u standardizzati u twassil ta' servizzi ta' kwalità għolja f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | Monitoraġġ u ġestjoni tal-katalgu tal-prodotti u tas-servizzi u titjib tal-ġestjoni tal-għarfien u r-reġistru tas-CSI, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-ġestjoni. |
| **Titjib tas-servizzi u tal-proċessi tal-eu-LISA**<br>twassil tal-proġett: 2026 | Proċessi effiċjenti u standardizzati u twassil ta' servizzi ta' kwalità għolja f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. | Żvilupp ta' proċessi u servizzi eżistenti u integrazzjoni ta' proċessi u servizzi ġodda. |
| **Kompiti orizzontali korporattivi**<br>żamma tal-istatus quo | Ġestjoni ta' kwalità għolja u xierqa tas-subdiviżjonijiet tal-Aġenzija, gwida msaħħa u appoġġ għall-kisba tal-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. | Koordinazzjoni, appoġġ u ġestjoni tad-dipartimenti u tal-unitajiet, jiġifieri, lil hinn minn proġetti speċifiċi jew attivitajiet elenkati oħra. |

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Arkitettura tal-intrapriżi** | | |
| **Arkitettura tal-intrapriżi**<br>żamma tal-istatus quo | Allinjament imsaħħaħ tal-inizjattivi tal-arkitettura, tad-disinn u tal-iżvilupp f'konformità mal-istrateġija fuq terminu twil u teknoloġika tal-eu-LISA. | Żvilupp tal-arkitettura tal-interoperabbiltà għas-sistemi eżistenti u futuri, jiġifieri, id-definizzjoni tal-elementi kostitwenti tal-interoperabbiltà, l-istabbiliment ta' standards għal sistemi eżistenti u dawk ġodda. |
| **Konformità** | | |
| **Awditjar intern**<br>żamma tal-istatus quo | Operazzjonijiet imtejba, trasparenti u konformi, valutazzjoni msaħħa u sistematika tal-effettività tal-governanza, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-proċessi ta' kontroll, żieda fit-twettiq tal-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija. | Għoti ta' garanzija bbażat fuq ir-riskju u oġġettiva, inkluż il-koordinazzjoni tal-awditi interni u esterni, il-monitoraġġ u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar miftuħ, l-forniment ta' pariri u prospettiva, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi, billi taġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-OLAF u l-UPPE. |
| **Protezzjoni tad-*data***<br>żamma tal-istatus quo | Protezzjoni tad-*data* sigura, trasparenti, kompleta u effettiva f'konformità mal-istandards, ir-rekwiżiti u r-regolamenti applikabbli (inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT li tiġi ġestita mill-eu-LISA). | Monitoraġġ tal-protezzjoni tad-*data*, inkluż il-koordinazzjoni ta' awditi interni u esterni, monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet pendenti, valutazzjoni tal-proċessi u l-kontrolli tal-protezzjoni tad-*data*, trattament tat-talbiet u l-ilmenti mill-EDPS, żamma tar-reġistru tal-protezzjoni tad-*data*, żieda fis-sensibilizzazzjoni. |

## Ġestjoni u komunikazzjoni tal-partijiet ikkonċernati

Sabiex iżżomm u ssaħħaħ il-viżibbiltà u l-immaġni tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u affidabbli fl-oqsma ta' għarfien espert tagħha, l-Aġenzija tkompli ssaħħaħ il-prattiki ta' komunikazzjoni tagħha u trawwem kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tagħha, b'mod partikolari mal-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-industrija (inklużi t-trasportaturi tal-passiġġieri), id-dominju tal-ĠAI, jew b'mod bilaterali jew permezz ta' networks. F'dan il-qafas, l-eu-LISA tipprovdi informazzjoni dwar inizjattivi leġiżlattivi u għarfien espert rilevanti fi kwistjonijiet tekniċi, filwaqt li tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati fil-ġestjoni tad-domandi u fit-twettiq ta' analiżi operattiva.

## Objettivi ewlenin

- żamma ta' immaġni professjonali b'saħħitha bħala sieħeb fdat u siewi;
- relazzjonijiet kummerċjali produttivi mal-partijiet ikkonċernati kollha, analiżi u valutazzjoni tat-talbiet tan-negozju , inkluża l-implimentazzjoni ta' għodda biex jiġu diġitalizzati l-verifika u l-validazzjoni tar-rekwiżiti (REUSE), titjib fil-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' analiżi operattiva;
- ġestjoni effettiva tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati permezz ta' strumenti u kanali bilaterali u multilaterali, b'fokus fuq l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-industrija u l-akkademja
- faċilitazzjoni ta' skambju effiċjenti ta' informazzjoni, involviment attiv f'diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi, u appoġġ tal-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI tal-UE
- kollaborazzjoni trasparenti u kostruttiva mal-Bord tat-Tmexxija tiegħu, inkluż mal-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC).

## Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Impatt tal-komunikazzjoni esterna** | +200<br>segwaċi kull sena għal kull pjattaforma | LinkedIn: +5262<br>X: +235<br>Facebook: +651<br>YouTube: +98 | analitika |
| **Sodisfazzjon bil-kanali u bl-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna** | >70 % | 89 % | stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali** | | |
| **Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali**<br>żamma tal-istatus quo | Pożizzjoni msaħħa tal-Aġenzija bħala sieħeb affidabbli u konsulent fdat fil-qasam tal-għarfien espert tagħha, u relazzjonijiet kummerċjali mtejba mal-partijiet ikkonċernati kollha. | Ġestjoni tar-relazzjonijiet operattivi, inkluż il-ġestjoni tal-"business to build" (B2B) u tad-domanda (il-ġbir, l-analiżi u l-konverżjoni tat-talbiet approvati f'rekwiżiti għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-sistemi), valutazzjoni tal-impatt ta' inizjattivi ġodda, rappreżentanza tal-Aġenzija fil-livelli kollha ta' governanza (gruppi konsultattivi, bordijiet tat-tmexxija tal-programmi, bord tat-tmexxija), l-istituzzjonijiet tal-UE u l-industrija, u implimentazzjoni tal-għodod rilevanti. |
| **Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** | | |
| **Appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija**<br>żamma tal-istatus quo | L-appoġġ jissodisfa l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mar-rekwiżiti legali u r-regoli ta' proċedura tal-korpi ta' governanza. | Koordinazzjoni, tħejjija ta' laqgħat, appoġġ għall-kollegament u komunikazzjoni regolari tal-Bord, inkluż l-ACFC, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-eżiti tal-laqgħat. |
| **Pjan ta' azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija**<br>żamma tal-istatus quo | Prestazzjoni msaħħa u twettiq imtejjeb tal-objettivi strateġiċi. | Koordinazzjoni u monitoraġġ tal-pjan ta' azzjoni b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni esterna, inklużi rapporti regolari lill-Bord tat-Tmexxija. |
| **Monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politiki** | | |
| **Monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politiki**<br>żamma tal-istatus quo | Żieda fil-viżibbiltà tal-għarfien espert tal-eu-LISA fil-livell tal-UE u dak internazzjonali u appoġġ dwar il-politiki tal-UE fid-dominju tal-ĠAI. | Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tħejjija ta' dokumenti ta' pożizzjoni u analiżi leġiżlattiva interna, monitoraġġ tal-iżviluppi ta' politika, strateġiċi u leġiżlattivi rilevanti. |
| **Attivitajiet ta' kollegament**<br>żamma tal-istatus quo | Viżibbiltà rinfurzata u immaġni msaħħa tal-Aġenzija bħala sieħeb fdat u affidabbli fl-oqsma ta' għarfien espert tagħha, relazzjonijiet ta' ħidma effiċjenti mal-partijiet ikkonċernati fi Brussell, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-UE. | Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, monitoraġġ tal-iżviluppi ta' politika, strateġiċi u leġiżlattivi rilevanti, inkluża l-politika interna, leġiżlattiva, u l-analiżi tal-impatt, li jirrappreżentaw lill-eu-LISA f'diversi laqgħat fil-livell tal-UE. |
| **Komunikazzjoni** | | |
| **Komunikazzjoni**<br>żamma tal-istatus quo | Reputazzjoni professjonali msaħħa, immaġni u viżibbiltà tal-eu-LISA fl-oqsma ta' għarfien espert tagħha. | Forniment ta' informazzjoni regolari, aġġornata u trasparenti lill-partijiet ikkonċernati kollha permezz ta' diversi kanali ta' komunikazzjoni, b'fokus fuq is-sensibilizzazzjoni dwar il-prijoritajiet annwali, filwaqt li jiġi enfasizzat il-progress fl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT u l-bini tal-Eurodac il-ġdida. |

## 3.9.2. Appoġġ korporattiv

### Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat

L-Aġenzija tkompli żżomm u ttejjeb il-livell għoli ta' sigurtà fiżika fil-faċilitajiet tagħha u madwarhom b'reazzjoni għall-ħtiġijiet operattivi li qed jinbidlu, u b'hekk tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-kontinwità tal-operat tagħha.

### Objettivi ewlenin

- livell għoli ta' sigurtà fiżika tal-faċilitajiet, l-assi u l-persunal tal-eu-LISA, inkluż is-salvagwardja u l-monitoraġġ tal-aċċess bi traċċabbiltà sħiħa;
- titjib kontinwu tal-kontinwità tan-negozju u tal-qagħda tas-sigurtà tal-Aġenzija billi jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi, inkluż l-iżvilupp u l-aġġornament ta' strateġiji u politiki relatati.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà u kontinwità tal-operat** | 2 eżerċizzji annwali | 2 eżerċizzji ta' emerġenza | Dashboard ta' garanzija tas-sigurtà |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat** | | |
| **Sigurtà protettiva u kontinwità tal-operat**<br>żamma tal-istatus quo | Sigurtà protettiva aġġornata għall-faċilitajiet, l-assi u l-persunal u reżiljenza korporattiva msaħħa. | Forniment ta' servizz ta' sigurtà protettiva 24/7 fil-bini kollu, inkluża l-manutenzjoni ta' sistemi u tagħmir tas-sigurtà, żamma tar-rekwiżiti tas-sigurtà u titjib tal-miżuri ta' sigurtà, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat. |
| **Politika ta' sigurtà u koordinazzjoni**<br>żamma tal-istatus quo | Elementi ta' sigurtà orizzontali adattati għall-iskop u aġġornati, jiġifieri strateġiji, politiki, proċessi f'konformità mar-rekwiżiti legali, l-istandards operattivi, il-prattiki tajbin. | Implimentazzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà u kontinwità, aġġornament tal-proċessi tas-sigurtà u tal-kontinwità tal-operat abbażi ta' rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditjar, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' kooperazzjoni u sensibilizzazzjoni. |

## Ġestjoni tar-riżorsi umani

Sabiex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha, l-Aġenzija kontinwament ittejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi umani, billi tapplika approċċ ibbażat fuq il-kompetenzi b'fokus fuq riżerva diversa ta' talent u toffri żvilupp professjonali mmirat biex tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha.

### Objettivi ewlenin

- ġestjoni u ippjanar effiċjenti tar-riżorsi umani, inkluża d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u l-proċessi ta' reklutaġġ;
- tisħiħ tal-pożizzjoni tal-eu-LISA bħala impjegatur tal-għażla fix-xenarju tal-IT, u sforzi kontinwi biex tiġi attirata riżerva diversa ta' kandidati, b'fokus speċjali fuq in-nisa fis-settur STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika);
- żvilupp sistematiku tal-ħiliet u kompetenzi professjonali tal-persunal;
- tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar l-etika u ġlieda kontra l-frodi.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Dawran tal-impjegati u rata ta' okkupanza** | ≤ 5 % tad-dawran tal-impjegati<br>>94 % tar-rata ta' okkupanza | 5.3 % tad-dawran tal-impjegati<br>92.40 % tar-rata ta' okkupanza | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |
| **Rata ta' ingaġġ tal-persunal** | ≥3.8 | 3.7 | Bażi tad-*data* tar-riżorsi umani, rapporti SYSPER |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Ġestjoni tar-riżorsi umani** | | |
| **Amministrazzjoni u ppjanar tar-riżorsi umani**<br>żamma tal-istatus quo | Struttura organizzazzjonali adattata għall-iskop, professjonisti kompetenti, kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u moderni għall-persunal. | Ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' rutina tal-persunal (eż., l-onboarding, l-evalwazzjoni), titjib u diġitalizzazzjoni tal-proċessi (inklużi l-għodod rilevanti), tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-analiżi, u koordinazzjoni tal-appoġġ estern. |
| **Ġestjoni tar-riżorsi umani abbażi tal-kompetenza**<br>żamma tal-istatus quo | Persuni diversi, kwalifikati, motivati u impenjati ħafna fil-karigi adatti. | Żvilupp tal-persunal u tisħiħ tat-tmexxija, inkluż it-titjib tal-akkwist tat-talent, l-iżgurar tal-benesseri u t-tisħiħ tal-kultura u l-valuri organizzazzjonali (inklużi d-diversità, l-inklużjoni). |

## Akkwist, ġestjoni tal-kuntratti, finanzi u kontabbiltà

L-Aġenzija qed issaħħaħ kontinwament il-proċessi finanzjarji interni tagħha, il-proċeduri ta' akkwist u ta' ġestjoni tal-kuntratti, inkluż it-titjib tal-kapaċitajiet ta' rapportar u dawk analitiċi tagħha biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u tiżgura l-ġestjoni trasparenti, effiċjenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji tagħha. Għal dan il-għan, l-Aġenzija tiżgura ż-żamma ta' sistema soda ta' kontroll tal-kontabbiltà u preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tagħha.

### Objettivi ewlenin

- ġestjoni finanzjarja tajba, tal-akkwist u tal-kuntratti, li tkun konformi u trasparenti;
- appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji strateġiċi, inkluż it-titjib tal-kapaċitajiet analitiċi, eż. il-previżjoni u l-ippjanar tal-baġit u tal-akkwist, il-monitoraġġ ta' kwalità għolja tal-operazzjonijiet finanzjarji;
- monitoraġġ imsaħħaħ tal-implimentazzjoni kuntrattwali, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni;
- sistema soda ta' kontroll tal-kontabbiltà għall-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Rata ta' riport tal-approprjazzjonijiet għat-Titolu 3** | <30 % | 14.5 % | Maħżen tad-*data* ABAC |
| **Rata ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji** | ≥95 % | 100 % | Maħżen tad-*data* ABAC |
| **Rata ta' offerti kkanċellati wara t-tnedija** | <25 % | 0 % | rapport dwar l-akkwisti |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Ġestjoni baġitarja u finanzjarja** | | |
| **Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja**<br>żamma tal-istatus quo | Ġestjoni tajba, konformi u finanzjarja għolja u tal-assi f'konformità mal-istandards, il-prattiki tajba, ir-rekwiżiti u r-regolamenti rilevanti, u kapaċitajiet imsaħħa ta' previżjoni, monitoraġġ u eżekuzzjoni. | Ippjanar, monitoraġġ u eżekuzzjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit, forniment ta' rapporti finanzjarji, titjib tal-kapaċitajiet analitiċi u l-proċessi u l-proċeduri finanzjarji, inkluż il-previżjoni u l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività. |
| **Kontrolli finanzjarji interni, awditi relatati mal-akkwist u mal-finanzi**<br>żamma tal-istatus quo | Ġestjoni finanzjarja, tal-akkwist u tal-kuntratti trasparenti, tajba u xierqa għall-iskop tagħha f'konformità mal-istandards, il-prattiki tajba, ir-rekwiżiti u r-regolamenti rilevanti. | Żamma u tisħiħ tal-listi ta' kontroll u l-flussi tax-xogħol tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, l-għodod u l-analiżi, ir-reviżjoni tal-kontrolli u l-proċeduri, inkluża l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar. |
| **Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti** | | |
| **Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti**<br>żamma tal-istatus quo | Akkwist sod, trasparenti, konformi u kosteffettiv u ġestjoni tal-kuntratti f'konformità mar-regolamenti, il-linji gwida u l-proċeduri rilevanti u r-riżorsi disponibbli. | Ġestjoni, koordinazzjoni u monitoraġġ tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, tħejjija għall-adozzjoni ta' impenji legali, żgurar ta' konformità mal-obbligi kuntrattwali. |
| **Kontabbiltà** | | |
| **Kontabbiltà**<br>żamma tal-istatus quo | Preżentazzjoni ġusta u trasparenti tal-pożizzjoni finanzjarja tal-eu-LISA f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-UE u l-prinċipji, l-istandards u r-regoli kontabilistiċi aċċettati. | Żamma tal-kontroll tal-kwalità tal-kontabbiltà, inkluża s-salvagwardja tal-assi u l-interessi finanzjarji tal-eu-LISA, appoġġ lill-awdituri esterni u lill-QEA, twassil ta' kontijiet proviżorji u konsolidati. |

### Servizzi legali

L-Aġenzija topera f'konformità mal-qafas regolatorju applikabbli, inklużi l-aspetti operazzjonali u regolatorji tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA. Tosserva l-ogħla livelli ta' kondotta amministrattiva tajba, u tibqa' impenjata li tiggarantixxi t-trasparenza fl-attivitajiet, fil-proċessi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, inkluż l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

### Objettivi ewlenin

- pariri legali, għarfien espert u opinjoni sodi u ta' kwalità għolja, inkluż il-ġestjoni tat-talbiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti;
- identifikazzjoni ta' lakuni u inkonsistenzi fil-qafas legali attwali u fil-proċessi operazzjonali sabiex jiġu aġġornati l-politiki u l-linji gwida rilevanti.

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Pariri u opinjonijiet legali** | 90 % | 90 % | ProjectPlace |
| **Il-parir legali ma wassalx għall-fażi ta' qabel il-litigazzjoni u l-litigazzjoni** | 80 % | | ProjectPlace |

### Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Servizzi legali** | | |
| **Servizzi legali**<br>żamma tal-istatus quo | Rispett u reputazzjoni bħala sieħeb fdat u affidabbli għall-partijiet ikkonċernati. | Forniment ta' pariri legali u għarfien espert, inkluż dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, u r-rappreżentanza fi proċedimenti legali quddiem il-qrati tal-UE/nazzjonali. |

### Servizzi ta' appoġġ korporattiv

Is-servizzi ta' appoġġ korporattiv tal-Aġenzija jiffukaw fuq l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol ottimizzat u flessibbli fil-postijiet kollha b'infrastruttura sigura, effiċjenti u funzjonali, allinjata bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tan-negozju tal-eu-LISA u l-impenn tagħha biex issir organizzazzjoni ambjentalment sostenibbli.

### Objettivi ewlenin

- implimentazzjoni tal-**programm ta' żieda fil-kapaċità** biex jiġu indirizzati d-domandi tal-kapaċità fis-sit operazzjonali fi Strażburgu, inkluż l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi taċ-ċentri tad-*data*, kif ukoll tas-sistemi tal-enerġija u tat-tkessiħ;
- tnaqqis kontinwu tal-**impronta ambjentali** tal-eu-LISA permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' titjib ibbażat fuq l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE, inklużi l-evalwazzjoni annwali tal-impatt ambjentali u r-rieżami tal-prestazzjoni, u t-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija;
- kosteffiċjenza mtejba u kollaborazzjoni, effiċjenza u aġilità msaħħa tal-proċessi u l-infrastruttura korporattivi tal-ICT (jiġifieri, il-migrazzjoni ta' servizzi tal-IT magħżula lejn pjattaformi bbażati fuq il-cloud).

### Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

| Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Linja bażi (Ġunju 2024) | Sors |
|---|---|---|---|
| **Indikatur ambjentali: impronta tal-karbonju** | tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ | 3507 TEQ CO2 | Dikjarazzjoni ambjentali |
| **Programm ta' Żieda fil-Kapaċità:** | | | |
| **(1) kost** | devjazzjoni ≤10 % | ebda devjazzjoni | Rapport tal-bord tal-programm |
| **(2) skeda** | devjazzjoni ≤10 % | ebda devjazzjoni | Rapport tal-bord tal-programm |
| **(3) kamp ta' applikazzjoni** | ebda devjazzjoni | ebda devjazzjoni | Rapport tal-bord tal-programm |

## Kompiti u proġetti

| Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Riżultat mistenni (eżitu) | Deskrizzjoni u stadju/stadji importanti |
|---|---|---|
| **Servizzi ġenerali** | | |
| **Servizzi ġenerali**<br>żamma tal-istatus quo | Operazzjonijiet ta' kuljum effiċjenti, siguri u ambjentalment sostenibbli u infrastruttura tal-bini mtejba u funzjonali. | Forniment ta' servizzi ta' appoġġ korporattiv fil-postijiet kollha (eż., il-ġestjoni tal-ispazju, il-missjonijiet, l-operazzjonijiet tal-faċilitajiet), inkluża l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali, inkluż it-tnaqqis tal-impatt ambjentali. |
| **Titjib u aġġornamenti fis-servizzi ġenerali**<br>twassil tal-proġett: 2032 | Ambjent tax-xogħol imtejjeb f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi lokali u l-aħjar prattiki. | Aġġornament tan-network tat-tifi tan-nar fi Strażburgu u titjib tal-waterproofing tal-kantina fiċ-ċentru tad-*data* u fil-bini terzjarju. |
| **ICT korporattivi** | | |
| **ICT korporattivi**<br>żamma tal-istatus quo | Servizzi effiċjenti, kosteffettivi u kontinwi lill-utenti finali, bil-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mal-istandards u l-prattiki applikabbli. | Manutenzjoni korrettiva, preventiva, evoluttiva u adattiva għall-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-ICT, inkluż l-ittestjar u l-iżvilupp ta' għodod ġodda, u appoġġ għall-utenti finali. |
| **Aġġornamenti u evoluzzjonijiet tal-ICT korporattivi**<br>twassil tal-proġett: 2023 | Servizzi msaħħa tal-ICT lill-utenti finali. | L-implimentazzjoni tal-prattiki tal-ITIL għall-ġestjoni tas-servizzi u tal-assi, il-migrazzjoni lejn il-Cloud, l-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' żvilupp/ittestjar/pre-prod, infrastruttura tad-desktop virtwali (VDI), il-ġestjoni tal-kontenut tal-intrapriżi. |
| **Programm ta' żieda fil-kapaċità** | | |
| **Programm ta' żieda fil-kapaċità**<br>twassil tal-proġett: 20232 | Kapaċità aġġornata u suffiċjenti biex tospita sistemi eżistenti u ġodda fdati lill-Aġenzija, u effiċjenza enerġetika mtejba taċ-ċentri tad-*data* f'konformità mar-rekwiżiti u l-istandards legali. | Implimentazzjoni ta' ċentru tad-*data* modulari, aġġornamenti tal-enerġija u tat-tkessiħ, inklużi xogħlijiet elettriċi u ċivili. |

# ANNESSI

# Anness I. **Organigramma**

**Iċ-ċart li ġejja turi l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA sal-livell settorjali, inklużi l-funzjonijiet speċjali elenkati fir-Regolament ta’ Stabbiliment u s-subdiviżjonijiet individwali li mhumiex parti minn ebda unità.**

Fl-14 ta’ Marzu 2024, l-eu-LISA nediet inizjattiva ta’ bidla organizzazzjonali biex tkompli tappoġġa t-twettiq effiċjenti tal-missjoni tagħha, iġġib valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati, u trawwem post tajjeb għax-xogħol. L-inizjattiva RAISE ġiet konkluża f’Awwissu 2024, bl-introduzzjoni ta’ struttura organizzazzjonali riveduta, li mmodifikat id-dipartimenti, l-unitajiet u s-setturi eżistenti, kif ukoll stabbiliet oħra ġodda.[71]

Fl-14 ta’ Frar 2025, l-Aġenzija aġġornat l-istruttura organizzazzjonali tagħha biex tiżgura twettiq aħjar tal-mandat u tal-objettivi, trawwem l-effiċjenza u ssaħħaħ il-konformità – din ir-riorganizzazzjoni kienet tinkludi l-ħolqien ta’ setturi ġodda li jiffukaw fuq l-ippjanar u l-monitoraġġ, il-prattiki u l-metodoloġiji tal-proġetti, u settur iddedikat għall-programmi ta’ Interoperabbiltà, biex issaħħaħ il-koordinazzjoni ġenerali tal-ippjanar u trawwem l-applikazzjoni tal-mod il-ġdid ta’ ħidma. Barra minn hekk, xi setturi akbar tqassmu fi tnejn, eż. fl-Unità tal-Inġinerija tat-Teknoloġija u s-Software u l-Unità tar-Riżorsi Umani, filwaqt li oħra raw il-kompiti tagħhom assenjati mill-ġdid taħt entitajiet oħra, eż. iċ-Ċentru ta’ Għarfien Espert tal-Uffiċċju ta’ Kollegament u tas-Soluzzjonijiet. L-organigramma ta’ hawn taħt tippreżenta l-istatus reċenti.

[71] L-informazzjoni dwar l-offerti ta’ impjieg ippubblikati hija ppreżentata fit-taqsima dwar il-politika ta’ reklutaġġ fl-Anness V.

### ▲ Illustrazzjoni 3. Struttura organizzazzjonali




Sors: Sysper u organigramma.
Data ta' referenza: 1 ta' Ottubru 2025

▲ **Tabella 6. Għadd ta' persunal skont l-unità (għal kull kategorija ta' persunal)**[72]

*Didaskalija: Okkupati Vakanti*

| Unità/Settur | TA | | CA | | SNE | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Okkupati | Vakanti | Okkupati | Vakanti | Okkupati | Vakanti | |
| **Funzjonijiet taħt id-Direttur Eżekuttiv** | **57** | **11** | **30** | **5** | **5** | **2** | **110** |
| mhux applikabbli | 2 | - | - | - | - | - | 2 |
| **Direttur Eżekuttiv** | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Uffiċjal tas-Sigurtà** | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Settur tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern** | 3 | - | 1 | - | - | - | 4 |
| **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*** | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Uffiċjal tal-Kontabbiltà** | - | 1 | 1 | - | - | - | 2 |
| **Funzjonijiet taħt il-Viċi Direttur Eżekuttiv** | **3** | **4** | **5** | **-** | **-** | **-** | **12** |
| mhux applikabbli | - | - | - | - | - | - | - |
| **Viċi Direttur Eżekuttiv** | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Settur Legali** | 2 | 4 | 5 | - | - | - | 11 |
| **Unità tas-Sigurtà** | **16** | **5** | **11** | **-** | **2** | **-** | **34** |
| mhux applikabbli | - | 1 | - | - | - | - | 1 |
| **Settur tas-Sigurtà Protettiva** | 3 | - | 5 | - | 1 | - | 9 |
| **Settur tas-Sigurtà u tar-Reżiljenza tal-Informazzjoni** | 5 | 3 | 2 | - | 1 | - | 11 |
| **Settur taċ-Ċibersigurtà** | 6 | 1 | 1 | - | - | - | 8 |
| **Settur tal-Politika u tal-Koordinazzjoni tas-Sigurtà** | 2 | - | 3 | - | - | - | 5 |
| **Unità tal-Istrateġija, il-Kapaċitajiet u l-Koordinazzjoni** | **9** | **-** | **3** | **3** | **2** | **-** | **17** |
| mhux applikabbli | 3 | - | - | - | - | - | 3 |
| **Settur tal-Ippjanar u tal-Affarijiet Korporattivi** | 2 | - | 1 | 1 | - | - | 4 |
| **Settur tal-Bini tal-Kapaċitajiet** | 4 | - | 2 | 2 | 2 | - | 10 |
| **Unità tar-Relazzjonijiet tal-Operat u mal-Partijiet Ikkonċernati** | **21** | **1** | **9** | **2** | **1** | **2** | **36** |
| mhux applikabbli | 2 | - | 2 | - | - | 1 | 5 |
| **Settur tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet Kummerċjali** | 12 | 1 | 3 | 1 | - | 1 | 18 |
| **Settur tal-Governanza u tal-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati** | 4 | - | 3 | 1 | 1 | - | 9 |
| **Settur tal-Komunikazzjoni** | 3 | - | 1 | - | - | - | 4 |
| **Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi** | **53** | **9** | **33** | **6** | **-** | **-** | **101** |
| mhux applikabbli | 4 | - | 4 | - | - | - | 8 |
| **Settur tas-Servizzi tal-ICT** | - | 1 | 5 | 1 | - | - | 7 |
| **Settur tas-Servizzi Ġenerali** | 7 | 1 | 3 | - | - | - | 11 |
| **Unità tar-Riżorsi Umani** | **16** | **2** | **8** | **1** | **-** | **-** | **27** |
| mhux applikabbli | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Settur tal-Amministrazzjoni tal-Persunal** | 8 | - | 6 | - | - | - | 14 |
| **Settur tal-Istrateġija u tal-Akkwiżizzjoni tat-Talenti** | 4 | 1 | 1 | 1 | - | - | 7 |
| **Settur tal-Iżvilupp u tal-Ġestjoni tal-Karrieri** | 3 | 1 | 1 | - | - | - | 5 |

[72] Il-karigi elenkati fil-kolonna "vakanti" u mmarkati bis-sinjal "-", jirrappreżentaw karigi CA fuq terminu qasir li jew ittieħdu b'self minn unità oħra, jew ġew maħluqa fi tmiem l-2023 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat permezz ta' internalizzazzjoni temporanja ta' servizzi esterni li għalihom il-kuntratt speċifiku ta' servizz kien intemm u ma setax jiġġedded.

| Unità/Settur | TA | | CA | | SNE | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| **Unità tal-Baġit u tal-Finanzi** | **1** | **3** | **2** | **-** | **-** | **21** | **1** |
| mhux applikabbli | 2 | - | - | - | - | - | 2 |
| **Settur tal-Ippjanar u tal-Monitoraġġ** | 4 | 1 | 1 | - | - | - | 6 |
| **Settur tal-Ġestjoni Finanzjarja** | 9 | - | 2 | 2 | - | - | 13 |
| **Unità tal-Akkwist u tal-Ġestjoni tal-Kuntratti** | **11** | **4** | **10** | **2** | **-** | **-** | **27** |
| mhux applikabbli | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Settur tal-Akkwisti** | 7 | 2 | 5 | 1 | - | - | 15 |
| **Settur tal-Ġestjoni tal-Kuntratti** | 3 | 2 | 5 | 1 | - | - | 11 |
| **Dipartiment tal-Programm u tal-Inġinerija** | **46** | **18** | **38** | **6** | **2** | **-** | **110** |
| mhux applikabbli | 1 | - | 1 | - | - | - | 2 |
| **Settur tal-Prattiki u tal-Metodoloġiji tal-Proġetti** | 2 | - | 1 | - | - | - | 3 |
| **Unità tal-Ġestjoni tal-Programmi u tas-Soluzzjonijiet** | **18** | **8** | **12** | **2** | **2** | **-** | **42** |
| mhux applikabbli | 1 | 1 | - | - | - | - | 2 |
| **Settur tal-Programmi tal-Affarijiet Interni** | 8 | 4 | 4 | 1 | 1 | - | 18 |
| **Settur tal-Programmi tal-Ġustizzja** | 2 | 1 | 6 | 1 | 1 | - | 11 |
| **Settur tal-Programmi ta' Interoperabbiltà** | 7 | 2 | 2 | - | - | - | 11 |
| **Unità tal-Inġinerija tat-Teknoloġija u s-Software** | **25** | **10** | **24** | **4** | **-** | **-** | **63** |
| mhux applikabbli | 1 | - | - | - | - | - | 1 |
| **Settur tad-Disinn tas-Soluzzjonijiet u tal-Arkitettura** | 9 | 5 | 2 | 1 | - | - | 17 |
| **Settur tal-Iżvilupp tas-Software** | 3 | 3 | 6 | 1 | - | - | 13 |
| **Settur Kontinwu tat-Twassil tas-Software** | 4 | 2 | 4 | 2 | - | - | 12 |
| **Settur tal-Garanzija tal-Kwalità tas-Soluzzjonijiet** | 8 | - | 12 | - | - | - | 20 |
| **Dipartiment tal-Operazzjonijiet tas-Soluzzjonijiet Diġitali** | **61** | **12** | **54** | **21** | **2** | **-** | **150** |
| mhux applikabbli | 1 | 1 | 1 | - | - | - | 3 |
| **Unità tal-Pjattaformi u tal-Infrastruttura** | **29** | **7** | **11** | **6** | **1** | **-** | **54** |
| mhux applikabbli | 2 | - | - | - | - | - | 2 |
| **Settur tal-Manutenzjoni u tal-Appoġġ tal-Infrastruttura** | 9 | 3 | 4 | 4 | 1 | - | 21 |
| **Settur tal-Infrastruttura tan-Network u l-Komunikazzjoni** | 6 | 2 | 5 | - | - | - | 13 |
| **Settur tal-Pjattaformi Ospitanti Intelliġenti** | 12 | 2 | 2 | 2 | - | - | 18 |
| **Unità tat-Tranżizzjoni u tal-Awtomatizzazzjoni** | **11** | **1** | **11** | **4** | **-** | **-** | **27** |
| mhux applikabbli | 2 | - | - | - | - | - | 2 |
| **Settur tal-Ġestjoni tat-Tranżizzjoni** | 3 | 1 | 9 | 3 | - | - | 16 |
| **Settur tal-Awtomatizzazzjoni u l-Għodod** | 6 | - | 2 | 1 | - | - | 9 |
| **Unità tal-Operazzjonijiet** | **20** | **3** | **31** | **11** | **1** | **-** | **66** |
| mhux applikabbli | 2 | - | 1 | - | - | - | 3 |
| **Ċentru tas-Servizzi tal-Operazzjonijiet** | 11 | - | 18 | 5 | - | - | 34 |
| **Settur tal-Operazzjonijiet ta' soluzzjonijiet u manutenzjoni** | 7 | 3 | 12 | 6 | 1 | - | 29 |
| **Oħrajn[73]** | **-** | **2** | **12** | **-12** | **-** | **-** | **2** |
| **Total** | **217** | **52** | **167** | **26** | **9** | **2** | **473** |

Sors: Sysper u organigramma. Data ta' referenza: 1 ta' Ottubru 2025

[73] Karigi mhux allokati / karigi mhux awtorizzati fuq terminu qasir.

# Anness II. **Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività**[74]

| | | 2026 | | 2027 | | 2028 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Qasam tal-operat** | **Attivitajiet pluriennali** | **Baġit** | **FTE** | **Baġit** | **FTE** | **Baġit*** | **FTE** |
| **Nefqa amministrattiva** | **Il-maniġment tal-HR** | 58 541 210 | 23 | 59 772 000 | 23 | 61 058 040 | 22 |
| | **Ġestjoni baġitarja/finanzjarja** | 698 000 | 20 | 738 200 | 20 | 793 000 | 20 |
| | **Servizzi Korporattivi** | 15 550 370 | 24 | 16 141 200 | 24 | 17 870 000 | 24 |
| | **Governanza** | 19 000 | 17 | 20 000 | 17 | 22 000 | 17 |
| | **Servizzi korporattivi legali u orizzontali** | 416 800 | 11 | 451 300 | 11 | 485 000 | 11 |
| | **Ġestjoni tal-akkwisti/kuntratti** | 0 | 27 | 0 | 26 | 0 | 25 |
| | **Sigurtà** | 3 838 330 | 15 | 39 16 000 | 14 | 3 994 300 | 14 |
| | **Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** | 1 517 800 | 14 | 1 574 700 | 14 | 1 661 220 | 14 |
| **Nefqa amministrattiva** | | **80 581 510** | **151** | **82 613 400** | **149** | **85 883 560** | **147** |
| **Infrastruttura** | **Infrastruttura Kondiviża** | 31 059 500 | 18 | 32 712 800 | 18 | 48 506 718 | 18 |
| **Networks** | **Network** | 15 396 490 | 13 | 22 369 623 | 13 | 36 867 000 | 12 |
| **Affarijiet Interni** | **Interoperabbiltà** | 60 524 850 | 33 | 43 230 000 | 33 | 65 035 000 | 33 |
| | **SIS** | 22 983 400 | 35 | 22 681 400 | 35 | 25 711 000 | 35 |
| | **VIS** | 16 574 600 | 38 | 30 270 300 | 40 | 34 895 000 | 40 |
| | **Eurodac** | 10 278 400 | 27 | 6 815 200 | 27 | 20 579 000 | 20 |
| | **EES** | 30 718 200 | 24 | 25 801 000 | 24 | 42 837 000 | 24 |
| | **ETIAS** | 11 321 300 | 17 | 9 418 100 | 17 | 18 054 000 | 17 |
| | **API-PNR** | 18 978 300 | 17 | 25 290 000 | 17.5 | 11 260 000 | 20 |
| | **DTA** | | 0 | 495 000 | 2 | 5 517 000 | 17.5 |
| | **Prüm** | 1 796 400 | 6 | 1 080 000 | 6 | 0 | 6 |
| **Affarijiet Interni** | | **17 3175 450** | **197** | **165 081 000** | **201 5** | **223 888 000** | **212 5** |
| **Ġustizzja** | **ECRIS** | 5 951 700 | 30 | 6 284 600 | 30 | 5 289 000 | 29 |
| | **e-CODEX** | 1 790 400 | 7 | 2 224 600 | 7 | 2 693 000 | 7 |
| | **PK tas-SIK** | m.a. | 10 | m.a. | 10 | m.a. | 10 |
| **Ġustizzja** | | **7 742 100** | **47** | **8 509 200** | **47** | **7 982 000** | **46** |
| **Appoġġ Operazzjonali** | | 11 178 700 | 51 | 11 159 781 | 52 | 11 482 800 | 51 |
| **Total** | | **319 133 750** | **477** | **322 445 804** | **480 5** | **414 610 078** | **486 5** |

[74] L-informazzjoni dwar il-persunal (FTE) kif indikat mill-2027 sal-2028 hija tentattiva u soġġetta għal aktar irfinar hekk kif issir disponibbli informazzjoni aktar dettaljata għall-ippjanar. L-estimi tal-baġit għas-sena 2028 huma kkunsidrati biss għal skopijiet illustrattivi u ma jistgħux jipprevedu l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

# Anness III. **Riżorsi finanzjarji 2026–2028**

## Dħul[75]

| DĦUL | 2025 | 2026 |
|---|---|---|
| | Dħul stmat mill-aġenzija | Previżjoni tal-baġit |
| **Kontribuzzjoni mill-UE** | 291 117 820 | 317 734 302 |
| **Dħul ieħor** | 26 290 624 | 0 |
| **Dħul totali** | **317 408 444** | **317 734 302** |

## Dħul ġenerali

| | 2024[76] | 2025 | 2026 | | | | f'miljuni ta' EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit | Dħul stmat mill-eu-LISA | Kif mitlub mill-eu-LISA | Previżjoni tal-baġit | VAR 2026/ 2025 | Previst għall-2027 | Previst għall-2028 |
| **1 DĦUL MIT-TARIFFI U MILL-IMPOSTI** | | | | | | | |
| **2 KONTRIBUZZJONI MILL-UE** | **260 110** | **291 118** | **317 734** | | **1 091** | **365 967** | **414 610** |
| *li minnu, dħul assenjat li jirriżulta mis-surplus ta' snin preċedenti* | 26 282 | 1 108 | 1 963 | | 1 772 | | |
| **3 KONTRIBUZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI (inkl. pajjiżi tal-EFTA u pajjiżi kandidati)** | **23 017** | **26 291** | **-** | | | | |
| *li minnhom EFTA* | 23 017 | 26 291 | - | | | | |
| *li minnhom Pajjiżi Kandidati* | | | | | | | |
| **4 KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA** | **3 608** | **4 116** | **3 080** | | **0 748** | **3 080** | **0 000** |
| *li minnhom ftehim ta' delega, għotjiet ad hoc* | 3 608 | 4 116 | 3 080 | | 0 748 | 3 080 | 0 000 |
| **5 OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI** | **0 486** | **0 002** | | | | | |
| **6 DĦUL MINN SERVIZZI PPROVDUTI BI ĦLAS** | | | | | | | |
| **7 KORREZZJONIJIET TAL-IŻBILANĊI BAĠITARJI** | | | | | | | |
| **DĦUL TOTALI** | **287 221** | **321 526** | **320 814** | | **0 998** | **369 047** | **414 610** |

[75] Eskluż id-dħul assenjat mill-ftehimiet ta' kontribuzzjoni

[76] Baġit eżegwit.

### Finanzjament addizzjonali tal-UE: ftehimiet ta' għotjiet, kontribuzzjonijiet u fil-livell ta' servizzi

f'miljuni ta' EUR

| | Eżegwit | Stmat mill-eu-LISA | 2026 | | VAR | Previst | Previst |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2024 | 2025 | Talba mill-aġenzija | Previżjoni tal-baġit | 2025/2024 (%) | 2027 | 2028 |
| FINANZJAMENT ADDIZZJONALI TAL-UE LI JIRRIŻULTA MINN GĦOTJIET (FFR ART. 7) | | | | | | | |
| FINANZJAMENT ADDIZZJONALI TAL-UE LI JIRRIŻULTA MINN FTEHIMIET TA' KONTRIBUZZJONI (FFR Art. 7) | 3 608 | 4 116 | 3 08 | | 0.748 | 3 08 | |
| FINANZJAMENT ADDIZZJONALI TAL-UE LI JIRRIŻULTA MINN FTEHIMIET DWAR IL-LIVELL TA' SERVIZZ (FFR Art. 43.2) | | | | | | | |
| TOTAL | 3 608 | 4 116 | 3 08 | 0 | 0 748 | 3 08 | 0 |

### Nefqa[77]

| | 2025 | | 2026 | f'miljuni ta' EUR |
|---|---|---|---|---|
| | Approprjazzjonijiet ta' impenji | Approprjazzjonijiet ta' pagamenti | Approprjazzjonijiet ta' impenji | Approprjazzjonijiet ta' pagamenti |
| Titolu 1 | 58 381 | 58 381 | 58 575 | 58 575 |
| Titolu 2 | 36 609 | 36 609 | 22 006 | 22 006 |
| Titolu 3 | 242 285 | 222 421 | 238 552 | 237 153 |
| Nefqa totali | 337 274 | 317 410 | 319 134 | 317 734 |

[77] Eskluż id-dħul assenjat mill-ftehimiet ta' kontribuzzjoni.

## Approprjazzjonijiet ta' Impenji

| | | | Abbozz tal-Baġit 2026 | | | | f'miljuni ta' EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit 2024 | Baġit 2025 | Talba mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit | VAR 2026/2025 | Previst għall-2027 | Previst għall-2028 |
| **Titolu 1 Nefqa fuq il-Persunal** | **45 662** | **58 381** | **58 575** | | **100 33 %** | **59 932** | **61 230** |
| **Salarji u benefiċċji** | 41 991 | 53 784 | 55 100 | | 102.45 % | 56 202 | 57 326 |
| *li minnhom, karigi tat-tabella tal-persunal* | 27 389 | 39 793 | 36 400 | | 91.47 % | 37 128 | 37 871 |
| *- li minnhom persunal estern* | 14 602 | 13 991 | 18 700 | | 133.66 % | 19 074 | 19 455 |
| **Nefqa relatata mar-reklutaġġ tal-persunal** | 0 288 | 0 840 | 0 255 | | 30.39 % | 0 286 | 0 308 |
| **Spejjeż ta' missjonijiet** | 0 633 | 0 560 | 0 491 | | 87.67 % | 0 626 | 0 673 |
| **Infrastruttura soċjomedika** | 2 240 | 1 897 | 2 234 | | 117.76 % | 2 312 | 2 380 |
| **Taħriġ** | 0 510 | 1 300 | 0 495 | | 38.08 % | 0 505 | 0 543 |
| **Titolu 2 Infrastruttura u nefqa operatorja** | **24 098** | **36 609** | **22 006** | | **60.11 %** | **22 682** | **24 654** |
| **Kiri ta' bini u kostijiet assoċjati** | 5 344 | 11 996 | 4 742 | | 39.53 % | 4 837 | 5 194 |
| **Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** | 5 072 | 7 059 | 4 014 | | 56.87 % | 4 222 | 5 384 |
| **Proprjetà mobbli u kostijiet assoċjati** | 0 657 | 0 950 | 0 613 | | 64.47 % | 0 652 | 0 701 |
| **Nefqa amministrattiva attwali** | 1 678 | 1 776 | 1 572 | | 88.51 % | 1 656 | 1 779 |
| **Kostijiet tal-laqgħat** | 0 387 | 0 813 | 0 716 | | 88.11 % | 0 731 | 0 755 |
| **Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet** | 0 853 | 1 450 | 0 802 | | 55.28 % | 0 844 | 0 906 |
| **Servizzi ta' Appoġġ Estern** | 7 544 | 8 706 | 5 709 | | 65.58 % | 5 824 | 5 940 |
| **Sigurtà** | 2 563 | 3 859 | 3 838 | | 99.46 % | 3 916 | 3 994 |
| **Titolu 3 Nefqa operazzjonali** | **261 131** | **242 285** | **238 552** | | **98.46 %** | **239 832** | **328 727** |
| **Infrastruttura** | 46 316 | 55 973 | 46 456 | | 83.00 % | 55 082 | 85 374 |
| **Affarijiet INTERNI** | 195 794 | 164 637 | 173 175 | | 105.19 % | 165 081 | 223 888 |
| **Ġustizzja** | 6 041 | 5 752 | 7 742 | | 134.60 % | 8 509 | 7 982 |
| **Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali** | 12 981 | 15 923 | 11 179 | | 70.20 % | 11 160 | 11 483 |
| **Appoġġ lill-Istati Membri u lill-KE** | 0 000 | 0 000 | 0 000 | | | 0 000 | 0 000 |
| **TOTAL** | **330 892** | **337 274** | **319 134** | | **94.62 %** | **322 446** | **414 610** |

## Approprjazzjonijiet ta' Pagamenti[78]

| | | | Abbozz tal-Baġit 2026 | | | | f'miljuni ta' EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit 2024[79] | Baġit 2025 | Talba mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit | VAR 2026/ 2025 | Previst għall-2027 | Previst għall-2028 |
| **Titolu 1 Nefqa fuq il-Persunal** | **45 662** | **58 381** | **58 575** | | **100.33 %** | **59 932** | **61 230** |
| **Salarji u benefiċċji** | 41 991 | 53 784 | 55 100 | | 102.45 % | 56 202 | 57 326 |
| *li minnhom, karigi tat-tabella tal-persunal* | 27 389 | 39 793 | 36 400 | | 91.47 % | 37 128 | 37 871 |
| *- li minnhom persunal estern* | 14 602 | 13 991 | 18 700 | | 133.66 % | 19 074 | 19 455 |
| **Nefqa relatata mar-reklutaġġ tal-persunal** | 0 288 | 0 840 | 0 255 | | 30.39 % | 0 286 | 0 308 |
| **Spejjeż ta' missjonijiet** | 0 633 | 0 560 | 0 491 | | 87.67 % | 0 626 | 0 673 |
| **Infrastruttura Soċjomedika** | 2 240 | 1 897 | 2 234 | | 117.76 % | 2 312 | 2 380 |
| **Taħriġ** | 0 510 | 1 300 | 0 495 | | 38.08 % | 0 505 | 0 543 |
| **Titolu 2 Infrastruttura u nefq operatorja** | **24 098** | **36 609** | **22 006** | | **60.11 %** | **22 682** | **24 654** |
| **Kiri ta' bini u kostijiet assoċjati** | 5 344 | 11 996 | 4 742 | | 39.53 % | 4 837 | 5 194 |
| **Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni** | 5 072 | 7 059 | 4 014 | | 56.87 % | 4 222 | 5 384 |
| **Proprjetà mobbli u kostijiet assoċjati** | 0 657 | 0 950 | 0 613 | | 64.47 % | 0 652 | 0 701 |
| **Nefqa amministrattiva attwali** | 1 678 | 1 776 | 1 572 | | 88.51 % | 1 656 | 1 779 |
| **Kostijiet tal-laqgħat** | 0 387 | 0 813 | 0 716 | | 88.11 % | 0 731 | 0 755 |
| **Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet** | 0 853 | 1 450 | 0 802 | | 55.28 % | 0 844 | 0 906 |
| **Servizzi ta' Appoġġ Estern** | 7 544 | 8 706 | 5 709 | | 65.58 % | 5 824 | 5 940 |
| **Sigurtà** | 2 563 | 3 859 | 3 838 | | 99.46 % | 3 916 | 3 994 |
| **Titolu 3 Nefqa operazzjonali** | **213 853** | **222 421** | **237 153** | | **106.62 %** | **283 354** | **328 727** |
| **Infrastruttura** | 47 277 | 41 103 | 46 533 | | 113.21 % | 57 566 | 85 374 |
| **Affarijiet INTERNI** | 151 332 | 159 908 | 171 470 | | 107.23 % | 204 850 | 223 888 |
| **Ġustizzja** | 4 827 | 5 487 | 6 549 | | 119.35 % | 9 615 | 7 982 |
| **Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali** | 10 417 | 15 923 | 12 601 | | 79.14 % | 11 323 | 11 483 |

[78] Bl-esklużjoni tad-dħul assenjat mill-ftehimiet ta' kontribuzzjoni, aktar dettalji pprovduti fl-Anness XI.

[79] Baġit eżegwit.

| | | | Abbozz tal-Baġit 2026 | | | | f'miljuni ta' EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit 2024[79] | Baġit 2025 | Talba mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit | VAR 2026/ 2025 | Previst għall-2027 | Previst għall-2028 |
| Appoġġ lill-Istati Membri / lill-KE | 0 000 | 0 000 | 0 000 | | | 0 000 | 0 000 |
| TOTAL | 283 613 | 317 410 | 317 734 | | 100.10 % | 365 967 | 414 610 |

## Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet

| EŻITU TAL-BAĠIT | | | f'miljuni ta' EUR |
|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 |
| Dħul effettivament riċevut (+) | 338 652 | 315 600 | 287 221 |
| Pagamenti li saru (-) | -257 099 | -280 676 | -265.430 |
| Riport ta' approprjazzjonijiet (-) | -73 061 | -93 314 | -101 822 |
| Kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet riportati (+) | 1 246 | 0 813 | 1 913 |
| Aġġustament għar-riport tal-approprjazzjonijiet tad-dħul assenjat mis-sena preċedenti (+) | 16 550 | 58 685 | 80 081 |
| Differenzi fir-rati tal-kambju (+/-) | -0 006 | -0 000 | -0 000 |
| Aġġustament għall-bilanċ negattiv mis-sena ta' qabel (-) | 3 076 | 26 282 | 1 108 |
| Total | 26 282 | 1 108 | 1 963 |

# Anness VI. Riżorsi umani: analiżi kwantitattiva

Dan l-Anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal u l-evoluzzjoni tagħhom, kif ukoll l-ippjanar tal-persunal għas-snin 2026-2028.

## Persunal: evoluzzjoni u ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal

### A. Persunal statutorju u esperti nazzjonali sekondati

L-evoluzzjoni tal-persunal tal-eu-LISA tikkunsidra karigi awtorizzati bbażati fuq regolamenti adottati u karigi ġodda mistennija kif previst fil-proposti tal-Kummissjoni għal sistemi ġodda (eż., DTA).

▲ **Tabella 7. Persunal: evoluzzjoni tal-persunal fil-kategoriji kollha**

| | | | | | | | f'FTE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PERSUNAL** | **2024** | | | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** |
| **Karigi fit-tabella tal-persunal[80]** | **Awtorizzati** | **Effettivament mimlija fil-31.12.2024** | **Rata ta' okkupanza (%)[81]** | **Awtorizzati** | **Previsti** | **Previsti** | **Previsti** |
| **Amministraturi (AD)** | 186 | 161 | 86.56 % | 216 | 219[82] | 221 | 223 |
| **Assistenti (AST)** | 53 | 51 | 96.23 % | 53 | 53 | 53 | 53 |
| **Assistenti/Segretarji (AST/SC)** | 0 | 0 | 0.00 % | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total ta' karigi fit-tabella tal-persunal** | **239** | **212** | **88.70 %** | **269** | **272** | **274** | **276** |
| **Persunal estern[83]** | **Awtorizzati** | **Eżegwiti fil-31 ta' Diċembru 2024** | **Rata ta' eżekuzzjoni (%)** | **Għadd ta' impjegati fil-31 ta' Diċembru 2024** | **Awtorizzati 2025** | **Previst għall-2026** | **Previst għall-2027** |
| **Aġenti Kuntrattwali (CA)** | 171 | 151.8 | 88.77 % | 154 | 193 | 194[84] | 195.5 |
| **Esperti Nazzjonali Sekondati (SNE)** | 11 | 9.1 | 82.73 % | 9 | 11 | 11 | 11 |
| **Total ta' persunal estern** | **182** | **160.9** | **88.41 %** | **163** | **204** | **208** | **206.5** |
| **TOTAL TA' PERSUNAL** | **421** | **372.9** | **88.57 %** | **375** | **473** | **477** | **480.5** |

[80] It-TA huma persunal statutorju li jwettaq kompiti relatati mal-mandat ewlieni tal-Aġenzija u tali kompiti ma jistgħux jiġu esternalizzati.

[81] Ir-rata ta' okkupanza tqis biss il-karigi awtorizzati u l-persunal impjegat fil-31 ta' Diċembru 2024. Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness V, inkluża ripartizzjoni tal-karigi awtorizzati, l-offerti ta' impjieg maħruġa u l-karigi disponibbli għar-reklutaġġ.

[82] Dan l-għadd jinkludi tnaqqis ta' kariga TA waħda għar-Riformulazzjoni tal-VIS kif maqbul mal-Kummissjoni Ewropea.

[83] L-aġenti kuntrattwali normalment jaħdmu fuq proġetti speċifiċi għal żmien fiss, jew biex ikopru lakuni temporanji matul assenzi fuq terminu twil jew żieda fl-ammont ta' xogħol għal perjodi limitati. L-esperti nazzjonali sekondati jintbagħtu lill-eu-LISA mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE għal kompiti speċjalizzati biex jiġi żgurat l-allinjament tal-operazzjonijiet u s-servizzi tal-Aġenzija mal-ħtiġijiet tal-utenti finali.

[84] Dan l-għadd jinkludi tnaqqis ta' tliet karigi CA għar-Riformulazzjoni tal-VIS kif maqbul mal-Kummissjoni Ewropea.

### Persunal estern addizzjonali li mistenni jkun iffinanzjat minn għotja, kontribuzzjoni jew ftehimiet fil-livell tas-servizz

Sa tmiem l-2028, l-eu-LISA se tiffinanzja bosta karigi esterni (CA) permezz tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni relatat mal-iżvilupp u l-manutenzjoni sussegwenti tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK.

▲ **Tabella 8. Persunal li mistenni li jiġi ffinanzjat mill-ftehim ta' kontribuzzjoni tal-PK tas-SIK**

| Persunal addizzjonali previst | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 |
|---|---|---|---|---|
| aġenti kuntrattwali (CA) | - | 2 | 2 | 2 |
| persunal temporanju (TA)[85] | 8 | 8 | 8 | 8 |
| esperti nazzjonali sekondati (SNE) | - | - | - | - |
| TOTAL | 8 | 10 | 10 | 10 |

## C. Riżorsi umani oħra

### Fornituri ta' servizzi strutturali[86]

L-eu-LISA tkompli tuża forerituri ta' servizzi strutturali (appoġġ estern) biex tipprovdi servizzi jew proġetti li l-Aġenzija ma setgħetx tkopri mal-persunal statutorju minħabba riżorsi umani jew baġitarji insuffiċjenti, kwalifiki speċjalizzati meħtieġa, jew għarfien li ma kienx disponibbli internament.

Attwalment l-Aġenzija għandha kuntratt qafas prinċipali wieħed għall-għoti ta' assistenza esterna lill-eu-LISA (LISA-2022-OP-04; EXTRA-NG); li jippermetti lill-eu-LISA tikseb servizzi strutturali skont in-natura tal-kompiti jew l-attivitajiet esternalizzati.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tista' tikseb ukoll forerituri ta' servizzi strutturali b'għarfien espert speċjalizzat. Għal dan il-għan, il-Kuntratt Qafas ta' Inġinerija Trażversali (LISA-2019-OP-01; TEF) imfassal għall-forniment ta' disinn, żvilupp, infrastruttura u servizz ta' ttestjar; u l-Kuntratt Qafas ta' Operazzjonijiet Trażversali (LISA-2021-OP-03; TOF) imfassal għall-monitoraġġ u l-manutenzjoni ta' applikazzjonijiet, pjattaformi u infrastruttura attwalment qed jintużaw biex jindirizzaw tali ħtiġijiet speċifiċi għal għarfien espert speċjalizzat.

▲ **Tabella 9. Servizzi ta' appoġġ estern**

| Kuntratt Qafas | Durata tal-kuntratt qafas | Forerituri ta' Servizzi Strutturali: Tip ta' kuntratt | Kategoriji tal-profil tal-kuntratt | Effettivament mimlijin fil-31 ta' Diċembru 2024 |
|---|---|---|---|---|
| **LISA/2022/OP04** | | | | |
| **LOT1: Servizzi ta' konsulenza tal-ICT** | 4 snin (2023–2027) | **TM (ħin u mezzi)** | Servizzi ta' konsulenza tal-ICT | 64 |
| | | **QTM (ħin u mezzi indikati)** | | 20 |
| | | **prezz fiss** | | 0 |
| **LOT2 – Servizzi ta' konsulenza mhux tal-ICT** | 4 snin (2023–2027) | **TM** | servizzi ta' konsulenza mhux tal-ICT | 0 |
| | | **QTM** | | 59 |
| | | **prezz fiss** | | 0 |
| **LISA/2019/OP01** | | | | |
| **LOT1: appoġġ għad-disinn, il-kwalità u l-integrazzjoni** | 6 snin (2020-2026) | **QTM** | servizzi ta' konsulenza dwar id-disinn, il-kwalità u l-integrazzjoni | 42 |
| | | | **Total** | **185** |

Fl-ippjanar tax-xogħol li għandu jitwettaq mill-forerituri tas-servizzi strutturali, l-Aġenzija se tikkunsidra l-ħtiġijiet operazzjonali u orizzontali tagħha, u l-baġit disponibbli li jagħmel użu mill-kuntratti qafas iffirmati.

[85] Il-mudell tal-SPD ma jipprovdix ringiela għall-persunal temporanju (TA); żdiedet ringiela f'dan id-dokument, peress li dawn il-karigi se jiġu ffinanzjati mill-ftehim ta' kontribuzzjoni tal-PK tas-SIK.

[86] Fl-eu-LISA, riżorsi umani oħra jiġu kkuntrattati minn kumpaniji privati u jwettqu kompiti esternalizzati speċjalizzati ta' natura orizzontali/ta' appoġġ jew relatati mas-servizzi ta' konsulenza tal-ICT u mhux tal-ICT. Għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji ġenerali li ġejjin:
1) ebda kuntratt individwali 2) fuq il-post, normalment b'PC + skrivanija 3) segwiti b'mod amministrattiv (badge, eċċ.) u 4) li jipprovdu valur miżjud.

### Ħaddiema *interim*

L-Aġenzija tikkuntratta riżorsi ġodda għal kompiti fuq terminu qasir jew biex tissostitwixxi persunal li jkun ħa liv fuq terminu twil jew xi tip ieħor ta' assenza (eż. invalidità). Skont in-natura tal-kariga, l-eu-LISA tuża jew kuntratt qafas għal ħaddiema *interim* jew tirrekluta aġenti kuntrattwali (CA) għal perjodu fiss jew limitat.

**Tabella 10. Ħaddiema *interim* 2024**

| Ħaddiema *interim* | FTE |
|---|---|
| 2024 | 2 |
| **TOTAL** | **2** |

## Pjan pluriennali tal-politika tal-persunal

Il-pjan ta' politika pluriennali tal-persunal tal-eu-LISA jinkludi persunal temporanju (aġenti temporanji, TA, Tabella 11) u persunal estern (aġenti kuntrattwali, CA, u l-esperti nazzjonali sekondati, Tabella tal-SNE 13) ippjanati mill-Aġenzija u awtorizzati skont il-proċedura baġitarja tal-UE.

Il-pjan ta' politika pluriennali għall-persunal u għall-persunal estern huwa allinjat mat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija u jikkunsidra:

- żieda fil-persunal relatat ma' regolamenti adottati reċentement li jistabbilixxu sistemi ġodda u soluzzjonijiet diġitali, eż., router API-PNR, Eurodac ġdida, Regolamenti dwar l-Iskrinjar u l-proposta tal-Kummissjoni relatata mal-applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE;
- bidliet fil-gradi kollha tal-persunal f'kull grupp ta' funzjonijiet minħabba riklassifikazzjoni stmata.

## Persunal

**▲ Tabella 11. Tabella tal-persunal għall-2025–2028**

| Grupp ta' funzjonijiet u grad | 2024 | | | | 2025 | | 2026 | | 2027 | | 2028 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Awtorizzati (jiġifieri, permanenti u temporanji) | | Effettivament mimlija fil-31.12.2024 | | Awtorizzati | | Previsti | | Previsti | | Previsti | |
| | Perm. | Temp. | Perm. | Temp. | Perm. | Temp. | Perm. | Temp. | Perm. | Temp. | Perm. | Temp. |
| AD 16 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AD 15 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AD 14 | | 2 | | 1 | | 2 | | 2 | | 2 | | 2 |
| AD 13 | | 3 | | 1 | | 3 | | 3 | | 3 | | 3 |
| AD 12 | | 4 | | 4 | | 5 | | 5 | | 5 | | 5 |
| AD 11 | | 11 | | 3 | | 10 | | 10 | | 10 | | 10 |
| AD 10 | | 13 | | 9 | | 15 | | 12 | | 12 | | 12 |
| AD 9 | | 27 | | 17 | | 26 | | 30 | | 30 | | 30 |
| AD 8 | | 41 | | 25 | | 32 | | 33 | | 33 | | 33 |
| AD 7 | | 11 | | 27 | | 16 | | 37 | | 37 | | 37 |
| AD 6 | | 52 | | 25 | | 51 | | 45 | | 45 | | 45 |
| AD 5 | | 22 | | 49 | | 56 | | 42[87] | | 44 | | 46 |
| **AD** | | **186** | | **161** | | **216** | | **219** | | **221** | | **223** |
| AST 11 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 10 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 9 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 |
| AST 8 | | 5 | | 2 | | 6 | | 4 | | 4 | | 4 |
| AST 7 | | 8 | | 5 | | 10 | | 9 | | 9 | | 9 |
| AST 6 | | 12 | | 11 | | 12 | | 10 | | 10 | | 10 |
| AST 5 | | 10 | | 12 | | 9 | | 10 | | 10 | | 10 |
| AST 4 | | 15 | | 6 | | 11 | | 9 | | 9 | | 9 |
| AST 3 | | 2 | | 14 | | 4 | | 10 | | 10 | | 10 |
| AST 2 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **AST** | | **53** | | **51** | | **53** | | **53** | | **53** | | **53** |
| AST/SC 6 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 5 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 4 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 3 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 2 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **AST/SC** | | **0** | | **0** | | **0** | | **0** | | **0** | | **0** |
| **Total** | | **239** | | **212** | | **269** | | **272** | | **274** | | **276** |

[87] Kariga waħda tneħħiet bħala korrezzjoni tal-ippjanar għall-VIS Riveduta, kif maqbul mal-Kummissjoni.

## Persunal estern

### Aġenti Kuntrattwali

▲ Tabella 12. Aġenti kuntrattwali għall-2024–2028

| | | | | | | | f'FTE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AĠENTI KUNTRATTWALI | 2024 | | | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 |
| | Awtorizzati | Eżegwiti fil-31 ta' Diċembru 2024 | Għadd ta' impjegati fil-31 ta' Diċembru 2024 | Awtorizzati | Awtorizzati | Awtorizzati | Awtorizzati |
| Grupp ta' Funzjonijiet IV | 114 | 100 | 99 | 136 | 136 | 136.5 | 141 |
| Grupp ta' Funzjonijiet III | 56 | 50.2 | 54 | 56 | 57 | 58 | 58 |
| Grupp ta' Funzjonijiet II | 1 | 1.6 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Grupp ta' Funzjonijiet I | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL | 171 | 151.8 | 154 | 193 | 194 | 195.5 | 199.5 |

### Esperti nazzjonali sekondati

▲ Tabella 13. Esperti nazzjonali sekondati fis-snin 2024–2028

| | | | | | | | f'FTE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ESPERTI NAZZJONALI SEKONDATI | 2024 | | | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 |
| | Awtorizzati | Eżegwiti fil-31 ta' Diċembru 2024 | Għadd ta' impjegati fil-31 ta' Diċembru 2024 | Awtorizzati | Awtorizzati | Awtorizzati | Awtorizzati |
| | 11 | 9.1 | 9 | 11 | 11 | 11 | 11 |
| TOTAL | 11 | 9.1 | 9 | 11 | 11 | 11 | 11 |

[88] Dan l-għadd jinkludi tnaqqis ta' tliet karigi CA għall-VIS Riveduta, kif maqbul mal-Kummissjoni.

## Previżjonijiet ta' reklutaġġ

Il-previżjoni tar-reklutaġġ tal-Aġenzija tinkludi sostituzzjonijiet tal-persunal minħabba dawran jew irtirar u persunal addizzjonali għall-2026 abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, f'każ li l-eu-LISA ma tkunx tista' tikkonkludi l-proċeduri ta' selezzjoni rispettivi qabel tmiem l-2025.

▲ **Tabella 14. Previżjonijiet ta' reklutaġġ 2026 (wara l-irtirar/il-mobbiltà jew karigi ġodda mitluba)**

| TITOLU TAL-IMPJIEG | Tip ta' kuntratt (uffiċjali, TA jew CA) | | Uffiċjal/TA Grupp ta' funzjonijiet/grad ta' reklutaġġ intern u estern (grad wieħed) previst għall-pubblikazzjoni | | CA Grupp ta' Funzjonijiet ta' Reklutaġġ (I, II, III jew IV) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Irtirar/mobbiltà previst(a) | Kariga ġdida minħabba kompiti addizzjonali | Intern | Estern | |
| Uffiċjal tal-Politika | | Eurodac | m.a. | m.a. | FG IV |
| Uffiċjal tal-IT: Infrastruttura tan-Network u l-Komunikazzjoni | | Eurodac | m.a. | m.a. | FG IV |
| Uffiċjal tal-IT: Operazzjonijiet ta' soluzzjonijiet u manutenzjoni | | Eurodac | m.a. | m.a. | FG IV |
| Ġestjoni tar-Rilaxx u l-Modifiki | | Prüm II | AD5-AD7 | TA AD5 | |
| Ġestjoni tas-Sigurtà | | Prüm II | AD5-AD7 | TA AD5 | |
| Sid il-Prodott | | Prüm II | AD5-AD7 | TA AD5 | |
| Żvilupp u operazzjonijiet EU VAP | | EU VAP | AD5-AD7 | TA AD5 | |
| Żvilupp u operazzjonijiet EU VAP | | EU VAP | m.a. | m.a. | FG IV |
| Taħriġ għall-Istati Membri | | EU VAP | AD5-AD7 | TA AD5 | |
| Operatur ta' appoġġ tal-ewwel livell (24 siegħa kuljum) | | PK tas-SIK | m.a. | m.a. | FG IV |
| Operatur ta' appoġġ tat-tieni livell (24x7) | | PK tas-SIK | m.a. | m.a. | FG IV |
| Il-Kap tal-Unità | | API-PNR | AD9-AD10 | TA AD9 | |

### Mobbiltà bejn l-aġenziji għall-2025 minn u lejn l-Aġenzija

L-eu-LISA tieħu sehem fi programm ta' skambju tal-persunal ikkoordinat min-Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea (EUAN), li jrawwem il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki permezz tal-iskambju tal-persunal fuq terminu qasir bejn l-aġenziji parteċipanti.

Il-mobbiltà sseħħ ukoll meta l-membri tal-persunal ibiddlu l-impjiegi u jingħaqdu ma' aġenziji oħra tal-UE wara li jitilqu mill-eu-LISA. Bosta każijiet bħal dawn huma mistennija li jseħħu fl-2025; madankollu, dan ma jitqiesx bħala mobbiltà ppjanata bejn l-aġenziji.

# Anness V. Riżorsi umani: analiżi kwalitattiva

**Dan l-Anness jippreżenta ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-politika tal-persunal u tar-reklutaġġ tal-eu-LISA.**

## A. Politika dwar ir-reklutaġġ

Il-politika ta' reklutaġġ tal-Aġenzija tikkonforma mal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-UE (CEOS), b'mod partikolari mar-regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-UE li jirregolaw il-proċeduri ta' selezzjoni, il-gradi ta' dħul għal kategoriji differenti, it-tip/id-durata tal-impjieg, u l-profili tal-impjiegi għall-persunal u għall-persunal estern.

**Tabella 15. Regoli ta' implimentazzjoni għar-reklutaġġ**

| | | Iva | Le | Jekk le, liema regoli ta' implimentazzjoni oħra huma fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| **Ingaġġ ta' CA** | Deċiżjoni Mudell C(2019)3016 | iva | | |
| **Ingaġġ ta' TA** | Deċiżjoni Mudell C(2015)1509 | iva | | |
| **Maniġment intermedju** | Deċiżjoni mudell C(2018)2542 | iva | | |
| **Tip ta' karigi** | Deċiżjoni Mudell C(2018)8800 | iva | | |

Il-politika ta' reklutaġġ tal-eu-LISA ma nbidlitx f'dawn l-aħħar snin. L-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq il-miri ta' reklutaġġ.

**Tabella 16. Ħarsa ġenerali lejn il-miri u l-progress tar-reklutaġġ**

| TA | | | | Total (TA, CA u SNE) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tabella tal-persunal 2024 | Karigi koperti fil-31.12.2024 | Karigi koperti (inklużi offerti ta' impjieg maħruġa) | Okkupanza (mingħajr offerti ta' impjieg / inklużi offerti ta' impjieg) | Awtorizzati fl-2024 | Karigi koperti fil-31.12.2024 | Karigi koperti (inklużi offerti ta' impjieg maħruġa) | Okkupanza (mingħajr offerti ta' impjieg / inklużi offerti ta' impjieg) |
| 228[89] | 212 | 218 | 92.9% / 95.6% | 401 | 375 | 389 | 93.5 % / 97.0 % |
| 239[90] | 212 | 218 | 88.7 % / 91.2 % | 421 | 375 | 389 | 89.1 % / 92.4 % |
| *Referenza: 31 ta' Diċembru 2024* | | | | | | | |

Kif enfasizzat fil-Kapitolu 2.1.1. Riżorsi Umani: iż-żieda fit-tabella tal-persunal li seħħet fi tmiem is-sena kellha impatt negattiv fuq ir-rata ta' okkupanza tal-eu-LISA, li setgħet kienet ogħla abbażi tal-pjan ta' stabbiliment oriġinali awtorizzat fl-2023.

Filwaqt li l-eu-LISA rreklutat għadd kbir ta' persunal ġdid fl-2024, ħafna minn dawn ir-reklutaġġi kellhom impatt newtrali fuq l-għadd totali ġenerali ta' persunal, meta ntgħażlu l-kandidati interni.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tinkludi kapaċitajiet esternalizzati preċedentement (eż. inġinerija tas-software, għarfien espert dwar is-soluzzjonijiet, ġestjoni tal-proġetti u tal-prodotti) u żżid l-għadd ta' persunal biex jiġu ġestiti kuntratti ta' appoġġ estern. Dan jirrikjedi reviżjoni regolari tal-pjan ta' reklutaġġ u aġġustamenti biex jiġu indirizzati prijoritajiet urġenti.

Fl-2024, l-Aġenzija ġeddet 6 kuntratti ta' TA u kuntratt wieħed ta' CA għal 18-il kuntratt indefinit u estiż ta' 18-il kuntratt ta' TA u 27 kuntratt ta' CA għal terminu fiss ieħor.

[89] Skont it-tabella tal-persunal tal-2024 awtorizzata fl-2023.

[90] Skont it-tabella tal-persunal emendata tal-2024, adottata f'Novembru 2024.

L-Aġenzija se tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq il-miri ta' reklutaġġ tagħha (ara t-Tabella 16 hawn fuq) u tattira l-aktar talenti promettenti billi:

- ssaħħaħ l-immaġni tagħha ta' impjegatur u l-propożizzjoni ta' valur billi tuża b'mod strateġiku l-media soċjali biex tippromwovi l-pożizzjonijiet vakanti u l-immaġni tagħha bħala impjegatur, kif ukoll bl-użu ta' pjattaformi speċjalizzati tal-impjiegi għall-promozzjoni ta' rwoli tekniċi ħafna;
- ssaħħaħ l-effiċjenza tar-reklutaġġ billi jiġu raggruppati profili simili fi proċeduri ta' selezzjoni usa' li jippermettu l-istabbiliment ta' riżervi ta' talent estiżi filwaqt li jiġi ottimizzat ukoll l-użu tal-listi ta' riżerva eżistenti billi l-ħiliet trasferibbli tal-kandidati jitqabblu mal-pożizzjonijiet vakanti disponibbli.

## B. Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet

L-eżerċizzji ta' evalwazzjoni u ta' riklassifikazzjoni tal-Aġenzija huma rregolati minn regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet ġenerali f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-UE.

**▲ Tabella 17. Regoli ta' implimentazzjoni għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet**

| | | Iva | Le | Jekk le, liema regoli ta' implimentazzjoni oħra huma fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| **Evalwazzjoni TA** | Deċiżjoni Mudell C(2015)1513 | iva | | |
| **Evalwazzjoni CA** | Deċiżjoni Mudell C(2015)1456 | iva | | |
| **Riklassifikazzjoni TA** | Deċiżjoni Mudell C(2015)9560 | iva | | |
| **Riklassifikazzjoni CA** | Deċiżjoni Mudell C(2015)9561 | iva | | |

Fl-2023, l-Aġenzija adottat metodu ta' valutazzjoni kompletament kwalitattiv kemm għall-eżerċizzju ta' evalwazzjoni kif ukoll għal dak ta' riklassifikazzjoni. L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-2024 ingħalaq fil-15 ta' April 2024 u d-deċiżjoni ta' riklassifikazzjoni ġiet adottata fis-6 ta' Diċembru 2024.

Skont id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, total ta' 30 membru tal-persunal ġew riklassifikati fl-2024 wara li sar tqabbil finali tal-merti u b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Konġunt ta' Riklassifikazzjoni, ir-rati ta' multiplikazzjoni għall-gwida tal-ekwivalenza medja tal-karriera kif deskritt fl-Anness II għad-deċiżjonijiet Nru 2016-016 u Nru 2016-017 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA, it-tabella tal-persunal u r-riżorsi baġitarji disponibbli.

Meta mqabbla mal-2023, l-Aġenzija kklassifikat mill-ġdid aktar membri tal-persunal b'mod ġenerali. L-Aġenzija tejbet b'mod sinifikanti l-konformità mal-anzjanità medja meħtieġa fil-grad fuq 5 snin meta mqabbla mas-snin preċedenti, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, u qed tagħmel ħilitha sabiex tikseb konformità sħiħa 'l quddiem. Aktar dettalji huma ppreżentati fit-tabelli ta' hawn taħt.

▲ **Tabella 18. Riklassifikazzjoni ta' persunal temporanju/promozzjoni ta' uffiċjali**

| | Anzjanità medja fil-grad fost il-persunal riklassifikat | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Gradi[91]** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **Medja reali fuq 5 snin[92]** | **Medja fuq 5 snin (skont id-deċiżjoni C(2015)9563)** |
| **AD05** | 2.0 | 2.2 | 3.6 | 3.4 | m.a. | 2.6 | 2.8 |
| **AD06** | 2.7 | 2.7 | 2.9 | 3.3 | m.a. | 2.9 | 2.8 |
| **AD07** | 2.7 | 4.0 | 3.1 | 5.0 | m.a. | 3.4 | 2.8 |
| **AD08** | 2.0 | 3.0 | 2.9 | 4.5 | m.a. | 3.2 | 3 |
| **AD09** | 1.8 | 2.4 | | 5.0 | m.a. | 2.9 | 4 |
| **AD10*** | | | | 5.0 | m.a. | 4.0 | 4 |
| **AD11** | | | | | m.a. | m.a. | 4 |
| **AD12** | | | | | m.a. | m.a. | 6.7 |
| **AD13** | | | | | m.a. | m.a. | 6.7 |
| **AST1** | | | | | m.a. | m.a. | 3 |
| **AST2** | | | | | m.a. | m.a. | 3 |
| **AST3*** | | | | 3.3 | m.a. | 3.3 | 3 |
| **AST4** | 4.0 | 3.0 | | 10.8 | m.a. | 5.0 | 3 |
| **AST5** | 3.7 | 3.0 | | | m.a. | 3.3 | 4 |
| **AST6*** | 5.0 | | | 6.0 | m.a. | 5.5 | 4 |
| **AST7*** | | | 5.0 | | m.a. | 5.0 | 4 |
| **AST8** | | | | | m.a. | m.a. | 4 |
| **AST9** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. |
| **AST10** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 5 |
| **AST/SC1** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 4 |
| **AST/SC2** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 5 |
| **AST/SC3** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 5.9 |
| **AST/SC4** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 6.7 |
| **AST/SC5** | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | m.a. | 8.3 |

[91] Skont l-Anness 2 tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2016-016 tal-15 ta' Marzu 2016 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali għall-persunal temporanju, skont l-Artikolu 54 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħrajn tal-UE (CEOS), il-medja attwali tista' tkun aktar baxxa milli meħtieġ fil-gradi fejn l-għadd ta' riklassifikazzjonijiet fuq perjodu ta' referenza ta' ħames snin huwa ugwali għal jew inqas minn tlieta ("grupp żgħir"). Il-gradi kkonċernati huma mmarkati b'asterisk (*).

[92] Il-kalkolu tal-medja ta' 5 snin huwa bbażat fuq id-*data* disponibbli għall-perjodu 2020-2024.

▲ **Tabella 19. Riklassifikazzjoni tal-persunal bil-kuntratt**

| Grupp ta' funzjonijiet | Grad | Persunal attiv mill-1 ta' Jannar 2023 | Għadd ta' membri tal-persunal riklassifikati fl-2024 | Għadd medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati | Għadd medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati (skont id-Deċiżjoni C(2015)9561) |
|---|---|---|---|---|---|
| **CA IV** | 18 | 1 | 0 | m.a. | mhux applikabbli |
| | 17 | 4 | 0 | m.a. | bejn 6 u 10 snin |
| | 16 | 13 | 0 | m.a. | bejn 5 u 7 snin |
| | 15 | 12 | 1 | 5.0 | bejn 4 u 6 snin |
| | 14 | 38 | 5 | 3.4 | bejn 3 u 5 snin |
| | 13 | 7 | 2 | 3.4 | bejn 3 u 5 snin |
| **CA III** | 11 | 0 | 0 | m.a. | bejn 6 u 10 snin |
| | 10 | 19 | 0 | m.a. | bejn 5 u 7 snin |
| | 9 | 22 | 1 | 4.5 | bejn 4 u 6 snin |
| | 8 | 4 | 0 | m.a. | bejn 3 u 5 snin |
| **CA II** | 6 | 0 | 0 | m.a. | bejn 6 u 10 snin |
| | 5 | 2 | 0 | m.a. | bejn 5 u 7 snin |
| | 4 | 0 | 0 | m.a. | bejn 3 u 5 snin |
| **CA I** | 2 | 0 | 0 | m.a. | bejn 6 u 10 snin |
| | 1 | 0 | 0 | m.a. | bejn 3 u 5 snin |

## C. Rappreżentanza tal-ġeneri

L-Aġenzija tibqa' impenjata li tiżgura opportunitajiet indaqs għall-applikanti kollha matul il-proċess ta' reklutaġġ, mill-kompożizzjoni tal-panels ta' selezzjoni sal-għadd ta' kandidati intervistati, u fl-aħħar mill-aħħar tagħżel il-kandidati l-aktar xierqa għal kull pożizzjoni abbażi tal-merti tagħhom u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. L-Aġenzija adottat il-Karta tal-EUAN dwar id-Diversità u l-Inklużjoni u ħejjiet pjan ta' azzjoni ta' akkumpanjament li jibni fuq l-inizjattivi eżistenti li jindirizzaw, fost l-oħrajn, il-bilanċ bejn il-ġeneri.

F'dawn l-aħħar snin, l-eu-LISA osservat xejra pożittiva meta mqabbla mas-snin ta' qabel, u tibbenefika minn effett ta' taħlit. Madankollu, fl-2024 kien tnaqqis żgħir peress li l-għadd dejjem jikber ta' karigi mhuwiex akkumpanjat minn aktar applikazzjonijiet mill-ġeneru sottorappreżentat. Barra minn hekk, bosta membri tal-persunal nisa reġgħu ġew iffirmati matul is-sena.

| | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Rappreżentanza tan-nisa** | 30.30 % | 30.70 % | 31.90 % | 34.50 % | 34.15 % |
| *bidla* | | ▲0.40% | ▲1.20 % | ▲2.60 % | ▼0.35% |
| **Maniġers nisa** | 21.40% | | | | 27.27 % |
| **Bidla** | | | | | |

Għalkemm id-disparità bejn il-ġeneri hija prevalenti fl-industrija tal-ICT kollha, l-Aġenzija tkompli taħdem biex tikseb bilanċ bejn il-ġeneri sabiex iżżid l-għadd ta' applikanti nisa, billi:

- tattendi fieri tal-industrija u ċ-ċirkolazzjoni ta' avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti f'fora ddedikati;
- Tkompli bil-grupp ta' ħidma trażversali biex jiġu attirati diversi kandidati biex tiġi indirizzata l-kawża ewlenija u jiġu implimentati soluzzjonijiet dejjiema sabiex tiżdied id-diversità tar-riżerva tal-kandidati;
- torganizza u tospita workshop dedikat immirat lejn it-trawwim ta' sħubiji fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, filwaqt li jiġu esplorati strateġiji biex tiġi żgurata d-diversità f'diversi dimensjonijiet fi ħdan diversi livelli maniġerjali.

▲ **Tabella 20. Rappreżentanza tal-ġeneri tal-persunal statutorju (uffiċjali, TA u CA biss)**

| | | Uffiċjali | | TA | | CA | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Persunal | % | Persunal | % | Persunal | % | Persunal | % |
| **Nisa** | | **m.a.** | **m.a.** | **59** | **27.83 %** | **66** | **42.86 %** | **125** | **34.15 %** |
| | Livell ta' amministratur (AD) | m.a. | m.a. | 39 | 18.40 % | 37 | 24.03 % | 76 | 20.77 % |
| | Livell ta' Assistent (AST u AST/SC) | m.a. | m.a. | 20 | 9.43 % | 29 | 18.83 % | 49 | 13.39 % |
| **Irġiel** | | **m.a.** | **m.a.** | **153** | **72.17 %** | **88** | **57.14 %** | **241** | **65.85 %** |
| | Livell ta' amministratur (AD) | m.a. | m.a. | 122 | 57.55 % | 62 | 40.26 % | 184 | 50.27 % |
| | Livell ta' Assistent (AST u AST/SC) | m.a. | m.a. | 31 | 14.62 % | 26 | 16.88 % | 57 | 15.57 % |
| **Total** | | | | **212** | **100 %** | **154** | **100 %** | **366** | **100 %** |
| *Data ta' referenza: 31 ta' Diċembru 2024* | | | | | | | | | |

▲ **Tabella 21. Evoluzzjoni tal-ġeneru tal-maniġment medju u superjuri fuq 5 snin**[93]

| | 2020 | | 2024 | |
|---|---|---|---|---|
| | Għadd | % | Għadd | % |
| **Maniġers nisa** | 3 | 21.43 % | 3 | 27.27 % |
| **Maniġers irġiel** | 11 | 78.57 % | 8 | 72.73 % |
| **Total** | **14** | **100 %** | **11** | **100 %** |
| *Data ta' referenza: 31 ta' Diċembru 2024* | | | | |

## D. Bilanċ ġeografiku

L-Aġenzija temmen li rappreżentanza ġeografika wiesgħa fost il-persunal trawwem id-diversità kulturali u l-iskambju reċiproku. Fl-2024, il-persunal tal-Aġenzija jinkludi individwi li jirrappreżentaw **23 nazzjonalità**: 22 Stat Membru tal-UE u r-Renju Unit.

Fl-isforzi ta' reklutaġġ tagħha, l-Aġenzija tiffoka fuq l-iżgurar ta' rappreżentanza bbilanċjata taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE fost il-persunal tagħha. Peress li l-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija jinsabu fl-Estonja u fis-sit tal-operat fi Franza (ħlief l-e-CODEX fl-Estonja), l-Aġenzija ma tikkunsidrax il-perċentwal għoli tan-nazzjonalità Franċiża – 21.86 % – distorsjoni sinifikanti tal-bilanċ ġeografiku ġenerali. Madankollu, aħna nistinkaw biex insaħħu d-diversità, billi nħeġġu l-parteċipazzjoni tan-nazzjonalitajiet mhux rappreżentati biżżejjed fil-proċess ta' selezzjoni u nikkunsidraw in-nazzjonalità meta nagħżlu kandidati xierqa mil-listi ta' riżerva disponibbli.

93 Persunal li huwa definit bħala maniġer intermedju mid-dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Ġenerali applikabbli dwar il-maniġment intermedju.

▲ **Tabella 22. Bilanċ ġeografiku tal-persunal statutorju biss (uffiċjali, TA u CA)**

| Kategoriji tal-persunal | AD + CA FG IV | | AST/SC–AST + CA FGI / CA FGII / CA FGIII | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċittadinanza | Għadd | % tat-total tal-persunal fil-kategoriji | Għadd | % tat-total tal-persunal fil-kategoriji | Għadd | % tat-total tal-persunal |
| L-Awstrija (AT) | 1 | 0.27 % | 1 | 0.27 % | 2 | 0.55 % |
| Il-Belġju (BE) | 8 | 2.19 % | 5 | 1.37 % | 13 | 3.55 % |
| Il-Bulgarija (BG) | 8 | 2.19 % | 2 | 0.55 % | 10 | 2.73 % |
| Il-Kroazja (HR) | 3 | 0.82 % | 0 | 0.0 % | 3 | 0.82 % |
| Ċipru (CY) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| Repubblika Ċeka (CZ) | 2 | 0.55 % | 2 | 0.55 % | 4 | 1.09 % |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| L-Estonja (EE) | 11 | 3.01 % | 21 | 5.74 % | 32 | 8.74 % |
| Il-Finlandja (FI) | 2 | 0.55 % | 0 | 0.0 % | 2 | 0.55 % |
| Franza (FR) | 63 | 17.21 % | 17 | 4.64 % | 80 | 21.86 % |
| Il-Ġermanja (DE) | 9 | 2.46 % | 2 | 0.55 % | 11 | 3.01 % |
| Il-Greċja (EL) | 34 | 9.29 % | 9 | 2.46 % | 43 | 11.75 % |
| L-Ungerija (HU) | 6 | 1.64 % | 4 | 1.09 % | 10 | 2.73 % |
| L-Irlanda (IE) | 3 | 0.82 % | 1 | 0.27 % | 4 | 1.09 % |
| L-Italja (IT) | 24 | 6.56 % | 7 | 1.91 % | 31 | 8.47 % |
| Il-Latvja (LV) | 4 | 1.09 % | 4 | 1.09 % | 8 | 2.19 % |
| Il-Litwanja (LT) | 4 | 1.09 % | 4 | 1.09 % | 8 | 2.19 % |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| Malta (MT) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| In-Netherlands (NL) | 2 | 0.55 % | 1 | 0.27 % | 3 | 0.82 % |
| Il-Polonja (PL) | 11 | 3.01 % | 5 | 1.37 % | 16 | 4.37 % |
| Il-Portugall (PT) | 4 | 1.09 % | 5 | 1.37 % | 9 | 2.46 % |
| Ir-Rumanija (RO) | 38 | 10.38 % | 6 | 1.64 % | 44 | 12.02 % |
| Is-Slovakkja (SK) | 2 | 0.55 % | 0 | 0.0 % | 2 | 0.55 % |
| Is-Slovenja (SI) | 3 | 0.82 % | 1 | 0.27 % | 4 | 1.09 % |
| Spanja (ES) | 18 | 4.92 % | 8 | 2.19 % | 26 | 7.10 % |
| L-Iżvezja (SE) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 0.0 % | 1 | 0.27 % | 1 | 0.27 % |
| **TOTAL** | **260** | **71.04 %** | **106** | **28.96 %** | **366** | **100 %** |

*Data ta' referenza: 31 ta' Diċembru 2024*

Il-Franċiżi jibqgħu l-akbar grupp ta' nazzjonalità minħabba li fiż-żmien tal-istabbiliment tal-eu-LISA, l-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi ttrasferew parti mill-persunal tal-IT tagħhom lill-Aġenzija, li ngħaqdet mal-eu-LISA permezz tal-proċedura uffiċjali ta' kompetizzjoni għal karigi speċjalizzati ħafna.

▲ **Tabella 23. Nazzjonalità l-aktar rappreżentata: evoluzzjoni fuq 5 snin**

| | 2020 | | 2024 | |
|---|---|---|---|---|
| | Għadd | % | Għadd | % |
| Franza (FR) | 50 | 18.90 % | 80 | 21.86 % |

*Data ta' referenza: 31 ta' Diċembru 2024*

### E. L-iskejjel

L-Istati Membri tal-UE li jospitaw l-eu-LISA jridu jipprovdu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija, inkluż edukazzjoni skolastika multilingwi u orjentata lejn l-Ewropa għat-tfal tal-persunal u konnessjonijiet tat-trasport xierqa. Iż-żewġ postijiet joffru possibbiltajiet oħrajn għall-kisba ta' edukazzjoni bbażata fuq kurrikulu nazzjonali internazzjonali jew rikonoxxut fit-taqsimiet internazzjonali tal-iskejjel sekondarji tal-belt u l-kulleġġi internazzjonali. Fl-2024, 29 tifel u tifla tal-persunal tal-eu-LISA attendew l-Iskola Ewropea f'Tallinn u 121 fi Strażburgu. Bit-tkabbir kontinwu tal-Aġenzija fl-għadd tal-persunal, il-bġit għall-kontribuzzjoni lejn l-Iskejjel Ewropej se jiżdied bil-munita dovuta.

L-eu-LISA toffri wkoll benefiċċju għall-iskola preprimarja għall-persunal li t-tfal tiegħu għandhom inqas minn ħames snin u li għalihom l-Iskejjel Ewropej ma jistgħu jipprovdu l-ebda kura. L-iskema ta' appoġġ tippermetti r-rimborż tal-kostijiet tal-indukrar tat-tfal fil-kindergartens jew fl-iskejjel preprimarji sa ċertu limitu massimu. Din l-inizjattiva rċeviet rispons pożittiv mill-persunal il-ġdid. Sabiex tallinja mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tinsab fi proċess ta' rieżami tal-mod kif dan l-appoġġ jiġi offrut sabiex ikun hemm allinjament aħjar mal-qafas legali u finanzjarju. Fl-2024, 19-il membru tal-persunal użaw servizzi tal-iskola preprimarja għal 20 tifel u tifla.

| Ftehim fis-seħħ mal-Iskola Ewropea/Iskejjel Ewropej | Tallinn | Strażburgu |
|---|---|---|
| **Ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffirmati mal-KE dwar l-iskejjel Ewropej tat-tip I** | Le | Le |
| **Ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffirmati mal-KE dwar l-iskejjel Ewropej tat-tip II** | Iva | Iva |
| **Għadd ta' kuntratti ta' servizz fis-seħħ mal-iskejjel internazzjonali:** | Ma ġie ffirmat l-ebda ftehim | |
| **Deskrizzjoni ta' kwalunkwe soluzzjoni jew azzjoni oħra fis-seħħ:** | L-attendenza ta' skejjel nazzjonali jew privati f'Tallinn u fi Strażburgu u l-kisba ta' benefiċċju tal-edukazzjoni sabiex jiġu koperti l-kostijiet rispettivi. | |

# Anness VI. **Ġestjoni ambjentali**

L-impatt tal-kwistjonijiet ambjentali fuq il-prestazzjoni organizzazzjonali qed jiżdied kontinwament u maż-żmien, l-identifikazzjoni sistematika u l-korrezzjoni tan-nuqqasijiet identifikati se jwasslu għal prestazzjoni ambjentali (u organizzazzjonali ġenerali) aħjar. F'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea u r-responsabbiltà tal-Aġenzija li taġixxi bħala amministrazzjoni pubblika sostenibbli, l-Aġenzija ssegwi miżuri biex tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha.

### Sistema ta' ġestjoni ambjentali

L-Aġenzija hija impenjata li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tagħha billi timplimenta Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali (EMS) interna bbażata fuq il-prinċipji tal-**Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali** (EMAS) tal-UE,[94] u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[95] tal-Kummissjoni. F'April 2025, l-eu-LISA ngħatat uffiċjalment iċ-**ċertifikat tal-EMAS** (validu sa April 2028), li jikkonferma l-livell tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħha, li ssaħħet b'soluzzjonijiet ta' monitoraġġ ambjentali (eż., network ta' sensuri ambjentali fiċ-ċentru tad-*data* ta' Strażburgu, sistema ta' ġestjoni tal-bini appoġġata mill-IA f'Tallinn) u sensibilizzazzjoni ambjentali.

Sabiex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tagħha, l-Aġenzija se tkompli tippubblika r-**rapport tad-dikjarazzjoni ambjentali** tagħha u **skeda informattiva dwar ir-riżultati tal-impronta tal-karbonju**. Dawn ir-rapporti se jiddeskrivu l-progress tal-eu-LISA fl-objettivi ambjentali tagħha, filwaqt li jiddeskrivu fid-dettall kemm l-azzjonijiet kif ukoll il-miżuri tal-passat, kif ukoll l-istabbiliment ta' miri għall-futur. Dawn ir-rapporti jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-eu-LISA.

### Impronta tal-karbonju

L-eu-LISA ilha timmonitorja u tirreġistra l-emissjonijiet tagħha ta' $CO_2$ mill-2020. Fl-2024, l-Aġenzija tejbet b'mod sinifikanti l-kalkoli tagħha billi użat il-metodoloġija ta' Bilan Carbaone[96]. Fil-futur, l-eu-LISA se **tiddefinixxi strateġija newtrali għall-karbonju** biex tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra (GHG), bil-ħsieb li tikseb in-newtralità klimatika sal-2030, f'konformità mal-Karta tan-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHG u l-ġestjoni ambjentali responsabbli.

| Indikatur tal-impronta tal-karbonju | 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|
| **inqas emissjonijiet ta' $CO_2$ meta mqabbla mas-sena l-oħra** | 3507 tCO2eq | 3781 tCO2eq | |
| *Sors: Dikjarazzjoni ambjentali* | | | |

### Effiċjenza enerġetika

L-Aġenzija se tkompli timplimenta l-infrastruttura ekoloġika u l-inizjattivi tal-bini, tintegra d-disinn effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali fuq terminu twil. L-Aġenzija tkompli bil-promozzjoni tal-użu tal-elettriku ekoloġiku u, it-tisħin distrettwali. Ii ġejjin mill-enerġija rinnovabbli (aktar minn 97 % fis-siti kollha fl-2024).

Mill-2023, l-Aġenzija implimentat ukoll **pjan ta' azzjoni dwar is-sobrjetà** biex tikkontribwixxi għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030 (tnaqqis tal-konsum tal-enerġija primarja u finali).[97] Il-pjan għandu l-għan li jiffranka l-enerġija permezz ta' titjib fis-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ tal-Aġenzija.

---

[94] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web dedikat tal-Kummissjoni dwar l-*Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali* (EMAS).

[95] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web dedikat tal-Kummissjoni dwar il-*Patt Ekoloġiku Ewropew*.

[96] *Il-metodoloġija ta' Bilan Carbone* hija qafas ta' kontabbiltà tal-karbonju/GHG żviluppat mill-Aġenzija Franċiża għat-Tranżizzjoni Ekoloġika (*ADEME*) biex jiġu kkwantifikati l-emissjonijiet ta' GHG ta' organizzazzjoni billi titkejjel l-impronta tal-karbonju tagħhom (emissjonijiet diretti/indiretti), u jiġu fformulati pjanijiet ta' azzjoni biex jitnaqqas l-impatt tagħhom.

[97] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web dedikat tal-Kummissjoni dwar *Miri tal-Effiċjenza fl-Enerġija*.

Barra minn hekk, l-Aġenzija fasslet ukoll pjan ta' azzjoni biex tiżgura l-konformità mal-**istandards ambjentali u tal-effiċjenza enerġetika** meħtieġa f'konformità mad-dritt applikabbli tal-UE[98]. Bħala soluzzjoni fuq terminu qasir, l-eu-LISA qed taħdem biex tippermetti użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tat-tkessiħ eżistenti tagħha u introduċiet demo għal sistema ta' tkessiħ immersiva fl-unità ċentrali. Barra minn hekk, sal-2026, l-Aġenzija se tiffinalizza studju għal soluzzjoni ta' nofs it-terminu bbażata fuq il-ġeotermika biex tnaqqas l-effettività kumplessiva tal-użu tal-enerġija (PUE) tagħha. B'dawn is-soluzzjonijiet, l-Aġenzija tistenna li tnaqqas il-PUE bejn 5–7 % kif ukoll iżżid id-disponibbiltà tas-sistema u tikseb enerġija addizzjonali għat-tkessiħ.

**Objettivi ewlenin għall-2026–2027**

- **Titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini u taċ-ċentri tad-*data* tal-eu-LISA:** monitoraġġ kontinwu tal-indikaturi ta' prestazzjoni rilevanti u d-definizzjoni ta' azzjonijiet effiċjenti biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi.
- **Applikazzjoni tal-istrateġija tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku:** tisħiħ tal-integrazzjoni tal-kriterji u r-rekwiżiti tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-UE (APE) dwar aspetti ambjentali f'100 % tal-proċeduri l-ġodda ta' akkwist relatati mas-swieq ta' prijorità ddefiniti fil-politika tal-APE tal-eu-LISA.
- **Prevenzjoni, separazzjoni u riċiklaġġ tal-iskart:** żamma ta' 90 % tar-rata tal-iskart ta' rkupru fis-siti kollha.
- **Tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ permezz ta' politiki tal-ivvjaġġar aktar ekoloġiċi bi 80 % tal-missjonijiet li jirrispettaw ir-regoli tal-ekoloġizzazzjoni:** promozzjoni tal-vidjokonferenzi bħala għażla prestabbilita, ottimizzazzjoni tal-organizzazzjoni tal-missjonijiet (inkluż il-limitazzjoni tal-għadd ta' persunal mill-istess settur li jmur għall-missjoni u l-istess ħin), u tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-ivvjaġġar.
- **Preservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-prevenzjoni tat-tniġġis:** promozzjoni tal-ambjent tax-xogħol diġitali, integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-attivitajiet u l-proġetti kollha (inkluż l-ospitar ta' laqgħat u avvenimenti sostenibbli u ekoloġiċi), id-donazzjoni ta' materjali mhux użati (eż. għamara u hardware) u żamma ta' rata ta' rkupru ta' aktar minn 60 %.
- **Sensibilizzazzjoni u titjib tal-kultura ambjentali:** Tliet sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni kull sena biex jiġu pprovduti informazzjoni adegwata, struzzjonijiet u taħriġ *ad hoc* lill-impjegati u l-fornituri tas-servizzi kollha, kif ukoll promozzjonijiet kontinwi ta' mobbiltà sostenibbli u vjaġġar konxju mill-ambjent.

[98] *Id-Direttiva (UE) 2018/2001* tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

# Anness VII. **Politika tal-bini**

L-approċċ attwali tal-bini tal-Aġenzija jistabbilixxi li s-sit operazzjonali fi Strażburgu minħabba l-istatus kritiku tal-infrastruttura tiegħu se jiffoka fuq l-aspetti tekniċi u jespandi gradwalment biex jakkomoda kapaċitajiet ġodda taċ-ċentru tad-*data*, filwaqt li s-sit ta' riżerva fl-Awstrija se jżomm ir-rwol ta' riżerva tiegħu. Fi Strażburgu, l-ispazji tal-uffiċċji fuq is-sit operazzjonali se jagħtu prijorità lit-timijiet li jeħtieġu ħidma fuq il-post għat-tmexxija operattiva u x-xogħol amministrattiv se jsir minn uffiċċju mikri.

L-Aġenzija identifikat u implimentat soluzzjonijiet temporanji biex tindirizza kemm in-nuqqas ta' spazju kif ukoll il-ħtiġijiet immedjati tal-kapaċità sal-finalizzazzjoni tal-proġett pospost ta' estensjoni tas-sit operazzjonali minħabba l-limitazzjonijiet baġitarji:

- biex takkomoda ż-żieda fil-kapaċità taċ-ċentru tad-*data* (DC) u fid-domandi spazjali minħabba l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi ġodda tal-ĠAI fdati lilha, bħala miżura temporanja, l-Aġenzija diġà implimentat estensjoni limitata taċ-ċentru tad-*data* ewlieni permezz taċ-ċentru tad-*data* modulari 1 u 2.1 biex tippermetti l-ospitar ta' sistemi mhux produttivi fis-sit operazzjonali tagħha fi Strażburgu u għalhekk indirettament ittaffi xi wħud mill-limitazzjonijiet ewlenin tad-DC;
- biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-ispazju tax-xogħol, minn Settembru 2024 u wara l-approvazzjoni tal-koleġiżlaturi, l-Aġenzija qed tikri bini addizzjonali fi Strasburgu. Ix-xogħol ta' sistemazzjoni tal-bini ASPIRE twettaq fil-ħin u fi ħdan il-baġit approvat.

## Sitwazzjoni attwali tal-bini

| **Isem u t-tip tal-bini: post** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Erja tas-superfiċje f'm²** | | | **Kuntratt tal-kiri** | | | | | **Pajjiż ospitanti (għotja jew appoġġ)** |
| **Spazju għall-uffiċċji** | **Spazju mhux għall-uffiċċji** | **Total** | **KERA (EUR/sena)** | **Durata** | **Tip** | **Klawżola break-out** | **Kundizzjonijiet tal-klawżola break-out** | |
| **Kwartieri Ġenerali tal-eu-LISA:** Vesilennuki 5, Tallinn, l-Estonja | | | | | | | | |
| 1161.4 | 3235.9 | 4397.3 | - | - | - | - | - | fl-2018, l-Estonja bniet u ttrasferiet il-kwartieri ġenerali l-ġodda lill-eu-LISA fi tranżazzjoni mhux ta' skambju |
| **Ċentru Operattiv tal-eu-LISA:** 18 Rue de la Faisanderie, 67100 Strażburgu, Franza | | | | | | | | |
| 2155 | 5687 | 7842 | - | - | - | - | - | fid-29 ta' Mejju 2013, Franza tat bini fl-intier tiegħu għal EUR 1 |
| **Spazju għall-uffiċċji temporanju tal-eu-LISA:** PLATON building, 4 Rue Jean Sapidus, 67400 Illkirch-Grafenstaden, Strażburgu, Franza | | | | | | | | |
| 2074.40 | - | 2074.40 | 639,985.23 | 6+3 snin (sa nofs l-2026) | kera | - | - | - |
| **Spazju għall-uffiċċji temporanju tal-eu-LISA:** Bini ASPIRE, 1 All. des Orcades, 67000 Strażburgu, Franza | | | | | | | | |
| 2165 | 2665 | 4830 | 1 270 000 | 9 snin (mill-2024) | kiri ta' spazju għall-uffiċċji u parkeġġ | - | - | - |
| **Unità ċentrali ta' backup (BCU) tal-eu-LISA:** Ċentru ta' riżerva Federali u Ċentrali Awstrijak f'St Johann im Pongau, l-Awstrija | | | | | | | | |
| 223 | 403 | 626 | 640 000 | ftehim operattiv indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija | kera | - | - | - |
| **uffiċċju ta' kollegament tal-eu-LISA: Avenue de Cortenbergh 120, 1000 Brussell, il-Belġju** | | | | | | | | |

| Isem u t-tip tal-bini: post | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Erja tas-superfiċje f'$m^2$ | | | Kuntratt tal-kiri | | | | | Pajjiż ospitanti (għotja jew appoġġ) |
| Spazju għall-uffiċċji | Spazju mhux għall-uffiċċji | Total | KERA (EUR/sena) | Durata | Tip | Klawżola break-out | Kundizzjonijiet tal-klawżola break-out | |
| 180 | 125 | 305 | 67 250 | 9 snin, sat-28 ta' Frar 2034 | kera | - | - | - |

## Proġetti ta' bini fil-fażi tal-ippjanar

L-eu-LISA għaddejja minn diskussjonijiet mal-gvern Awstrijak dwar kapaċità addizzjonali tal-enerġija u t-tkessiħ għal St Johann im Pongau (L-ambizzjoni hija li dawn il-ħtiġijiet jiġu ssodisfati permezz tal-implimentazzjoni ta' ċentru ġdid tad-*data* modulari fil-BCU, stabbilit u ġestit mill-awtoritajiet Awstrijaċi biex ikun jista' jittaffa r-riskju dejjem akbar li n-nuqqas ta' kapaċità jirrappreżenta għall-Aġenzija u t-tmexxija tas-sistemi tal-ĠAI fdati. Peress li l-bini taċ-ċentru tad-*data* modulari l-ġdid se jieħu fuq bażi minima madwar sentejn, l-aġenzija ġiet sfurzata toħloq kapaċità addizzjonali permezz tal-investiment f'soluzzjoni ta' kontejners awtonomi li hija ppjanata li ssir attiva fl-ewwel nofs tal-2026. Iż-żieda fil-kapaċità li tirriżulta mhux se tissodisfa l-ħtiġijiet eżistenti li se jirrikjedu d-disponibbiltà tad-deskrizzjoni l-ġdida taċ-ċentru tad-*data* modulari

B'mod parallel, l-eu-LISA qed torganizza diskussjonijiet preparatorji mal-gvern Estonjan biex tevalwa l-opportunità ta' kofinanzjament għal estensjoni possibbli għas-sit ta' Tallinn. Il-possibbiltà ta' estensjoni tal-bini nnifisha ġiet approvata fl-2017 flimkien mad-disinn arkitettoniku eżistenti.

## Proġetti tal-bini sottomessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

### It-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali fi Strażburgu.

L-Aġenzija teħtieġ soluzzjoni sostenibbli u fuq terminu twil biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-kapaċità dejjem jikbru tagħha filwaqt li tikkunsidra id-dħul fis-seħħ li ġej ta' sistemi ġodda fdati lill-eu-LISA. Fl-2021, l-Aġenzija ffinalizzat studji preliminari u ddefiniet il-programm ta' kostruzzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi speċifikati għall-ħtiġijiet tas-sejħa għall-offerti u dawk finanzjarji. Peress li l-Aġenzija ma għandhiex ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex tindirizza b'mod adegwat il-kost għoli ta' dan il-proġett, ittieħdet deċiżjoni fl-2023 li l-proġett jiġi sospiż temporanjament (qabel ma titnieda l-offerta tat-tfassil), bl-għan li jerġa' jibda biha matul il-QFP li jmiss. Jekk l-Aġenzija tirċievi l-baġit fil-QFP il-ġdid, il-programm ta' kostruzzjoni u l-ispeċifikazzjoni teknika assoċjata se jiġu rieżaminati qabel ma titnieda l-offerta tat-tfassil.

### Programm ta' żieda fil-kapaċità

Sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali li qed jiżdiedu u ssaħħaħ l-effiċjenza u r-reżiljenza operazzjonali, l-eu-LISA stabbiliet il-programm ta' żieda fil-kapaċità biex tottimizza r-riżorsi taċ-ċentru tad-*data* billi ttejjeb il-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ biex tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali li qed jiżdiedu li jirriżultaw minn għadd dejjem akbar ta' sistemi u volumi tad-*data* ġodda.

Il-programm ta' żieda fil-kapaċità jipprevedi:

- it-tnedija ta' ċentru tad-*data* modulari ġdid inkluż fil-kontejners (ċentru tad-*data* modulari 2, soluzzjoni flessibbli u skalabbli li ma tirrikjedi l-ebda kostruzzjoni ġdida) u estensjonijiet fiċ-ċentru tad-*data* ewlieni reali fl-2026/2027 bil-għan li jiżdiedu l-kapaċità tal-IT u l-ispazju għall-ospitar ta' sistemi produttivi. Dan se jirrikjedi investimenti fil-grilja elettrika fuq il-post; kif ukoll
- implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' nofs it-terminu għall-aġġornamenti tal-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ fis-sit tekniku 2026. Peress li l-approprjazzjoni taċ-Ċentru tad-*Data* Modulari 2.2 il-ġdid se teħtieġ investimenti bil-quddiem sostanzjali fil-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ biex tippermetti l-ospitar ta' partijiet tas-sistemi produttivi (Ċentru tad-*Data* tal-GRAD3) tal-fondi allokati fl-2025 u fl-2026 għaċ-Ċentru tad-*Data* Modulari 2* se jkun meħtieġ li jiġi allokat biex jappoġġa aġġornamenti addizzjonali tal-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ. Dan se jippermetti t-tnedija tal-proġett taċ-ċentru tad-*data* modulari 2.2 fl-2026 b'provvista ta' kapaċità addizzjonali fi tmiem l-2027. Barra minn hekk, bħala effett sekondarju, l-aġġornamenti tal-enerġija u tat-tkessiħ se jippermettu li tiġi estiża parzjalment l-allokazzjoni tal-kapaċità taċ-ċentru tad-*data* ewlieni attwali u li tittejjeb is-sitwazzjoni għall-ospitar ta' sistemi produttivi.

Id-distribuzzjoni baġitarja stmata hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt:[99]

| | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ċentru tad-*data* modulari 2 + Estensjoni tal-Kapaċità tad-DC** | 6 680 000 | 3 620 000 | 6 673 000[100] | 7 723 000 | 6 500 000 | 3 000 000 |
| **Aġġornamenti fil-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ** | | 975 000 | 3 166 200 | | | |

[99] L-eu-LISA beħsiebha tiffinanzja l-proġett "Infrastruttura tal-MDC2" u l-proġett "Żieda fil-kapaċità tal-Enerġija u tat-Tkessiħ" bid-dħul miġbur f'konformità mal-*Artikolu 46(3)* tar-Regolament (UE) 2018/1726 tal-eu-LISA. Peress li dan id-dħul diġà ngabar, il-proġett jista' jiġi ffinanzjat mingħajr ebda żieda fis-sussidju tal-UE kif definit mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali. L-Aġenzija qed tippjana li titlob approvazzjoni minn qabel mill-Awtorità Baġitarja qabel l-iffirmar tal-kuntratt għall-iżvilupp ta' moduli MDC2.

[100] Previżjoni tal-baġit tal-MDC2 stmata għall-2025-2028 peress li l-fażijiet tal-proġett se jiġu implimentati skont it-teknoloġija li għandha tiġi skjerata u l-ħtiġijiet operazzjonali.

# Anness VIII. **Privileġġi u immunitajiet**

| Privileġġi statutorji tal-persunal tal-eu-LISA | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet / status diplomatiku | Edukazzjoni / Kura ta' matul il-jum |
|---|---|---|
| Il-membri tal-persunal statutorju tal-eu-LISA f'Tallinn, sakemm ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, se jingħataw rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul l-ewwel sena minn meta jibdew jassumu d-dmirijiet tagħhom f'Tallinn biex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tagħhom fl-Estonja.<br>Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn u l-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm l-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni tkoprihom. | Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12. | Ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn fil-Ħarifa tal-2013, li tipprovdi kurrikulu tat-Tip II fil-livell ta' skola preprimarja u fil-livell ta' edukazzjoni primarja u sekondarja. L-Iskola Ewropea f'Tallinn taċċetta tfal mill-età ta' erba' snin. |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm hija tkopri l-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti nazzjonali sekondati huma wkoll eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża. | Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13. | Il-Gvern Franċiż impenja lilu nnifsu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-eu-LISA billi joffri edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdi l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Il-gvern impenja lilu nnifsu wkoll li jassigura li t-tfal tal-persunal tal-eu-LISA jiġu aċċettati fl-Iskola Ewropea ta' Strażburgu, li toffri programm ta' baċellerat, rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni konkluż bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strażburgu, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011. |

# Anness IX. **Evalwazzjonijiet**

## Evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi tal-IT

Fl-2024, l-Aġenzija ffinalizzat studju ta' valutazzjoni komparattiva li ffoka fuq il-mudell operazzjonali tal-eu-LISA u l-allokazzjoni tar-riżorsi umani. L-istudju inkluda wkoll rieżami tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattivi bil-ħsieb li jittejjeb il-kejl tal-impatt tal-eu-LISA fuq l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-UE. Ir-riżultati ta' dan l-istudju servew bħala kontribut addizzjonali għall-evalwazzjoni esterna mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2023 – 2024.

## Evalwazzjoni *ex ante* tal-proġetti

Il-proċess ta' evalwazzjoni *ex ante* jikkostitwixxi parti miċ-ċiklu ta' strateġija u ta' ppjanar operazzjonali tal-eu-LISA. L-għan huwa li jiġu vvalutati **r-rilevanza u l-fattibbiltà tal-proġetti** fl-isfond tal-mandat u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija, jiġifieri, l-idoneità strateġika, il-benefiċċji, l-istatus prijoritarju, l-estimi tal-baġit u tar-riżorsi, ir-restrizzjonijiet, ir-riskji u r-rekwiżiti tal-akkwist. Huwa wkoll miżura ta' kontroll tal-kwalità, peress li jipprovdi mekkaniżmu għall-valutazzjoni fi stadju bikri, bħal pereżempju t-tħejjija tad-*data* billi jiġu identifikati lakuni u inkonsistenzi, kif ukoll in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji tal-kwalità għall-kontenut tad-dokumentazzjoni.

L-applikazzjoni tal-proċess *ex ante* tirriżulta mill-Artikolu 2 tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA, li jirrikjedi l-użu ta' struttura adegwata ta' ġestjoni tal-proġetti biex tappoġġa l-iżvilupp effiċjenti ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Barra minn hekk, l-Artikolu 29 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA jistipula li l-attivitajiet u l-**proġetti kollha li jirrikjedu nefqa sinifikanti** huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex ante* qabel ma jiġu approvati u inklużi fil-programm ta' ħidma annwali.

Sabiex tiffaċilita dawn it-tipi ta' evalwazzjonijiet, l-eu-LISA żviluppat **il-Politika ta' Evalwazzjoni Ex Ante**, iddeskriviet il-proċess u l-proċeduri rilevanti u stabbiliet sett ta' kriterji għall-għażla ta' proġetti għall-evalwazzjoni, inkluż mudell aġġornat ta' argument għall-vijabbiltà.

Filwaqt li kkunsidrat li ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni *ex ante* jieħu sentejn, l-Aġenzija introduċiet approċċ ottimizzat f'żewġ stadji li jinkludi (1) **valutazzjoni tal-opportunità** inizjali u (2) **valutazzjoni tal-fattibbiltà** sussegwenti fis-sena ta' wara. Dan l-approċċ jiffaċilita l-proċess ta' evalwazzjoni *ex ante* billi jiżgura li proġetti ġodda jiġu evalwati biss skont l-informazzjoni disponibbli, filwaqt li jipprovdi wkoll għarfien bikri dwar id-domanda tal-proġett, kif ukoll l-impatt tiegħu fuq il-portafoll u l-baġit tal-Aġenzija. Dan jippermetti d-determinazzjoni tad-dipendenzi tal-portafoll ta' kull proġett mill-bidu, filwaqt li jiġu aċċertati wkoll kategoriji u prijoritajiet xierqa tal-proġetti biex jiggwidaw l-ippjanar tar-riżorsi.

## Evalwazzjonijiet esterni

Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA, il-Kummissjoni Ewropea tevalwa l-prestazzjoni tal-Aġenzija kull ħames snin. L-ewwel evalwazzjoni ġiet iffinalizzata fl-2024 u ffukat fuq il-mandat, il-kompiti u l-objettivi, l-istruttura u l-governanza u l-ġestjoni tar-riżorsi, bil-ħsieb li jinstabu modi biex jittejjeb il-funzjonament tal-eu-LISA u jiżdied il-valur miżjud li tipprovdi.

Fl-2025, l-eu-LISA se tħejji u timplimenta Pjan ta' Azzjoni intenzjonat, filwaqt li tqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li jirriżultaw minn din l-evalwazzjoni u tiżgura segwitu adegwat. L-eu-LISA se tappoġġa wkoll lill-Kummissjoni f'każ li r-riżultati tal-evalwazzjoni jindikaw il-ħtieġa ta' kwalunkwe bidla fil-mandat tagħha.

### Studju ta' Valutazzjoni Komparattiva

Fil-bidu tal-2024, l-eu-LISA ffinalizzat l-istudju ta' valutazzjoni komparattiva biex tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-mudell operazzjonali tagħha, bl-għan li sservi bħala wieħed mill-kontributi għall-proċess ta' evalwazzjoni esterna. Ir-rapport ta' valutazzjoni komparattiva, imħejji minn konsulent estern, ipprovda sett ta' rakkomandazzjonijiet strateġiċi u operazzjonali li jistgħu jiġu implimentati qabel ma tiġi ffinalizzata l-evalwazzjoni esterna. L-eżiti tal-istudju ta' valutazzjoni komparattiva ntużaw bħala l-bażi għat-tfassil ta' pjan ta' azzjoni ta' ġestjoni strateġiku artikolat madwar ħames prijoritajiet strateġiċi deskritti fis-Sommarju eżekuttiv. Dan il-pjan ta' azzjoni ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija f'Settembru 2024 u se jiġi implimentat bejn ir-raba' trimestru tal-2024 u r-raba' trimestru tal-2025.

# Anness X. Strateġija għall-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta’ kontroll intern

## Qafas ta’ kontroll intern (QKI)

Il-proċess ta’ kontroll intern tal-Aġenzija jgħin lill-eu-LISA tilħaq l-objettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja tagħha billi tappoġġa teħid ta’ deċiżjonijiet tajjeb u tnaqqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli permezz ta’ kontrolli kosteffettivi.

F’dan il-kuntest, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika u l-prinċipji ta’ kontroll intern tal-eu-LISA, filwaqt li jistabbilixxi wkoll l-istruttura organizzazzjonali u s-sistema ta’ kontroll intern f’konformità mal-prinċipji adottati mill-Bord tat-Tmexxija u jwettaq il-valutazzjoni annwali tal-effiċjenza tal-Qafas ta’ Kontroll Intern (QKI) tal-eu-LISA.

Il-QKI jikkomplementa r-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, kif ukoll regoli u regolamenti applikabbli oħra, f’allinjament mal-ogħla standards internazzjonali. Il-prinċipji tal-QKI tal-Aġenzija jieħdu gwida mill-qafas imressaq mill-Kummissjoni Ewropea. B’mod ġenerali, il-QKI tal-Aġenzija jiżgura l-ilħuq tal-objettivi li ġejjin:

- l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet,
- l-affidabbiltà tar-rapportar,
- is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni;
- il-prevenzjoni, il-kxif, il-korrezzjoni u s-segwitu f’każijiet ta’ frodi u irregolaritajiet,
- il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Il-QKI jinkludi ħames komponenti interrelatati:

- l-ambjent ta’ kontroll;
- il-valutazzjoni tar-riskji,
- l-attivitajiet ta’ kontroll,
- l-informazzjoni u l-komunikazzjoni;
- l-attivitajiet ta’ monitoraġġ.

Sabiex il-kontroll intern jiġi kkunsidrat effettiv, dawn il-komponenti kollha jridu jkunu preżenti u jiffunzjonaw fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni u fl-istadji kollha tal-proċessi tal-operat (eż. l-iżvilupp tas-sistemi, l-operat, eċċ.). Il-valutazzjoni tal-QKI titwettaq fuq livell tal-komponenti. Fl-2025, il-valutazzjoni se titwettaq fuq bażi annwali, madankollu tiġi mmonitorjata u segwita sistematikament u perjodikament matul is-sena kalendarja.

L-Aġenzija tfittex kontinwament li ssaħħaħ l-attivitajiet ta’ kontroll intern tagħha, speċjalment fl-oqsma fejn ġiet identifikata il-ħtieġa ta’ titjib kbir matul il-monitoraġġ u l-valutazzjoni. Bħala parti mill-valutazzjoni annwali regolari, imwettqa matul l-ewwel trimestru tas-sena, tinġabar u tiġi analizzata *data* minn diversi sorsi ta’ data abbażi ta’ kriterji ta’ monitoraġġ definiti, eż. stħarriġ tal-persunal, reġistru ta’ eċċezzjonijiet u avvenimenti ta’ nuqqas ta’ konformità, rapporti tal-awditjar intern u estern u dokumentazzjoni rilevanti oħra relatata mal-proċessi tal-operat. Ir-riżultati tal-valutazzjoni annwali tal-QKI huma ppreżentati fir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-eu-LISA.

L-eu-LISA twettaq monitoraġġ u analiżi regolari tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta’ nuqqas ta’ konformità kif ukoll segwitu fuq il-każijiet kollha rrapportati fis-sena kalendarja preċedenti. L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-persunal biex ittaffi, tirrapporta u ssegwi tali avvenimenti. Dawn l-attivitajiet se jiġu integrati fl-Istrateġija ta’ Kontroll Intern li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ambjent ta’ kontroll intern. Fl-2025, l-eu-LISA se twettaq valutazzjonijiet, analiżi, rakkomandazzjonijiet u attivitajiet ta’ segwitu mmirati, kif ukoll tagħti taħriġ immirat dwar il-bini tal-kapaċitajiet biex ittejjeb is-sistema ta’ ġestjoni u kontroll tagħha u tiżgura l-konformità tal-proċessi u l-proċeduri. L-objettiv huwa li jsir progress sinifikanti lejn sistema ta’ governanza integrata, appoġġata minn sistema tal-IT li tgħaqqad l-informazzjoni li tirriżulta minn awditi, kontrolli interni, eċċezzjonijiet u rapporti ta’ nuqqas ta’ konformità u valutazzjoni tar-riskju.

F’Settembru 2024, l-eu-LISA adottat **l-Istrateġija ta’ Kontroll Intern tagħha**. L-objettiv tagħha huwa li tistabbilixxi sett ta’ miżuri ta’ kontroll għall-oqsma ta’ kontroll intern l-aktar esposti għar-riskju.

Din l-istrateġija tiddefinixxi sett ta' kontrolli u attivitajiet interni li se:

- jiżguraw il-konformità mar-Regolament ta' stabbiliment u mar-Regoli Finanzjarji,
- jippermettu lill-eu-LISA tissodisfa l-mandat legali tagħha u tipprovdi servizzi kif mistenni mill-partijiet ikkonċernati,
- jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat b'mod effiċjenti u rapidu,
- jindirizzaw ir-rekwiżiti tar-rapportar tal-partijiet ikkonċernati,
- jiżguraw il-kontinwità tal-operat.

Din l-istrateġija tindirizza r-rakkomandazzjonijiet maħruġa minn bosta awtoritajiet tal-awditjar u tirrappreżenta l-impenn tal-eu-LISA li tiffoka l-isforzi tagħha fuq id-dominju tal-konformità u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

## Riskji korporattivi u ġestjoni tar-riskju

Il-politika tal-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija, approvata f'April 2020, sarilha rieżami sħiħ u tibdil mill-ġdid sabiex tkompli tkun xprunatur operattiv allinjat mal-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. Din ġiet ikkompletata b'definizzjoni tal-proċess u deskrizzjoni tas-servizz li għandha tiġi pprovduta b'mod ċar u biex ittejjeb l-adozzjoni tal-approċċ tal-Ġestjoni tar-Riskju. Il-Politika l-ġdida għall-Ġestjoni tar-Riskju u d-dokumenti relatati ġew approvati mill-Bord tat-Tmexxija fis-16 ta' Ottubru 2023.

Skont il-politika, il-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv tal-eu-LISA hija komponent ċentrali tal-qafas tar-riskju definit fil-politika, li jiffoka fuq l-organizzazzjoni kollha u l-objettivi tagħha, bi proċess simplifikat u Reġistru dedikat tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi. Hija wkoll parti essenzjali mill-governanza korporattiva, peress li tipprovdi gwida u appoġġ lill-maniġment superjuri għall-ilħuq ta' objettivi strateġiċi kif deskritti fil-programm ta' ħidma annwali.

Ir-riskji jiġu vvalutati u kkonfermati fil-livell korporattiv b'mod kontinwu, abbażi ta' kriterji ta' klassifikazzjoni uniċi u kondiviżi:

- oġġetti identifikati ġodda jinġabru permezz tal-għodda tal-ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti (PPM) u jiġu kkwalifikati mill-Kapijiet tal-Unità/tad-Dipartiment qabel ma jiġu sottomessi lill-Kumitat tat-Tmexxija għall-inklużjoni fir-Reġistru tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi,
- kull riskju jiġi assenjat sid tar-riskju li jkollu l-kompitu li jiddefinixxi u jżomm pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti sakemm jingħalaq ir-riskju;
- kull oġġett ta' riskju fil-livell korporattiv jiġi assenjat Kap tal-Unità/Dipartiment bħala sid (f'xi każijiet speċifiċi, il-Kumitat tat-Tmexxija jista' jassenja Kap tas-Settur),
- rapport tal-istatus dwar kull riskju, flimkien mal-kwistjonijiet li jinqalgħu u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti, jiġi ppreżentat lill-Kumitat tat-Tmexxija fuq bażi regolari, ibbażat fuq ir-rieżami tar-riskji residwi u l-impatt tagħhom; F'Ġunju 2024, ġie organizzat workshop dedikat dwar l-inizjattiva tad-Direttur Eżekuttiv, biex ir-riskji korporattivi jiġu vvalutati (mill-ġdid) u prijoritizzati, preċeduti minn sessjonijiet ma' sidien tar-riskju individwali biex jifformulaw l-elementi mill-ġdid,
- fuq bażi ta' kull xahar, l-aħħar verżjoni tar-Reġistru tar-Riskju Korporattiv tintbagħat permezz ta' email lill-membri kollha tal-persunal u hija dejjem aċċessibbli fuq il-paġna SharePoint tas-Settur tal-Ippjanar u l-Affarijiet Korporattivi.

Sabiex tiżgura t-titjib kontinwu tal-ġestjoni tar-riskju korporattiv, l-eu-LISA tipparteċipa fl-eżerċizzju annwali ta' rieżami bejn il-pari tal-aġenziji deċentralizzati u tal-impriżi konġunti tal-UE fejn jiġu diskussi l-aktar riskji importanti, bl-objettiv li jinstab approċċ komuni għad-definizzjoni, għall-valutazzjoni u għall-monitoraġġ tar-riskju.

### Riskji korporattivi

Ir-riskji korporattivi rieżaminati u kkonfermati l-aktar reċenti li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament operazzjonali tal-Aġenzija fl-2025 u 'l quddiem flimkien mas-sidien tar-riskju assenjati u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni huma deskritti hawn taħt.

▲ **Tabella 24. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti b'impatt possibbli fuq l-objettivi tal-2026–2028**

| Ref. | Riskju identifikat | Impatt | Sid |
|---|---|---|---|
| Riskju 1 | **Attakk ċibernetiku estern immirat u mwettaq b'suċċess** | ▪ attakk b'suċċess jista' jaffettwa s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u l-libertà ta' moviment fiż-żona Schengen,<br>▪ in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' sistemi taħt il-mandat tal-eu-LISA, il-korruzzjoni u l-esfiltrazzjoni tad-*data*. | Il-Kap tal-Unità tas-Sigurtà |
| Riskju 2 | **Limitazzjoni fil-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* biex jospitaw sistemi futuri** | ▪ kapaċità mfixkla fl-implimentazzjoni ta' servizzi u sistemi ġodda taħt il-mandat tal-eu-LISA. | Il-Kap tal-Unità tal-Pjattaformi u tal-Infrastruttura |
| Riskju 3 | **Kapaċità, kompetenza u effiċjenza insuffiċjenti biex tiġi appoġġata t-tmexxija operattiva wara d-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda** | ▪ degradazzjoni severa tal-kapaċità u l-effiċjenza tal-eu-LISA biex jiġu żgurati sistemi ta' tmexxija operattiva taħt il-mandat tagħha. | Il-Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet |
| Riskju 4 | **Kontrolli legali insuffiċjenti fuq il-kuntratti tas-sistema u fajls importanti oħra** | ▪ għażla mhux xierqa tal-proċeduri ta' akkwist u nuqqas ta' konformità mar-regolament dwar is-sistemi,<br>▪ opinjoni mhux kwalifikata permezz tas-sejbiet tal-awditjar,<br>▪ ħsara għar-reputazzjoni tal-eu-LISA, jiġifieri l-kapaċità tagħha li tiżgura l-legalità u s-solidità tat-tranżazzjonijiet. | Il-Kap tas-Settur Legali |
| Riskju 5 | **Nuqqas ta' talent, f'allinjament mal-ħtiġijiet tal-Aġenzija, li għandu impatt fuq it-twassil tas-servizzi mistennija** | ▪ inabbiltà li jitwasslu s-servizzi u l-objettivi taħt il-mandat tagħha fil-kwalità mistennija minħabba nuqqas ta' ħiliet meħtieġa,<br>▪ proċessi twal ta' reklutaġġ u ta' onboarding li jdewmu t-twassil tas-servizz,<br>▪ ħsara għar-reputazzjoni tal-eu-LISA u n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati. | Il-Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani |
| Riskju 6 | **Nuqqas ta' ppjanar ċentralizzat għall-manutenzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-hardware u tas-software** | ▪ impatt kritiku fuq il-kost, l-iskeda u l-kwalità tal-manutenzjoni tal-infrastruttura (eż., l-istabbiltà operazzjonali u d-disponibbiltà tal-ispazju fiżiku),<br>▪ dewmien fl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda u l-implimentazzjoni ta' aġġornamenti kritiċi,<br>▪ ammont ta' xogħol addizzjonali bla bżonn. | Il-Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tas-Soluzzjonijiet Diġitali |
| Riskju 7 | **Dokumentazzjoni tas-sistema mhux miżmuma f'repożitorju ċentrali** | ▪ tnaqqis fil-kontroll fuq it-tħejjija u t-tranżizzjoni bejn il-kuntratturi,<br>▪ kwalità aktar baxxa fir-riżultati tanġibbli minħabba sjieda minn tarf sa tarf nieqsa,<br>▪ kontrolli interni aktar kumplessi u preċiżi. | Il-Kap tal-Unità tal-Ġestjoni tal-Programmi u s-Soluzzjonijiet |
| Riskju 8 | **Riżorsi insuffiċjenti għall-ġestjoni tal-kuntratti ta' appoġġ estern u diffikultà għall-konformità mal-liġijiet tax-xogħol nazzjonali** | ▪ kapaċità insuffiċjenti għall-ġestjoni tal-appoġġ estern u pressjoni mhux sostenibbli fuq ir-riżorsi,<br>▪ probabbiltà akbar ta' nuqqas ta' konformità mal-liġijiet nazzjonali tax-xogħol,<br>▪ ħsara għar-reputazzjoni tal-eu-LISA. | Il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi |
| Riskju 9 | **Sitwazzjoni ġeopolitika** | ▪ probabbiltà akbar ta' attakk ta' sigurtà ibridu b'suċċess kontra l-eu-LISA,<br>▪ żieda fl-azzjonijiet sponsorjati mill-Istat, inkluż l-ispjunaġġ u s-sabotaġġ, minn ċerti stati.<br>▪ protezzjoni fiżika tas-siti tal-Aġenzija li għandha tiġi infurzata. | Il-Kap tal-Unità tas-Sigurtà |
| Riskju 10 | **Durata prolongata tal-kuntratti qafas ta' appoġġ estern** | ▪ riskju legali dwar ir-rikwalifikazzjoni possibbli ta' xi kuntratturi bħala karigi tal-persunal (jiġifieri, minħabba r-reklutaġġ konsekuttiv tal-istess persuna għall-istess kompiti skont l-istess kuntratt). | Il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi |
| Riskju 11 | **Nuqqas ta' kapaċità sħiħa tal-ippjanar tal-Istrateġija ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista u tal-forza tax-xogħol** | ▪ Inabbiltà biex timplimenta b'mod affidabbli u effiċjenti l-mandat tagħha (eż., ħarsa ġenerali insuffiċjenti tal-ħtiġijiet tal-akkwist, esternalizzazzjoni żbilanċjata, nuqqas ta' kontinwità u stabbiltà fl-attivitajiet operazzjonali). | Il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi |
| Riskju 12 | **Ġestjoni tar-rekwiżiti, ġestjoni tat-talbiet tal-partijiet ikkonċernati u għodod ta' analiżi operattiva jew** | ▪ tnaqqis fil-kwalità tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet operattivi kumplessi (eż. il-ġestjoni tad-domanda u tal-għarfien), | Direttur Eżekuttiv |

| Ref. | Riskju identifikat | Impatt | Sid |
|---|---|---|---|
| | **mhux miżmuma jew mhux preżenti** | ■ nuqqas ta' konformità regolatorja tas-sistemi eżistenti u ġodda taħt il-mandat tal-eu-LISA. | |
| Riskju 13 | **Dejn għoli f'vulnerabbiltajiet tas-sigurtà** | ■ ksur b'suċċess tad-*data* jista' jaffettwa s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE,<br>■ nuqqas potenzjali ta' disponibbiltà tas-sistemi li jaffettwaw is-servizzi għaċ-ċittadini tal-UE u l-operazzjonijiet tal-IT,<br>■ ħsara għar-reputazzjoni tal-eu-LISA u telf ta' fiduċja tal-partijiet ikkonċernati,<br>■ implikazzjonijiet finanzjarji u s-sanzjonijiet regolatorji potenzjali minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti. | Il-Kap tal-Unità tas-Sigurtà |
| Riskju 14 | **Disponibbiltà mdewma ta' ċentru tad-*data* modulari għall-unità ċentrali ta' backup** | ■ minħabba kapaċità limitata, is-sistemi operattivi jkollhom jitħaddmu b'istanza waħda jew ikollhom dewmien. | Il-Kap tal-Unità tal-Pjattaformi u tal-Infrastruttura |

**▲ Tabella 25. Miżuri ta' rispons u mitigazzjoni għar-riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti**

| Ref. | Tip | Probabbiltà | Impatt | Miżuri ta' rispons u ta' mitigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| **Riskju 1** | theddid | għoli (ogħla għal sistemi esposti għall-internet) | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ żieda fil-monitoraġġ tas-sistemi operattivi ewlenin u tal-IT korporattiva,<br>■ tisħiħ fil-qagħda taċ-ċibersigurtà,<br>■ titjib fl-ittestjar tas-sigurtà b'fokus fuq sistemi esposti għall-Internet,<br>■ eżerċizzji regolari ta' sigurtà u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni. |
| **Riskju 2** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ implimentazzjoni taċ-ċentru tad-*data* modulari (MDC2). |
| **Riskju 3** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ rieżami u kjarifika tal-mudell ta' appoġġ,<br>■ żieda fil-kapaċità b'segwitu mill-qrib tar-reklutaġġ,<br>■ trawwim tal-kapaċitajiet permezz ta' taħriġ qabel kwalunkwe dħul fis-seħħ. |
| **Riskju 4** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ rieżami legali bikri u sistematiku,<br>■ infurzar tar-riżorsi legali. |
| **Riskju 5** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ iffinalizzar tal-Istrateġija ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista,<br>■ aġġornament tal-Qafas ta' Kompetenza,<br>■ maniġers tal-appoġġ fil-valutazzjonijiet tal-probazzjoni, |
| **Riskju 6** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ implimentazzjoni ta' għodda għall-ġestjoni tal-assi,<br>■ infurzar tal-Kapaċità ta' Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni. |
| **Riskju 7** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ awtomatizzazzjoni tal-ġestjoni tad-dokumenti matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott,<br>■ tisħiħ tal-proċess tal-Ġestjoni tal-Għarfien,<br>■ implimentazzjoni tas-soluzzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti (DMS) għad-dokumentazzjoni tas-sistemi, filwaqt li jiġu infurmati l-partijiet ikkonċernati rilevanti. |
| **Riskju 8** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *evitar***<br>■ użu ta' karigi fuq terminu qasir meta jkun possibbli u s-sejħa għall-mobbiltà interna,<br>■ awtomatizzazzjoni tal-proċess bl-iżvilupp ta' għodda interna. |
| **Riskju 9** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ stabbiliment ta' task force,<br>■ Iffirmar ta' Memorandum ta' Qbil ġdid mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri ospitanti,<br>■ aġġornament tal-proċess għall-aċċess fiżiku fil-bini tal-eu-LISA. |
| **Riskju 10** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ evalwazzjoni tar-riżultati tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt Qafas tal-Ħaddiema *Interim*. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riskju 11** | theddid | għoli ħafna | għoli | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ iffinalizzar tal-Istrateġija ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista. |
| **Riskju 12** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ definizzjoni tal-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati,<br>■ għoti ta' prijorità lill-għodod tal-ġestjoni tar-rekwiżiti u tal-analiżi operattiva |
| **Riskju 13** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' ġestjoni tal-vulnerabbiltà b'valutazzjonijiet regolari u testijiet tal-penetrazzjoni,<br>■ rieżami tal-istabbiliment tal-pjanijiet ta' manutenzjoni. |
| **Riskju 14** | theddid | għoli | għoli ħafna | **Rispons: *tnaqqis***<br>■ monitoraġġ kontinwu tal-progress tad-disponibbiltà,<br>■ evalwazzjoni regolari tal-impatti u soluzzjonijiet tekniċi potenzjali. |

### Ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-proġett u tal-programm

Minbarra l-Politika ta' Ġestjoni tar-Riskju, li tippreżenta approċċ unifikat għall-monitoraġġ tar-riskji fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, il-**Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti** tal-eu-LISA tipprovdi gwida dwar l-aħjar prattiki għall-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-proġett. Il-proġetti kollha ġestiti mill-eu-LISA jiġu mmonitorjati permezz tas-soluzzjoni tal-Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti (PPM) li tirreġistra **r-riskji u l-kwistjonijiet ta' kull proġett** taħt il-kompiti tad-Direttur ta' Proġett responsabbli. Ir-riskji u l-kwistjonijiet għal kull programm u proġett jiġu diskussi fir-**Rieżami tal-Progress tal-Programm** rispettiv, b'mekkaniżmu ta' eskalazzjoni lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm, jekk ikun meħtieġ.[101] Fir-rigward tar-rapportar estern, ir-riskji kollha jiġu ppreżentati f'rapporti ta' kull xahar lill-Bordijiet tat-Tmexxija tal-Programm (PMB) tal-eu-LISA.

## Strateġija kontra l-frodi

L-Istrateġija tal-Aġenzija Kontra l-Frodi ssegwi l-istruttura u l-kontenut issuġġeriti mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fil-gwida tiegħu għall-iżvilupp ta' strateġiji kontra l-frodi. Il-prinċipji bażiċi li jiggwidaw l-istrateġija tal-eu-LISA kontra l-frodi jinkludu l-etika, l-integrità, it-trasparenza msaħħa, il-prevenzjoni tal-frodi u l-kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati u s-sħab interni u esterni.

Il-persunal tal-Aġenzija, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi u l-kuntratturi esterni kollha huma meħtieġa japplikaw l-ogħla standards ta' onestà u integrità fit-twettiq ta' dmirijiethom. L-Aġenzija ma tittollerax imġiba mhux etika bħal frodi u se tirrapporta, mingħajr dewmien, kwalunkwe każ ta' suspett ta' frodi lill-OLAF, aġenzija tal-UE dedikata b'kompetenza esklużiva u b'mandat legali biex tinvestiga l-każijiet kollha bħal dawn.

L-Aġenzija se tieħu azzjoni u tadotta l-miżuri kollha, kif xieraq, inkluż it-terminazzjoni ta' kuntratti ta' impjieg, kontra kwalunkwe persuna li tagħmel frodi jew tipprova tagħmel frodi lill-eu-LISA jew assi u riżorsi oħra tal-UE jew li b'xi mod tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Aġenzija. Fil-każijiet kollha bħal dawn, l-eu-LISA se tikkoopera mal-OLAF u ma' kwalunkwe awtorità rilevanti oħra tal-UE.

L-Aġenzija kontinwament tfittex li ttejjeb il-miżuri preventivi u ta' kxif tagħha kontra l-frodi u tirrispondi malajr għal bidliet sinifikanti li jaffettwaw il-persunal, il-baġit u l-ambjent operatorju tagħha. Għal dak il-għan, l-Aġenzija tagħmel sforz konsiderevoli biex:

- tikseb u żżomm konformità sħiħa mal-prinċipji kontra l-frodi,
- tistabbilixxi u żżomm livell għoli ta' etika u ta' integrità,
- tiżviluppa u tuża l-analitika tad-*data* għal skopijiet ta' prevenzjoni u ta' kxif ta' frodi.[102]

Kull tliet snin, l-Aġenzija twettaq valutazzjoni tar-riskju ta' frodi dedikata. Abbażi ta' din, l-għanijiet imsemmija hawn fuq jiġu rieżaminati u adattati għall-eżiti tal-valutazzjoni u jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni rilevanti. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu mmonitorjati u rrapportati lill-maniġment kull sena biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

---

[101] Ir-Rieżami tal-Progress tal-Programm u l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm huma elementi ewlenin tal-governanza interna tal-proġetti u tal-programmi tal-eu-LISA, stabbiliti bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tas-26 ta' Ġunju 2024.

[102] *Gwida għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Frodi* dwar l-aħjar prattiki għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ta' frodi, il-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw il-Kummissjoni Treadway (COSO) u l-Assoċjazzjoni ta' Eżaminaturi Ċċertifikati tal-Frodi (ACFE), 2016.

# Anness XI. Pjan għal għotjiet, kontribuzzjonijiet jew FLS

Skont l-Artikolu 7 tar-regoli finanzjarji tal-eu-LISA, l-Aġenzija ngħatat il-kompitu tat-tfassil, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (CP tas-SIK).[103] Il-Ftehim ta' Kontribuzzjoni għall-PK tas-SIK ġie ffirmat fis-17 ta' Mejju 2024.

Fil-perjodu 2024-2027, l-Aġenzija għandha tirċievi total ta' **EUR 13.884 miljun** mill-**Programm Ewropa Diġitali** permezz ta' ftehim ta' kontribuzzjoni ffirmat mal-Kummissjoni.[104]

Id-diżaggregazzjoni tad-dħul minn kull sors ta' finanzjament huwa spjegat fid-dettall fit-tabella ta' hawn taħt.

| Programm Ewropa Diġitali | | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal | impenji | 0 608 | 1 216 | 1 380 | 1 380 | 4 584 |
| | pagamenti | 0 608 | 1 216 | 1 380 | 1 380 | 4 584 |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | impenji | 3 000 | 2 900 | 1 700 | 1 700 | 9 300 |
| | pagamenti | 3 000 | 2 900 | 1 700 | 1 700 | 9 300 |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet għall-eu-LISA** | **impenji** | **3 608** | **4 116** | **3 080** | **3 080** | **13 884** |
| | **pagamenti** | **3 608** | **4 116** | **3 080** | **3 080** | **13 884** |

[103] *Ir-Regolament (UE) 2023/969* tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 1-20.

[104] Il-Ftehim ta' Kontribuzzjoni tal-UE (JUST/2024/PR/CNECT/0031) bejn l-eu-LISA u d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST) tal-Kummissjoni Ewropea ġie ffirmat fis-17 ta' Mejju 2024.

# Anness XII. Strateġija għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet terzi u internazzjonali

## Qafas għall-kooperazzjoni

Il-qafas sottostanti għall-kooperazzjoni tal-eu-LISA ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħra jirriżulta mir-Regolament ta' stabbiliment tagħha. L-Artikolu 43 jistipula li għat-twettiq tal-kompiti tagħha, l-eu-LISA tista' tistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rregolati mid-dritt internazzjonali pubbliku, kif ukoll ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħra, li jiġi stabbiliti bi ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar.

Madankollu, l-arranġamenti kollha ta' ħidma ta' dan it-tip jistgħu jiġu konklużi biss bl-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, wara li jkun irċieva l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni Ewropea, biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-objettivi strateġiċi usa' tal-UE fid-dominju tal-ĠAI, kif ukoll mal-politiki esterni tal-UE.

Il-prinċipji ġenerali li jiggwidaw il-kooperazzjoni futura tal-eu-LISA ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' ħidma possibbli jridu jkunu f'konformità mal-qafas legali applikabbli u, għalhekk, iridu jimmiraw li:

- jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha kif stipulat fir-Regolament ta' stabbiliment tagħha, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-EES, tal-ETIAS u tal-arkitettura tal-Interoperabbiltà,
- jippromwovu r-rwol tal-eu-LISA bħala ċentru ta' eċċellenza permezz tal-iskambju ta' għarfien u esperjenzi,
- isaħħu l-kapaċitajiet tal-eu-LISA li tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali.

## Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi

Fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, il-fokus tal-Aġenzija huwa ggwidat mir-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA, kif ukoll mill-qafas legali u mill-prijoritajiet politiċi tal-UE fid-dominju tal-ĠAI.

Kwalunkwe arranġament ta' ħidma possibbli, pereżempju, mal-Interpol (għall-implimentazzjoni tal-obbligi fir-rigward tal-ETIAS u l-arkitettura tal-Interoperabbiltà) se jistenna u jirrispetta bis-sħiħ ir-riżultat tan-negozjati tal-Kummissjoni mal-Interpol u l-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, wara li jirċievi approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.

# Anness XIII. Studji u valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-SPD 2026–2028

| Qasam | Suġġett | Impatt fuq l-attività tal-SPD 2026-2028 |
|---|---|---|
| **Eurodac** | studju dwar ir-rikonoxximent tal-wiċċ tal-Eurodac | L-istudju se jinvestiga l-fattibbiltà tar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-Eurodac. Dan huwa mistenni li jwassal għal attività għall-evoluzzjoni u t-titjib tal-Eurodac. |
| **Arkitettura** | studju dwar arkitettura futura bbażata fuq l-avvenimenti | L-istudju se jinvestiga l-arkitettura reżiljenti u ta' prestazzjoni futura għas-sistemi operattivi ewlenin tal-eu-LISA. |

L-ewwel edizzjoni, manuskritt ikkompletat f'Novembru 2025.

La l-eu-LISA u l-ebda persuna li taġixxi f'isem l-eu-LISA mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni ppreżentata f'dan id-dokument.
© eu-LISA, 2025

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-eu-LISA, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-eu-LISA ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur għall-elementi li ġejjin: l-immaġnijiet kollha ġew liċenzjati u rkuprati minn Adobstock – stock.adobe.com.